## Kapitolu I

# Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej

## A – Żvilupp u Attività tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2005

Mis-Sur Vassilios Skouris, President tal-Qorti tal-Ġustizzja

Din il-parti tar-Rapport Annwali tagħti deskrizzjoni fil-qosor ta' l-attivitajiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej matul is-sena 2005. Hija l-ewwel tagħti ħarsa lejn l-iżvilupp ta' l-Istituzzjoni matul din is-sena b'enfażi kemm fuq it-tibdiliet istituzzjonali li kellhom impatt fuq il-mod kif taħdem il-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll fuq il-modifiki li jirrigwardaw l-organizzazzjoni interna u l-metodi tax-xogħol tagħha (Taqsima 1). It-tieni nett, hija tinkludi analiżi statistika ta' l-iżvilupp tal-volum tax-xogħol ta' l-Istituzzjoni kif ukoll it-tul medju tal-proċeduri (Taqsima 2). It-tielet nett, bħal kull sena, hija tesponi l-iżviluppi prinċipali fil-ġurisprudenza, ikklassifikati skond is-suġġett (Taqsima 3).

**1.** L-iżvilupp istituzzjonali tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2005 kien ikkaratterizzat prinċipalment mill-fatt li beda jopera t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea (Taqsima 1.1). Jixraq li tingħibed l-attenzjoni wkoll għall-emendi li saru għall-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll għal dawk li saru għar-Regoli tal-Proċedura (Taqsima 1.2).

**1.1.** It-twaqqif tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Novembru 2004 u d-dħul fil-kariga tas-seba' Membri tiegħu, kienu mumenti importanti għall-Istituzzjoni. Huma jifformaw parti mill-qafas ta' l-emendi li twettqu fl-istruttura ġudizzjarja ta' l-Unjoni Ewropea permezz tat-Trattat ta' Nizza. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkostitwixxi l-ewwel awla ġurisdizzjonali speċjalizzata, imwaqqfa skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 220 u l-Artikolu 225a KE.

Il-kawżi dwar is-servizz pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea jikkostitwixxu parti sostanzjali mill-volum ta' xogħol tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li magħha hija annessa din l-awla ġurisdizzjonali l-ġdida. Għal dak li jirrigwarda l-Qorti tal-Ġustizzja, il-volum ta' xogħol li rrappreżentaw l-appelli mressqa kontra s-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar is-servizz pubbliku kien proporzjonalment inqas kbir. Għaldaqstant, it-twaqqif ta' din l-awla ġurisdizzjonali l-ġdida huwa intiż prinċipalment sabiex inaqqas il-volum ta' xogħol tal-Qorti tal-Prim'Istanza, volum li żdied wara li fl-2004 ġiet ittrasferita lill-Qorti tal-Prim'Istanza, skond it-Trattat ta' Nizza, il-ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi ċerti kategoriji ta' rikorsi diretti li qabel kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Fit-tielet parti ta' dan ir-Rapport, il-qarrej ser isib relazzjoni ddettaljata tal-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku dwar l-ewwel attivitajiet li twettqu minn din l-awla ġurisdizzjonali l-ġdida fl-2005.

**1.2.** Għal dak li jirrigwarda l-emendi li saru għat-testi li jirregolaw il-proċedura, għandu jiġi rrilevat, qabel xejn, li minħabba t-twaqqif tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kien jeħtieġ li fil-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jiddaħħlu xi dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrigwardaw il-proċedura ta' eżami mill-ġdid mill-Qorti tal-Ġustizzja tas-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza mogħtija fuq appell. Għaldaqstant, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2005, iddaħħlu fit-test tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja l-Artikoli 62a u 62b li, b'mod partikolari, jipprovdu regoli ġenerali dwar in-natura urġenti ta' din il-proċedura, il-fażijiet miktuba u orali ta' l-imsemmija proċedura u l-eventwali effett sospensiv tagħha.

Barra minn hekk, ir-riflessjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kors tal-proċeduri u l-metodi ta' xogħol wassluha, fl-2004, sabiex tipproponi ċerti emendi għar-Regoli tal-Proċedura tagħha, u dan bil-ħsieb li tnaqqas it-tul tal-proċeduri. Wara diskussjoni fi ħdan il-Kunsill, dawn l-emendi ġew adottati fit-12 ta' Lulju 2005 u daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2005. Huma jirrigwardaw, l-ewwel nett, l-Artikolu 37(7) tar-Regoli tal-Proċedura li issa jagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-fakultà li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom att ta' proċedura trażmess b'mezz elettroniku jitqies bħala l-oriġinal ta' dan l-att. It-tieni nett, dawn l-emendi jirrigwardaw l-Artikolu 104(1) tar-Regoli tal-Proċedura li, minn issa 'l quddiem, jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja li ma tittraduċix, fil-lingwi uffiċjali kollha, it-test integrali tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari meta dawn it-talbiet ikunu partikolarment twal. F'dan il-każ, it-traduzzjoni tat-test integrali ta' dawn it-talbiet għandha tiġi ssostitwita minn traduzzjoni ta' sunt fil-lingwa uffiċjali ta' l-Istati destinatarji. It-tielet nett, ta' min isemmi wkoll l-emenda ta' l-Artikoli 44a, 104(4) u 120 tar-Regoli tal-Proċedura li qassret it-terminu għall-preżentata ta' talba għas-smigħ ta' sottomissjonijiet orali minn xahar għal tliet ġimgħat.

Fl-aħħar nett, serje oħra ta' emendi tar-Regoli tal-Proċedura proposta mill-Qorti tal-Ġustizzja ġiet approvata mill-Kunsill fit-18 ta' Ottubru 2005 u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2005. Dawn l-emendi jinkludu, b'mod partikolari, it-tneħħija ta' l-Awla Istruttorja, li hija formazzjoni li ma kinitx għadha tintuża (emenda ta' l-Artikoli 9(2), 44(5), 45(3), 46, 60, 74(1) u 76(3)), l-emenda ta' l-Artikoli 11b(1) u 11c(1), li huma artikoli intiżi sabiex jassiguraw parteċipazzjoni iktar ġusta ta' l-Imħallfin fl-Awla Manja u fil-kulleġġi ġudikanti l-oħra u, fl-aħħar nett, in-nomina ta' żewġ Imħallfin supplenti fil-kawżi li, fil-bidu ta' sena li fiha jsir tibdil parzjali ta' l-Imħallfin u sakemm ikun sar dan it-tibdil, jintbagħtu quddiem l-Awla Manja.

**2.** L-impatt ta' l-effett kumulattiv tal-miżuri adottati bil-ħsieb li tittejjeb l-effiċjenza tal-metodi ta' xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-ħatra ta' għaxar Imħallfin ġodda wara t-tkabbir ikompli jidher b'mod ċar fl-istatistika ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja għas-sena 2005. Ta' min jinnota tnaqqis ta' madwar 12% fil-kawżi pendenti, kif ukoll tnaqqis sostanzjali ħafna fit-tul tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet 512 kawża fl-2005 (ċifra netta, inklużi l-kawżi magħquda). Minn dawn il-kawżi, 362 inqatgħu permezz ta' sentenza u 150 permezz ta' digriet. Ta' min jinnota li n-numru ta' sentenzi mogħtija fl-2005 jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għal dak ta' l-2004 (375 sentenza); min-naħa l-oħra, naqas in-numru ta' digrieti mogħtija.

Tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja 474 kawza ġdida (531 fl-2004, ċifri grossi). In-numru ta' kawżi pendenti fl-aħħar tas-sena 2005 jammonta għal 740 (ċifra grossa), meta mqabbla ma' 840 fl-aħħar tas-sena 2004 u 974 fl-aħħar tas-sena 2003. Fi kliem ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja rnexxielha tnaqqas in-numru ta' kawżi pendenti b'madwar 24% u dan, f'sentejn biss.

It-tnaqqis fit-tul tal-proċeduri, li diġà ġie osservat fl-2004, jidher iktar u iktar ċar fl-2005 f'dak li jirrigwarda r-rinviji għal deċiżjoni preliminari: it-tul medju tal-proċeduri naqas minn 23.5 xahar għal 20.4 xahar. F'dak li jirrigwarda r-rikorsi diretti u l-appelli, it-tul medju tal-proċeduri kien ta' 21 xahar. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, fl-2003, it-tul medju tal-proċeduri kien ta' 25 xahar għall-kawżi preliminari u għar-rikorsi diretti, u ta' 28 xahar għall-appelli.

Matul is-sena li għaddiet, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet użu għaqli mid-diversi strumenti għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tħaffef ċerti kawżi (prijorità tad-deċiżjonijiet, proċedura mħaffa, proċedura ssemplifikata u l-possibbiltà li tagħti sentenza mingħajr konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali). Il-proċedura mħaffa ġiet mitluba f'6 kawżi, iżda l-kundizzjonijiet eċċezzjonali ta' urġenza li huma meħtieġa mir-Regoli tal-Proċedura ma ġewx sodisfatti. Skond prassi stabbilita fl-2004, it-talbiet għal proċedura mħaffa jiġu milqugħa jew miċħuda permezz ta' digriet motivat tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Minbarra dan, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet tuża l-proċedura ssemplifikata prevista fl-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha sabiex tirrispondi għal ċerti domandi magħmula lilha permezz ta' rinviju għal deċizjoni preliminari. Fil-fatt, ingħataw tnax-il digriet abbażi ta' din id-dispożizzjoni, b'mod li nqatgħu b'kollox 29 kawża.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet użu pjuttost frekwenti mis-setgħa, mogħtija lilha bl-Artikolu 20 ta' l-Istatut, li tagħti sentenza mingħajr konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali meta l-kawża ma tqajjem ebda kwistjoni ġdida ta' dritt. Fil-fatt, nistgħu nsemmu li madwar 35% tas-sentenzi mogħtija fl-2005 kienu mingħajr konklużjonijiet (30% fl-2004).

Fir-rigward tat-tqassim tal-kawżi bejn id-diversi kulleġġi ġudikanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, ta' min isemmi li l-Awla Manja u s-Seduta Plenarja ddeċidew kważi 13% tal-kawżi maqtugħa fl-2005, l-Awli b'ħames Imħallfin 54%, filwaqt li, min-naħa tagħhom, l-Awli bi tliet Imħallfin iddeċidew 33% tal-kawżi maqtugħa fl-2005. Jidher li, ħlief għal żieda marġinali fil-kawżi deċiżi mil-Awla Manja, il-perċentwali rispettiva ta' kawżi deċiżi minn kull tip ta' kulleġġ ġudikanti baqgħet ma nbidlitx meta mqabbla mas-sena 2004.

Għal iktar informazzjoni dwar l-istatistika tas-sena ġudizzjarja 2005, il-qarrej għandu jirreferi għall-Kapitolu V ta' dan ir-Rapport.

**3.** Din it-taqsima tippreżenta l-iżviluppi prinċipali fil-ġurisprudenza li huma kklassifikati skond is-suġġett, kif ġej:

dritt istituzzjonali; projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità u ċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni; moviment liberu tal-merkanzija; agrikoltura; moviment liberu tal-ħaddiema; libertà ta' stabbiliment u provvista libera tas-servizzi; moviment liberu tal-kapital; regoli ta' kompetizzjoni; approssimazzjoni tal-liġijiet; dritt soċjali; dritt tal-kumpanniji; ambjent.

Tajjeb li jiġi speċifikat li sentenza li tkun ikklassifikata taħt suġġett partikolari tista' tirrigwarda kwistjonijiet ta' importanza kbira li jaqgħu taħt suġġett ieħor.

**3.1.** Fost is-sentenzi li jittrattaw kwistjonijiet kostituzzjonali jew istituzzjonali, sitta minnhom jixirqilhom li jissemmew; tnejn minnhom jirrigwardaw deċiżjonijiet qafas adottati fil-kuntest tat-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("it-tielet pilastru"), filwaqt li l-erba' l-oħra jirrigwardaw, rispettivament, l-effetti ta' ftehim ta' sħubija bejn il-Komunità u Stat terz, il-qsim tas-setgħat ta' implementazzjoni bejn il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà tar-rikors għal annullament u, fl-aħħar nett, is-setgħat tal-Qorti tal-Ġustizzja meta jitressaq quddiemha rikors kontra Stat Membru li ma jkunx ikkonforma ruħu ma' sentenza li tikkonstata nuqqas ta' dan l-Istat li jwettaq obbligu.

Fil-kawża *Pupino* (sentenza tas-16 ta' Ġunju 2005, C-105/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha domanda preliminari dwar it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tressqet mill-Imħallef inkarigat mill-investigazzjonjiet preliminari fit-Tribunale di Firenze (l-Italja). Dan l-Imħallef kellu quddiemu kawża kriminali kontra għalliema fi skola materna, is-Sinjura Pupino, li kienet akkużata b'maltrattament ta' tfal minuri li fiż-żmien meta ġraw il-fatti kellhom inqas minn ħames snin.

Waqt l-investigazzjoni preliminari, inġabret ix-xhieda tal-vittmi minuri mill-Imħallef li għamel ir-rinviju. Skond id-dritt proċedurali Taljan, l-elementi miġbura waqt il-fażi ta' l-investigazzjoni preliminari jiġu kkunsidrati bħala provi fis-sens tekniku biss meta jkunu suġġetti għall-kontradittorju waqt it-tieni fażi tal-proċedura, il-proċedura orali f'seduta pubblika. Madankollu, teżisti eċċezzjoni prevista fl-Artikoli 392(1) u 398(5) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Taljan (iktar 'il quddiem, il-"KPK") fil-każ fejn minuri ta' inqas minn sittax-il sena jkunu vittmi ta' ċerti reati, li huma elenkati b'mod tassattiv fit-testi, bħalma huma l-abbużi sesswali. F'dawn il-każijiet, ix-xhieda miġbura waqt l-ewwel fażi tal-proċedura jkollhom il-valur ta' prova mingħajr ma jeħtieġ li jkunu suġġetti għall-kontradittorju u sabiex il-vittmi jiġu protetti. Abbażi ta' dan, il-Prosekutur Pubbliku talab li din l-eċċezzjoni tiġi applikata għall-każ tas-Sinjura Pupino, sabiex il-minuri ma jiġux ikkonfrontati ma' l-akkużata, u minħabba li kienu ttrawmatizzati psikoloġikament.

L-artikoli tal-KPK li jipprovdu din l-eċċezzjoni fir-rigward tal-provi ġew adottati wara d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/JHA[1] li tipprovdi għar-rikonoxximent tad-drittijiet tal-vittmi (Artikolu 2), għall-possibbiltà għall-vittmi li jinstemgħu (Artikolu 3), kif ukoll għall-protezzjoni tagħhom, b'mod partikolari mill-konsegwenzi tax-xhieda pubblika tagħhom (Artikolu 8).

L-Imħallef li għamel ir-rinviju ddeċieda li jissospendi l-proċeduri u jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tippronunzja ruħha fuq il-portata ta' l-Artikoli 2, 3 u 8 tad-Deċiżjoni Qafas, bil-għan li jeżamina l-opportunità li l-eċċezzjoni tal-KPK tiġi estiża għall-każ in kwistjoni u jinterpreta l-liġi Taljana fid-dawl tad-Deċiżjoni Qafas Komunitarja.

Wara li analizzat, l-ewwel nett, il-kompetenza tagħha biex tippronunzja ruħha fuq it-talba għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikolu 35(2) UE, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tat-talba mqajma mill-Gvern Franċiż u mill-Gvern Taljan fis-sens li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx ser tkun utli għad-deċiżjoni tal-kawża prinċipali. Il-Gvern Franċiż sostna li l-Imħallef li għamel ir-rinviju kien qiegħed ifittex li japplika d-Deċiżjoni Qafas direttament, meta tali dispożizzjonijiet m'għandhomx effett dirett, skond l-Artikolu 34(2)(b) UE. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li teżisti preżunzjoni ta' rilevanza marbuta mad-domandi preliminari, li tista' tiġi eskluża biss f'każijiet eċċezzjonali, meta l-interpretazzjoni mitluba ma jkollha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża jew "meta l-problema hija ta' natura ipotetika jew li l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex quddiemha l-elementi ta' fatt jew ta' dritt neċessarji sabiex tirrispondi, b'mod utli, għad-domandi rrinvjati".

[1] Deċiżjoni [Qafas] tal-Kunsill 2001/220/JHA tal-15 ta' Marzu 2001 dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali (ĠU L 82, 2001, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Qafas").

Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà billi ddikjarat li l-kliem ta' l-Artikolu 34(2) (b) UE jattribwixxi natura vinkolanti lid-deċiżjonijiet qafas, li toħloq, għall-awtoritajiet nazzjonali, obbligu ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali, bħal fil-każ tad-direttivi, skond it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 249 KE. Għaldaqstant, fl-applikazzjoni tad-dritt intern, "il-qorti nazzjonali li trid tinterpreta dan id-dritt għandha, kemm huwa possibbli, tagħmel dan fid-dawl tat-test u ta' l-għan tad-deċiżjoni qafas sabiex jintlaħaq ir-riżultat maħsub f'din ta' l-aħħar". L-obbligu ta' l-Imħallef nazzjonali li jirreferi għall-kontenut tad-deċiżjoni qafas meta jinterpreta r-regoli rilevanti tad-dritt nazzjonali madankollu jsib il-limiti tiegħu "fil-prinċipji ġenerali tad-dritt, u b'mod partikolari f'dawk ta' ċertezza legali u ta' nonretroattività". Bl-istess mod, "il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi ma jistax ikun ta' bażi għal interpretazzjoni li tmur kontra l-liġi nazzjonali". "Madankollu, dan il-prinċipju jirrikjedi li l-qorti nazzjonali tieħu in kunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, id-dritt nazzjonali kollu sabiex tevalwa safejn dan għandu jiġi applikat b'mod li ma jinkisibx riżultat li jmur kontra dak maħsub mid-deċiżjoni qafas".

Għaldaqstant, minkejja n-natura intergovernamentali tad-deċiżjonijiet qafas li jaqgħu taħt it-tielet pilastru u minkejja n-nuqqas ta' effett dirett ta' dawn it-testi, id-dritt nazzjonali li jinkorporahom jista' jiġi interpretat fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet u ta' l-għanijiet tagħhom. Dan jaqbel mar-rieda ta' l-Istati Membri li joħolqu "unjoni dejjem iżjed ravviċinata" li tagħmel użu mill-istrumenti ġuridiċi li għandhom effetti analogi għal dawk previsti fit-Trattat KE, intiżi sabiex imexxu l-integrazzjoni iżjed 'il quddiem (punt 36).

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas għandhom jiġu interpretati fis-sens li "l-qorti nazzjonali għandu jkollha l-possibbiltà tawtorizza li tfal ta' età zgħira, li kienu allegatament vittmi ta' maltrattament, jagħtu x-xhieda tagħhom permezz ta' proċeduri li jiggarantixxu lil dawn it-tfal livell xieraq ta' protezzjoni, per eżempju barra mis-seduta pubblika u qabel ma tinżamm din is-seduta".

Fil-kawża *Il-Kummissjoni* vs *Il-Kunsill* (sentenza tat-13 ta' Settembru 2005, C-176/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha rikors għal annullament tad-Deċiżjoni Qafas 2003/80/JHA[2].

Din id-Deċiżjoni Qafas ġiet adottata abbażi tat-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 29 UE, 31(e) UE u 34(2)(b) UE, fil-verżjoni ta' qabel ma daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Nizza, bħala reazzjoni kollettiva kontra ż-żieda inkwetanti fir-reati kontra l-ambjent. L-Artikoli 2 u 3 tagħha jipprovdu li l-Istati Membri għandhom jagħmlu kriminalment punibbli seba' tipi ta' reati li jkunu kommessi intenzjonalment jew b'negliġenza u li huma ta' ħsara għall-ambjent. L-Artikolu 4 jipprovdi li għandhom ikunu punibbli l-parteċipazzjoni fir-reati mhux bħala awtur, kif ukoll l-istigazzjoni għall-għemil tar-reati. Skond l-Artikolu 5 ta' l-imsemmija Deċiżjoni Qafas, il-pieni kriminali adottati għandhom ikunu "effettivi, proporzjonati u dissważivi". L-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni Qafas jispeċifika li l-iktar każijiet serji għandhom jiġu kkastigati b'pieni li jinvolvu l-privazzjoni tal-libertà li tista' twassal għall-estradizzjoni. L-Artikolu 6 jirregola r-responsabbiltà għall-atti jew l-omissjonijiet tal-persuni ġuridiċi fir-rigward ta' l-aġir iddefinit fl-Artikoli 2 u 4, filwaqt li

2 Deċiżjoni [Qafas] tal-Kunsill 2003/80/JHA tas-27 ta' Jannar 2003 dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 29, 2003, p. 55).

l-Artikolu 7 jagħmilhom punibbli b'"pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi". L-Artikolu 7 jsemmi ħames pieni kriminali konkreti għar-reati li jitwettqu minn persuni ġuridiċi.

Qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas ikkontestata, il-Kummissjoni kienet ippreżentat proposta ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent permezz tal-liġi kriminali, ibbażata fuq l-Artikolu 175(1) KE. Il-Parlament Ewropew ippronunzja ruħu fuq iż-żewġ testi, filwaqt li stieden lill-Kunsill juża d-Deċiżjoni Qafas bħala strument komplementari għad-Direttiva sabiex japplika fir-rigward tal-protezzjoni ta' l-ambjent, permezz tal-liġi kriminali, biss għall-finijiet ta' l-uniċi żewġ aspetti tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u ma jadottax id-Deċiżjoni Qafas qabel ma tiġi adottata l-proposta għal Direttiva. Il-Kunsill ma adottax il-proposta għal Direttiva, iżda adotta d-Direttiva Qafas, filwaqt li, fil-ħames u fis-seba' premessi tad-Direttiva Qafas, semma l-proposta għal Direttiva u indika li l-maġġoranza fil-Kunsill ikkunsidrat li l-proposta kienet tmur lil hinn missetgħat attribwiti lill-Komunità, billi kellha bħala l-għan li tobbliga lill-Istati Membri jadottaw pieni kriminali. Il-Kummissjoni esprimiet in-nuqqas ta' qbil tagħha fuq dan il-punt.

Quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex issostni t-talba tagħha għall-annullament tad-Deċiżjoni Qafas, il-Kummissjoni kkontestat l-għażla tad-dispożizzjonijet tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, imsemmija iktar 'il fuq, bħala bażi legali ta' l-Artikoli 1 sa 7 tad-Deċiżjoni Qafas. Hija enfasizzat li, skond l-Artikolu 2 KE, il-Komunità għandha s-setgħa timponi li l-Istati Membri jadottaw pieni, kriminali jekk ikun il-każ, fuq livell nazzjonali, meta dan jirriżulta neċessarju sabiex jintlaħaq għan Komunitarju.

Il-Kunsill wieġeb li l-qsim tas-setgħa fil-qasam kriminali bejn l-Istati Membri u l-Komunità Ewropea huwa stabbilit b'mod ċar u li l-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma obbligat l-Istati Membri jadottaw pieni kriminali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret li għandha tiżgura li l-atti li, skond il-Kunsill, jaqgħu taħt it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ma jindaħlux fis-setgħat li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE jagħtu lill-Komunità.

F'dak li jirrigwarda l-problema konkreta mressqa quddiemha, hija kkonstatat li l-protezzjoni ta' l-ambjent tikkostitwixxi wieħed mill-għanijiet tal-Komunità ta' natura trażversali u fondamentali, li għat-twettiq tiegħu l-Artikoli 174 sa 176 KE jipprovdu l-istrumenti xierqa, filwaqt li osservat li l-miżuri msemmija fit-tliet inċiżi ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 175(2) KE kollha jimplikaw intervent ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji f'oqsma bħall-politika fiskali, il-politika ta' l-enerġija jew il-politika ta' l-ippjanar ta' l-ibliet u l-kampanja, li fihom, bl-eċċezzjoni tal-politika Komunitarja ta' l-ambjent, jew il-Komunità m'għandhiex setgħa leġiżlattiva, jew hija meħtieġa l-unanimità fi ħdan il-Kunsill.

Wara li għaddiet biex tapplika l-ġurisprudenza stabbilita tagħha li skondha l-għażla tal-bażi legali ta' att Komunitarju għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi, suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, li fosthom jinsabu, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut ta' l-att, hija kkonstatat li d-Deċiżjoni Qafas għandha bħala għan il-protezzjoni ta' l-ambjent u li l-Artikoli 2 sa 7 tagħha jinvolvu armonizzazzjoni parzjali tal-liġijiet kriminali ta' l-Istati Membri, qasam li fih, bħala regola, il-Komunità m'għandhiex setgħa. Hija ddeċidiet li, madankollu, din l-aħħar konstatazzjoni ma tistax timpedixxi lill-leġiżlatur Komunitarju, meta l-applikazzjoni ta' pieni kriminali effettivi, proporzjonali u dissważivi mill-awtoritajiet nazzjonali kom-

petenti tikkostitwixxi miżura indispensabbli għall-ġlieda kontra l-abbużi gravi fil-konfront ta' l-ambjent, milli jieħu miżuri b'relazzjoni mal-liġi kriminali ta' l-Istati Membri li huwa jidhirlu li jkunu meħtieġa sabiex tiġi ggarantita l-effettività sħiħa tar-regoli li huwa jadotta fir-rigward tal-protezzjoni ta' l-ambjent. Billi dawn il-kundizzjonijiet ġew sodisfatti f'dan il-każ, l-Artikoli 1 sa 7 tad-Deċiżjoni Qafas setgħu jiġu validament adottati abbażi ta' l-Artikolu 175 KE, b'mod li d-Deċiżjoni Qafas, peress li tindaħal fis-setgħat li l-Artikolu 175 KE jagħti lill-Komunità, tikser fl-intier tagħha, minħabba li hija indiviżibbli, l-Artikolu 47 UE, u allura hija għandha tiġi annullata.

Il-kawża *Simutenkov* (sentenza tat-12 ta' April 2005, C-265/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), li tkompli fil-linja tal-kawża li tat lok għas-sentenza *Deutscher Handballbund* (sentenza tat-8 ta' Mejju 2003, C-438/00, Ġabra p. I-4135), tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità biex tippronunzja ruħha, għall-ewwel darba, fuq l-effetti ta' ftehim ta' sħubija bejn il-Komunità Ewropea u Stat terz.

Igor Simutenkov huwa ċittadin Russu li għandu permess ta' residenza u permess ta' xogħol fi Spanja. Huwa ġie impjegat bħala plejer tal-futbol professjonali permezz ta' kuntratt ta' impjieg konkluż mal-Club Deportivo Tenerife, filwaqt li kellu liċenzja federali bħala plejer mhux Komunitarju maħruġa mill-Federazzjoni Spanjola tal-Futbol.

Skond ir-regoli ta' din il-Federazzjoni, f'kompetizzjonijiet fuq livell nazzjonali, il-klabbijiet ma jistgħux jilagħbu numru limitat ta' plejers ta' nazzjonalità ta' pajjiżi terzi li ma jifformawx parti miż-Żona Ekonomika Ewropea. Is-Sur Simutenkov talab li l-liċenzja tiegħu tiġi ssostitwita b'liċenzja bħala plejer Komunitarju, abbażi tal-Ftehim ta' Sħubija KE-Federazzjoni Russa li, f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' xogħol, tipprojbixxi d-diskriminazzjoni kontra ċittadin Russu minħabba n-nazzjonalità tiegħu. Il-Federazzjoni ċaħdet din it-talba. Il-qorti Spanjola li quddiemha tressqet il-kawża għamlet domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja biex issir taf jekk ir-regoli tal-federazzjoni sportiva Spanjola kinux kumpatibbli mal-Ftehim.

Wara li stabbiliet li l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni msemmi fl-Artikolu 23(1) tal-Ftehim ta' Sħubija KE-Russja jista' jiġi invokat minn individwu quddiem il-qrati nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat il-portata ta' dan il-prinċipju.

Fl-ewwel lok, hija rrilevat li l-Ftehim in kwistjoni jistabbilixxi, favur ħaddiema Russi li jaħdmu legalment fit-territorju ta' Stat Membru, dritt għall-ugwaljanza fit-trattament fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li għandu l-istess portata bħal dak rikonoxxut f'termini simili mit-Trattat KE favur iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri. Dan id-dritt jipprekludi limitazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità bħalma hija dik in kwistjoni, kif ikkonstatat il-Qorti tal-Ġustizzja f'ċirkustanzi simili fis-sentenzi *Bosman* u *Deutscher Handballbund.*

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-limitazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità ma tirrigwardax logħbiet speċifiċi bejn timijiet li jirrappreżentaw il-pajjiżi rispettivi tagħhom, iżda tapplika għal-logħbiet uffiċjali bejn klabbijiet u, għaldaqstant, għall-qofol ta' l-attività mwettqa mill-plejers professjonali. Għalhekk, tali limitazzjoni mhijiex iġġustifikata minn kunsiderazzjonijiet sportivi.

Għalddaqstant, l-Artikolu 23(1) tal-Ftehim ta' Sħubija KE-Federazzjoni Russa jipprekludi l-applikazzjoni, fil-konfront ta' professjonist sportiv ta' nazzjonalità Russa li jiġi impjegat b'mod regolari ma' klabb stabbilit fi Stat Membru, ta' regola imposta minn federazzjoni sportiva ta' l-istess Stat, li tiddisponi li, f'kompetizzjonijiet organizzati fuq livell nazzjonali, il-klabbijiet jistgħu jilagħbu biss numru limitat ta' plejers li ġejjin minn Stati terzi li mhumiex parti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

Fil-kawża C-257/01 (sentenza tat-18 ta' Jannar 2005, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċiediet rikors għal annullament imressaq mill-Kummissjoni kontra żewġ regolamenti tal-Kunsill li jirriżervaw lill-Kunsill is-setgħat ta' implementazzjoni rigward ċerti dispożizzjonijiet dettaljati u proċeduri prattiċi, minn naħa, fil-qasam ta' l-eżami tal-viżi (Regolament Nru 789/2001)[3] u, min-naħa l-oħra, dwar it-twettiq tal-kontrolli u tas-sorveljanza fuq il-fruntieri (Regolament Nru 790/2001).[4]

Fil-kuntest tal-qsim tas-setgħat bejn il-Kunsill u l-Kummissjoni fil-qasam tal-ħruġ tal-viżi u tal-kontroll tal-fruntieri, it-Trattat ta' Amsterdam, fl-Artikoli 62 KE u 67 KE, jipprovdi perijodu tranżitorju ta' ħames snin wara d-dħul tiegħu fis-seħħ, sabiex il-Kunsill jiddelimita s-setgħa ta' implementazzjoni tal-Kummissjoni f'ċerti oqsma tat-tielet pilastru. Meta kienet qed tiġi implementata l-"Komunitarizzazzjoni" tat-tielet pilastru u, b'mod partikolari, ta' l-*acquis* ta' Schengen, ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE (iktar 'il quddiem, it-"Tieni Deċiżjoni Komitoloġija") bħala bażi legali għad-delimitazzjoni tas-setgħat ta' implementazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni. Hija inkorporat il-Manwal Komuni f'dak li jirrigwarda l-kontrolli fuq il-fruntieri (iktar 'il quddiem, l-"MK") u l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni f'dak li jirrigwarda l-applikazzjonijiet għall-viżi (iktar 'il quddiem, is-"CCI") li jistabbilixxu l-proċeduri ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen[5] (iktar 'il quddiem, il-"KTFS"), kif ukoll l-Annessi tagħhom, fil-kuntest Komunitarju. Il-Kunsill adotta r-Regolamenti in kwistjoni f'din il-kawża sabiex jinkwadra l-emendi tal-MK u tas-CCI.

Iż-żewġ Regolamenti kkontestati għandhom struttura identika li l-għan tagħha huwa li tistabbilixxi riżerva ta' setgħa favur il-Kunsill, minn naħa, fir-rigward tal-miżuri ta' implementazzjoni fil-qasam tal-kontrolli fuq il-fruntieri u tal-viżi u, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' l-emendi u l-aġġornament tal-MK, tas-CCI u ta' l-Annessi tagħhom. Fil-fatt, it-tmien premessa tar-Regolament Nru 789/2001 u l-ħames premessa tar-Regolament Nru 790/2001 jiddisponu li, minħabba r-rwol imsaħħaħ ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-politika dwar il-viżi u tal-politika dwar il-fruntieri, rispettivament, il-Kunsill jirriżerva d-"dritt li jadotta, jemenda u jaġġorna dispożizzjonijiet dettaljati u ... proċeduri prattiċi". Dawn id-dispożizzjonijiet huma elenkati fl-Artikolu 1 tas-żewġ Regolamenti. L-Artikolu 2 tar-Regolamenti jimplementa proċedura li permezz tagħha l-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kunsill l-emendi li jixtiequ jagħmlu lil ċerti partijiet ta' l-Annessi tal-Manwal Komuni u tas-CCI.

3 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 789/2001 ta' l-24 ta' April 2001 li jirriżerva lill-Kunsill is-setgħat ta' implementazzjoni rigward ċerti dispożizzjonijiet dettaljati u proċeduri prattiċi sabiex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet għall-viżi (ĠU L 116, 2001, p. 2).

4 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 790/2001 ta' l-24 ta' April 2001 li jirriżerva lill-Kunsill is-setgħat ta' l-implementazzjoni rigward ċerti dispożizzjonijiet dettaljati u proċeduri prattiċi sabiex jitwettqu l-kontrolli u s-sorveljanza fuq il-fruntieri (ĠU L 116, 2001, p. 5).

5 Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija gradwali ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (ĠU L 239, 2000, p. 19).

Il-Kummissjoni talbet l-annullament tar-Regolamenti safejn huma jiksru l-Artikolu 202 KE u l-Artikolu 1 tat-Tieni Deċiżjoni Komitoloġija, li jistabbilixxu l-prinċipju tas-setgħa tal-Kummissjoni fil-qasam ta' l-implementazzjoni. F'dan ir-rigward, hija sostniet li l-Kunsill ta "raġunijiet ġeneriċi" fil-preambolu tar-Regolamenti in kwistjoni, filwaqt li kien obbligat jispeċifika n-natura u l-kontenut tas-setgħat ta' implementazzjoni li huwa jirriżerva għalih innifsu. Fil-fatt, f'każ bħal dan jeżisti obbligu li jingħataw raġunijiet dettaljati, skond l-Artikolu 253 KE u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tas-17 ta' Ottubru 1999, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, 16/88, Ġabra p. 3457, punt 10). Barra minn hekk, l-oqsma bħall-fruntieri esterni u l-immigrazzjoni ġew Komunitarizzati u, għaldaqstant, issa jaqgħu fil-qafas tal-proċedura ta' l-Artikolu 202 KE. Issa l-Artikolu 2 tar-Regolamenti jagħti lill-Istati Membri s-setgħa li jemendaw ċerti dispożizzjonijiet tas-CCI, tal-MK u ta' l-Annessi tagħhom. Il-Kunsill wieġeb li l-oqsma li ġew Komunitarizzati reċentement kienu jikkostitwixxu oqsma sensittivi li fihom l-Istati Membri xtaqu jżommu s-setgħat tagħhom. Barra minn hekk, l-Artikolu 1 tar-Regolamenti jiddelimita b'mod ċar u tassattiv il-qasam ta' implementazzjoni li fih huwa biss il-Kunsill li għandu s-setgħa. Fl-aħħar nett, f'dak li jirrigwarda l-aġġornament ta' l-informazzjoni li tinsab fil-MK, fis-CCI u fl-Annessi tagħhom, l-Istati Membri biss huma f'pożizzjoni li jipprovdu l-informazzjoni neċessarja sabiex dawn it-testi jiġu aġġornati, u huwa għalhekk li rriżervaw din is-setgħa għalihom infushom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ma segwietx il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali tagħha, laqgħet ir-raġunament tal-Kunsill u ċaħdet it-talba għal annullament tal-Kummissjoni.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skond l-Artikolu 202 KE u l-Artikolu 1 tat-Tieni Deċiżjoni Komitoloġija, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-miżuri ta' implementazzjoni ta' att bażiku. Min-naħa l-oħra, "il-Kunsill huwa obbligat li debitament jiġġustifika, skond in-natura u l-kontenut ta' l-att bażiku li għandu jiġi implementat jew emendat, kull eċċezzjoni għal din ir-regola". F'dan ir-rigward, il-preambolu tar-Regolamenti Nru 789/2001 u Nru 790/2001, jirreferi espressament għar-rwol imsaħħaħ ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-viżi u tal-kontrolli fuq il-fruntieri, kif ukoll għas-sensitività ta' dawn l-oqsma, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda r-relazzjonijiet politiċi ma' l-Istati terzi. Għalhekk, il-Kunsill seta' "raġonevolment jikkunsidra li dan kien każ speċifiku u mmotiva debitament, skond l-Artikolu 253 KE, id-deċiżjoni li jirriżerva għalih innifsu, fuq bażi tranżitorja, is-setgħa li jimplementa serje ta' dispożizzjonijiet tas-CCI u tal-MK elenkati b'mod tassattiv".

Fir-rigward ta' l-Artikolu 2 tar-Regolamenti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat, fit-tieni lok, li, peress li dawn ġew adottati fi żmien meta l-qasam ikkonċernat kien jaqa' taħt il-kooperazzjoni intergovernamentali, "il-fatt li ġew inkorporati fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, minn meta daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Amsterdam, m'għandux l-effett, minnu nnifsu, li jċaħħad l-Istati Membri minnufih mis-setgħa li kienu awtorizzati jeżerċitaw bis-saħħa ta' l-imsemmija atti sabiex tiġi assigurata l-implementazzjoni tagħhom kif jixraq".

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li "f'dan il-kuntest ferm speċifiku u tranżitorju, sakemm jiżviluppa l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ġuridiku u istituzzjonali ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill ma jistax jiġi kkritikat talli stabbilixxa proċedura għall-komunikazzjoni mill-Istati Membri ta' l-emendi li huma awtorizzati jagħmlu, unilateralment jew b'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri l-oħra, għal uħud mid-dispożizzjonijiet tas-CCI u tal-MK li l-kontenut tagħhom jiddependi esklużivament mill-informazzjoni li huma biss għandhom fil-pussess

tagħhom", ġaladarba ma ġiex ippruvat li kien xieraq li tintuża proċedura uniformi ta' aġġornament sabiex tiġi assigurata implementazzjoni effikaċi jew korretta.

Fil-kawża *Il-Kummissjoni* vs *T-Mobile Austria GmbH* (sentenza tat-22 ta' Frar 2005, C-141/02 P, Ġabra p. I-1283), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha appell tal-Kummissjoni li talbet l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' Jannar 2002, *max.mobil Telekommunikation Service* vs *Il-Kummissjoni* (T-54/99, Ġabra p. II-313), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet iddikjarat ammissibbli rikors għal annullament imressaq mill-kumpannija max.mobil Telekommunikation Service GmbH, li wara saret T-Mobile Austria GmbH, kontra ittra tal-Kummissjoni li biha l-Kummissjoni kienet irrifjutat li tressaq rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Repubblika ta' l-Awstrija. Fil-fatt, il-kumpannija max.mobil kienet ressqet ilment mal-Kummissjoni intiż, b'mod partikolari, sabiex jiġi kkonstatat li r-Repubblika ta' l-Awstrija kienet kisret id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 86 u 90(1) tat-Trattat KE (li saru l-Artikoli 82 KE u 86(1) KE, rispettivament), meħudin flimkien. Dan l-ilment kien intiż, sostanzjalment, sabiex jikkontesta n-nuqqas ta' distinzjoni bejn l-ammonti tad-drittijiet mitluba mingħand il-kumpannija max.mobil u mingħand wieħed mill-kompetituri tagħha, rispettivament, u l-benefiċċji li gawda dan il-kompetitur mill-ħlas ta' l-imsemmija drittijiet.

Billi l-Kummissjoni informat b'ittra lill-kumpannija max.mobil li hija rrifjutat parzjalment l-ilment tagħha, il-kumpannija max.mobil ressqet rikors kontra l-Kummissjoni. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ta' l-imsemmi rikors abbażi ta' l-Artikolu 114(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Għalkemm il-Qorti tal-Prim'Istanza laqat l-ammissibbiltà tar-rikors tal-kumpannija max.mobil, hija ċaħditu fil-mertu. Madankollu, il-Kummissjoni għażlet li tappella kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex titlob l-annullament tagħha safejn iddikjarat ir-rikors imressaq mill-kumpannija max.mobil ammissibbli. Il-kumpannija max.mobil ikkunsidrat, madankollu, li, peress li l-Kummissjoni kienet rebħet, kien applikabbli t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 49 ta' l-Istatut KE tal-Qorti tal-Ġustizzja u dan kien jipprekludi l-ammissibbiltà ta' l-appell tal-Kummissjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-kumpannija max.mobil kontra l-appell imressaq mill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, hija fakkret li d-deċiżjonijiet li jiddeterminaw punt proċedurali dwar eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, fis-sens ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 49 ta' l-Istatut KE tal-Qorti tal-Ġustizzja, jaffettwaw ħażin lil waħda mill-partijiet meta jilqgħu jew jiċħdu din l-eċċezzjoni, u għalhekk huwa ammissibbli l-appell imressaq mill-Kummissjoni kontra dik il-parti ta' sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza li tiċħad espressament l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, imqajjem mill-Kummissjoni, kontra r-rifjut ta' lment mressaq lilha. Dan kollu minkejja li l-Qorti tal-Prim'Istanza finalment ċaħdet l-imsemmi rikors bħala infondat. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma kellhiex raġun tiddikjara ammissibbli r-rikors tal-kumpannija max.mobil u li, għaldaqstant, is-sentenza tagħha kellha tiġi annullata. Din il-kawża tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità tispjega l-portata tal-ġurisprudenza tagħha *Bundesverband der Bilanzbuchhalter/Commission* (sentenza ta'l-20 ta' Frar 1997, C-107/95 P, Ġabra p. I-947), li skondha l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tikkonstata, billi tagħmel użu mis-setgħat li jagħtiha l-Artikolu 90(3) tat-Trattat (li sar l-Artikolu 86(3) KE), li miżura partikolari ta' Stat hija inkumpatibbli mar-regoli tat-Trattat, u li tindika l-miżuri li l-Istat destinatarju għandu jadotta sabiex jikkonforma ruħu ma' l-obbligi li joħorġu mid-dritt

Komunitarju. Hija fakkret li mill-imsemmija ġurisprudenza jirriżulta li individwu jista' jkollu, jekk ikun il-każ, id-dritt li jressaq rikors għal annullament kontra deċiżjoni li l-Kummissjoni tindirizza lil Stat Membru abbażi ta' l-Artikolu 90(3) tat-Trattat, jekk ikunu ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet previsti fir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 173 tat-Trattat (li sar, wara li ġie emendat, ir-raba' paragrafu ta'l-Artikolu 230 KE). Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li mill-kliem ta' Artikolu 90(3) tat-Trattat u mill-istruttura tad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan l-Artikolu jirriżulta li l-Kummissjoni mhijiex obbligata tressaq azzjoni fis-sens ta' l-imsemmija dispożizzjonijiet, billi l-individwi ma jistgħux jeżiġu li din l-istituzzjoni tieħu pożizzjoni f'direzzjoni partikolari. Hija kkunsidrat li l-fatt li r-rikorrent ikollu interess dirett u individwali li tiġi annullata deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li taġixxi fuq ilment tiegħu ma tistax tagħtih id-dritt li jikkontesta din id-deċiżjoni u li r-rikorrent lanqas ma jista' jippretendi dritt li jressaq rikors abbażi tar-Regolament Nru 17, li mhuwiex applikabbli għall-Artikolu 90 tat-Trattat. Skond il-Qorti tal-Ġustizzja, din il-konstatazzjoni la tmur kontra l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u lanqas tmur kontra xi prinċipju ġenerali ieħor tad-dritt Komunitarju. Fil-fatt, ebda prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju ma jitlob li jkun ammissibbli għal impriża li tikkontesta, quddiem il-qorti Komunitarja, ir-rifjut tal-Kummissjoni li tressaq azzjoni kontra Stat Membru abbażi ta' l-Artikolu 90(3) tat-Trattat.

Fil-kawża *Il-Kummissjoni* vs *Franza* (sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, C-304/02, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Repubblika Franċiża taħt l-Artikolu 228(2) KE li jirrigwarda n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ġie allegat li r-Repubblika Franċiża ma eżegwietx is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Ġunju 1991 (C-64/88, Ġabra p. I-2727), li fiha kien ġie kkonstatat in-nuqqas ta' Franza li twettaq l-obbligi li joħorġu mir-Regolamenti dwar is-sajd u l-kontroll ta' l-attivitajiet tas-sajd. Wara li għamlet varji spezzjonijiet f'diversi portijiet Franċiżi, il-Kummissjoni kkonkludiet, minn naħa, li kien għad hemm nuqqas ta' kontrolli u, min-naħa l-oħra, li n-nuqqas li jitressqu proċedimenti kien manifest, filwaqt li l-leġiżlazzjoni Komunitarja ma kinitx qed tiġi dejjem osservata. Għaldaqstant, skond il-Kummissjoni, in-nuqqas ta' Franza baqa' jeżisti wara li ngħatat is-sentenza, bi ksur tal-politika komuni tas-sajd, anki jekk saru xi sforzi min-naħa tal-Gvern Franċiż sabiex jiġu implementati d-dispożizzjonijiet Komunitarji.

Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret fl-importanza li jiġu osservati r-regoli Komunitarji fil-qasam tal-politika komuni tas-sajd, peress li l-osservanza ta' l-obbligi tippermetti li "tiġi assigurata l-protezzjoni taż-żoni tas-sajd, il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-isfruttament tagħhom b'mod sostenibbli u f'kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali xierqa". Wara li eżaminat il-fatti li ġew ippreżentati lilha fir-rapporti ta' l-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni, hija kkonstatat li r-Repubblika Franċiża ma wettqitx kontroll ta' l-attivitajiet tas-sajd skond il-ħtiġiet previsti mid-dispożizzjonijiet Komunitarji u ma ħaditx il-miżuri kollha meħtieġa sabiex teżegwixxi s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 1991, *Il-Kummissjoni* vs *Franza*.

Fuq it-tieni lment imqajjem mill-Kummissjoni, li bih sostniet li Franza ma kinitx qed tressaq biżżejjed proċeduri kontra l-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-politika komuni tas-sajd, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, jekk l-"awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jonqsu b'mod sistematiku milli jressqu proċeduri kontra dawk responsabbli għal tali vjolazzjonijiet, jiġu ppreġudikati kemm il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni tar-riżorsi tas-sajd kemm l-applikazzjoni uniformi tal-politika komuni tas-sajd". Billi Franza m'għamlitx dak li kien neċessarju biex tressaq proċeduri b'mod sistematiku kontra dawk responsabbli għall-imsemmi ksur,

il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li Franza naqset milli tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex teżegwixxi s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 1991, *Il-Kummissjoni* vs *Franza*.

F'dak li jirrigwarda s-sanzjoni finanzjarja li kellha tiġi imposta kontra Franza u wara l-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali tad-29 ta' April 2004, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, minn naħa, il-possibbiltà li timponi l-ħlas ta' somma f'daqqa, meta l-Kummissjoni kienet talbet il-kundanna għal pagamenti ta' penalità u, min-naħa l-oħra, id-dritt tagħha li timponi l-ħlas ta' somma f'daqqa u ta' pagamenti ta' penalità flimkien, u ordnat li terġa' tinfetaħ il-proċedura orali, billi l-kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 228(2) KE ma kinux ġew diskussi waqt il-proċedura.

Fuq il-possibbiltà ta' aggregazzjoni ta' pagamenti ta' penalità u ta' somma f'daqqa, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 228(2) KE għandu l-għan "li jħeġġeġ lill-Istati Membri li jkunu qed jonqsu sabiex iwettqu sentenza li kkonstatat nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu u, permezz ta' dan, jassigura l-applikazzjoni effettiva tad-dritt Komunitarju". Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-miżuri previsti f'din id-dispożizzjoni, jiġifieri s-somma f'daqqa u l-pagamenti ta' penalità, it-tnejn għandhom dan l-istess għan. Il-pagamenti ta' penalità għandhom il-għan li jħeġġu l-Istati Membri jtemmu, fl-iqsar żmien possibbli, nuqqas li, fl-assenza ta' din il-miżura, x'aktarx jibqa' jippersisti (effett perżważiv), filwaqt li s-somma f'daqqa "tiddependi l-aktar fuq il-kunsiderazzjoni tal-konsegwenzi tan-nuqqas ta' l-Istat Membru in kwistjoni fuq l-interessi privati u pubbliċi, b'mod partikolari meta n-nuqqas baqa' għaddej għal zmien twil wara s-sentenza li kienet inizjalment ikkonstatatu" (effett dissważiv). Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, meta nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu jkun baqa' għaddej għal żmien twil u, fl-istess ħin, x'aktarx jibqa' għaddej, huwa possibbli li jsir użu miż-żewġ tipi ta' sanzjonijiet. Għalhekk, il-konġunzjoni "jew" fl-Artikolu 228(2) KE "jista' jkollha sens kemm ta' alternattiva kemm ta' aggregazzjoni, u għandha għalhekk tiġi moqrija fil-kuntest li fih tkun użata". Il-fatt li tali aggregazzjoni ma ġietx imposta f'kawżi preċedenti ma tikkostitwixxix ostaklu, jekk din l-aggregazzjoni tidher li tkun xierqa fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ in kwistjoni. Għaldaqstant, "imiss lill-Qorti tal-Ġustizzja, f'kull kawża, li tikkunsidra, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ in eżami, il-penalitajiet finanzjarji li jridu jiġu adottati", billi l-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx marbuta bil-proposti magħmula mill-Kummissjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat is-setgħa ta' diskrezzjoni tagħha fir-rigward tas-sanzjonijiet finanzjarji li jistgħu jiġu imposti. Fil-każ fejn Stat għandu jiġi kkundannat iħallas pagamenti ta' penalità bħala sanzjoni għan-nuqqas tiegħu li jeżegwixxi sentenza li tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, imiss lill-Qorti tal-Ġustizzja li tistabbilixxi l-pagamenti ta' penalità b'tali mod li dawn ikunu, min-naħa, adatti għaċ-ċirkustanzi u, min-naħa l-oħra, proporzjonati għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li ġie kkonstatat kif ukoll għall-kapaċità ta' l-Istat Membru in kwistjoni li jħallas. Għal dan l-iskop, il-kriterji bażiċi li jridu jiġu kkunsidrati sabiex tiġi assigurata n-natura impożittiva tal-pagamenti ta' penalità sabiex ikun hemm applikazzjoni uniformi u effettiva tad-dritt Komunitarju huma, prinċipalment, it-tul taż-żmien tal-vjolazzjoni, il-grad ta' gravità tagħha u l-kapaċità ta' l-Istat Membru in kwistjoni li jħallas. Għall-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, għandhom jiġu kkunsidrati b'mod partikolari l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fuq l-interessi privati u pubbliċi u l-urġenza li jista' jkun hemm sabiex l-Istat Membru in kwistjoni jikkonforma ruħu ma' l-obbligi tiegħu.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li n-nuqqas ta' Franza ppersista u imponiet fuqha sanzjoni finanzjarja doppja, EUR 57 761 250 bħala pagamenti ta' penalità, għal kull perijodu ta' sitt xhur mid-data tas-sentenza, li fi tmiemu s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 1991, C-64/88, *Il-Kummissjoni* vs *Franza*, tkun għadha ma ġietx eżegwita kompletament, u EUR 20 000 000 bħala somma li għandha titħallas f'daqqa.

**3.2.** F'dak li jirrigwarda d-diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità u ċ-ċittadinanza Ewropea, tliet sentenzi, b'mod partikolari, jistħoqqilhom li jissemmew.

Is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2005, C-209/03, *Bidar* (Ġabra p. I-2119) eżaminat il-konformità mad-dritt Komunitarju tal-kundizzjoni għall-għoti, fl-Ingilterra u f'Wales, ta' l-i"Student support". Dan jirrigwarda għajnuna għall-ispejjeż ta' manteniment mogħtija mill-Istat lill-istudenti, fil-forma ta' self b'rata preferenzjali, li jitħallas lura fi tmiem l-istudji meta d-dħul mill-professjoni jaqbeż ċertu ammont. Ċittadin ta' Stat Membru ieħor jista' jibbenefika minn tali self jekk ikun "stabbilit" fir-Renju Unit u jekk ikun irrisjeda hemmhekk għal perijodu ta' tliet snin qabel il-bidu ta' l-istudji tiegħu. Madankollu, skond il-leġiżlazzjoni Britannika, huwa impossibbli għal ċittadin ta' Stat Membru ieħor li jikseb, bħala student, l-istatus ta' persuna stabbilita.

Kien għalhekk li Dany Bidar, ċittadin żagħżugħ Franċiż li kien qatta' l-aħħar tliet snin ta' studji sekondarji tiegħu fir-Renju Unit u li kien responsabbli għall-manteniment ta' membru tal-familja tiegħu mingħajr ma qatt talab l-għajnuna soċjali, ġie rifjutat l-għajnuna għall-ispejjeż ta' manteniment, billi huwa ma kienx stabbilit fir-Renju Unit fis-sens ta' l-imsemmija leġiżlazzjoni. Huwa ressaq rikors li wasal sa quddiem il-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division (Administrative Court), li min-naħa tagħha għamlet serje ta' domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

L-ewwel waħda minn dawn id-domandi kienet intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk, fl-istat attwali tad-dritt Komunitarju, għajnuna bħal dik fil-kawża in kwistjoni għadhiex eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat, u b'mod partikolari, ta' l-Artikolu 12 KE. Għandu jingħad, fil-fatt, li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenzi tagħha tal-21 ta' Ġunju 1988, *Lair* (39/86, Ġabra p. 3161) u *Brown* (197/86, Ġabra p. 3205), li għajnuna mogħtija lill-istudenti għall-manteniment u għat-taħriġ, bħala regola, huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat għall-finijiet ta' l-Artikolu 12 KE. Dwar dan is-suġġett, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li l-Artikolu 12 KE għandu jinqara flimkien mad-dispożizzjonijiet dwar iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni u fakkret li ċittadin ta' l-Unjoni li jkun residenti legalment fit-territorju ta' Stat Membru ospitanti jista' jinvoka l-Artikolu 12 KE fis-sitwazzjonijiet kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-dritt Komunitarju, b'mod partikolari dawk li jaqgħu taħt il-libertà ta' moviment u ta' residenza mogħtija bl-Artikolu 18 KE. F'dak li jirrigwarda l-istudenti li jmorru fi Stat Membru ieħor biex jistudjaw hemmhekk, xejn fit-test tat-Trattat ma jippermetti li jiġi kkunsidrat li huma jiġu mċaħħda mid-drittijiet mogħtija mit-Trattat liċ-ċittadini ta' l-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li ċittadin ta' Stat Membru li, bħal f'dan il-każ, jirrisjedi fi Stat Membru ieħor fejn huwa jsegwi u jtemm l-istudji sekondarji tiegħu, mingħajr ma ssir oġġezzjoni fil-konfront tiegħu fis-sens li m'għandux riżorsi suffiċjenti jew assigurazzjoni tal-mard, igawdi dritt ta' residenza abbażi ta' l-Artikolu 18 KE u tad-Direttiva 90/364[6]. Fir-rigward tas-sentenzi *Lair* u *Brown*, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonsta-

[6] Direttiva tal-Kunsill 90/364/KEE tat-28 ta' Ġunju 1990 dwar id-dritt ta' residenza (ĠU L 180, 1990, p. 26).

tat li, wara li ngħataw, it-Trattat ta' Maastricht daħħal iċ-ċittadinanza Ewropea u kapitolu dwar l-edukazzjoni u l-formazzjoni fit-Trattat. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, għandu jiġi kkunsidrat li għajnuna bħal dik in kwistjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat għall-finijiet tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni msemmija fl-Artikolu 12 KE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja wara eżaminat jekk id-differenza fit-trattament magħmula bejn iċ-ċittadini nazzjonali u dawk ta' Stati Membri oħra – billi l-kundizzjoni għall-għoti ta' l-għajnuna hija marbuta mal-fatt li tkun stabbilit jew mar-residenza, hija tipperikola li tiżvantaġġja prinċipalment liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra – tistax tkun iġġustifikata. F'dan ir-rigward, hija kkunsidrat li l-Istati Membri huma mitluba juru ċerta solidarjetà finanzjarja maċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra, fl-organizzazzjoni u fl-applikazzjoni tas-sistema ta' assistenza soċjali tagħhom, iżda aċċettat li huwa leġittimu għalihom li jassiguraw li l-għoti ta' għajnuna ta' din in-natura ma jsirx piż irraġonevoli. Għaldaqstant, fir-rigward ta' l-għajnuna li tkopri l-ispejjeż ta' manteniment ta' l-istudenti, huwa leġittimu għal Stat Membru li jassigura ċertu livell ta' integrazzjoni, billi jivverifika li l-istudent ikun irrisjeda, matul ċertu perijodu, fl-Istat Membru ospitanti. Min-naħa l-oħra, ma jistax jintalab li jkun hemm rabta mas-suq tax-xogħol, bħal fil-każ ta' l-għajnuna għal min jitlob għax-xogħol li dwarha ttrattaw is-sentenzi *D'Hoop* (sentenza tal-11 ta' Lulju 2002, C-224/98, Ġabra p. I-6191) u *Collins* (sentenza tat-23 ta' Marzu 2004, C-138/02, Ġabra p. I-2703).

*A priori*, kundizzjoni fis-sens li applikant ikun stabbilit fl-Istat Membru ospitanti tista' wkoll tiġi aċċettata. Iżda, safejn hija teskludi kull possibbiltà għal student li jkun ċittadin ta' Stat Membru ieħor li jikseb l-istatut ta' persuna stabbilita, u għalhekk li jibbenefika mill-għajnuna minkejja li jkun effettivament stabbilixxa rabta mas-soċjetà ta' l-Istat Membru ospitanti, il-leġiżlazzjoni in kwistjoni hija inkumpatibbli ma' l-Artikolu 12 KE.

Fil-kawża C-147/03, li tat lok għas-sentenza tas-7 ta' Lulju 2005 (li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), ir-rikors imressaq mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej kien intiż biex jiġi kkonstatat in-nuqqas ta' l-Awstrija li twettaq l-obbligi li joħorġu mill-Artikoli 12 KE, 149 KE u 150 KE, minħabba l-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-edukazzjoni superjuri imposti fuq persuni li jiksbu diplomi ta' edukazzjoni sekondarja fl-Istati Membri l-oħra, li huma differenti minn dawk applikabbli għall-persuni li jiksbu diplomi Awstrijaċi. Fil-fatt, il-liġi Awstrijaka dwar l-istudji universitarji tipprovdi li persuni li jiksbu diplomi fi Stati Membri oħra għandhom, apparti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ġenerali ta' aċċess għall-istudji superjuri jew universitarji, juru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' aċċess speċifiċi għall-kors magħżul, stabbiliti mill-Istat li jkun ħareġ dawn id-diplomi u li jagħtu d-dritt għad-dħul dirett għal dawn l-istudji, per eżempju, suċċess f'eżami ta' dħul jew kisba ta' livell suffiċjenti għall-inklużjoni fin-*numerus clausus*.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-opportunitajiet li joffri t-Trattat fir-rigward tal-moviment liberu ma jkollhomx l-effetti sħaħ tagħhom jekk persuna ssib ruħha ppenalizzata minħabba s-sempliċi fatt li tagħmel użu minnhom. Dan huwa partikolarment importanti fil-qasam ta' l-edukazzjoni, fejn wieħed mill-għanijiet imfittxija huwa preċiżament li tiġi inkoraġġita l-mobbiltà ta' l-istudenti u ta' l-għalliema.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-differenza fit-trattament adottata għad-detriment ta' l-istudenti li jkunu kisbu d-diploma ta' l-istudji sekondarji tagħhom fi Stat Membru li mhuwiex l-Awstrija, iżda wkoll bejn dawn l-istess studenti skond l-Istat Membru li fih ikunu

kisbu d-diploma tagħhom, minkejja li din hija applikabbli indistintament għall-istudenti kollha, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, tista' taffettwa l-iktar liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra, b'mod li twassal, fil-konfront tagħhom, għal diskriminazzjoni indiretta pprojbita mit-Trattat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għaddiet biex tiskarta l-argumenti invokati mill-Awstrija biex tiġġustifika l-leġiżlazzjoni kkontestata. Fl-ewwel lok, ġiet invokata n-neċessità li tiġi mħarsa l-omoġeneità tas-sistema ta' formazzjoni nazzjonali, billi tevita l-problemi ta' natura strutturali, ta' persunal u finanzjarji li jwasslu għal influss enormi ta' studenti li ma jkunux ġew aċċettati fl-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni superjuri ta' Stati Membri iktar restrittivi. L-Awstrija tirreferi prinċipalment għall-istudenti Ġermaniżi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-aċċess għal ċerti studji universitarji fil-Ġermanja.

Fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li soluzzjoni għal domanda eċċessiva ta' aċċess għal ċerti korsijiet tista' tinstab fl-adozzjoni ta' miżuri nondiskriminatorji speċifiċi, bħalma huma t-twaqqif ta' eżami tad-dħul jew ir-rekwiżit ta' livell minimu. Hija żiedet li din il-problema mhijiex speċifika għall-Awstrija; Stat Membri oħra, fosthom il-Belġju, huma jew kienu kkonfrontati biha. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Belġju kien stabbilixxa restrizzjonijiet simili għal dawk fil-kawża in kwistjoni u li kien is-suġġett ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li ġie ddikjarat fondat (sentenza ta' l-1 ta' Lulju 2004, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Belġju*, C-65/03, Ġabra p. I-6427). Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, f'kull każ, l-Awstrija ma ppruvatx, b'mod konkret, l-eżistenza ta' riskju għall-edukazzjoni Awstrijaka.

Ġiet ukoll imressqa ġustifikazzjoni bbażata fuq in-neċessità li jiġi evitat abbuż tad-dritt Komunitarju, li fiha l-Gvern Awstrijak enfasizza l-interess leġittimu li Stat Membru jista' jkollu biex jimpedixxi wħud miċ-ċittadini tiegħu milli, permezz ta' opportunitajiet maħluqa bis-saħħa tat-Trattat, jevitaw b'mod abużiv l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom fil-qasam tal-formazzjoni vokazzjonali. Dan l-argument ġie skartat b'mod inekwivoku. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li għal student ta' l-Unjoni Ewropea li jkun kiseb id-diploma ta' l-istudji sekondarji tiegħu fi Stat Membru, l-aċċess għall-edukazzjoni superjuri jew universitarja fi Stat Membru ieħor taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-persuni li jiksbu diplomi nazzjonali jikkostitwixxi l-essenza nfisha tal-prinċipju tal-moviment liberu ta' l-istudenti, iggarantit mit-Trattat, u għaldaqstant ma jistax, fih innifsu, jikkostitwixxi użu abużiv ta' dan id-dritt.

Il-kawża *Schempp* (sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, C-403/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), li tirrigwarda problema ta' tnaqqis fiskali tal-manteniment imħallas lil benefiċjarju residenti fi Stat Membru ieħor, tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tispeċifika l-limiti tal-kamp ta' applikazzjoni materjali tat-Trattat fir-rigward taċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni. Fil-Ġermanja, il-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa fuq id-dħul tipprovdi li l-manteniment imħallas lill-konjuġi divorzjat għandhom jitnaqqsu. Dan il-benefiċċju jingħata wkoll meta l-benefiċjarju jkollu d-domiċilju jew ir-residenza abitwali tiegħu fi Stat Membru ieħor, sakemm it-tassazzjoni tal-manteniment għall-benefiċjarju tiġi ċċertifikata mill-awtorità fiskali ta' dan l-Istat Membru l-ieħor. Egon Schempp, ċittadin Ġermaniż residenti fil-Ġermanja, ġie rrifjutat it-tnaqqis tal-manteniment li huwa jħallas lill-ex konjuġi tiegħu residenti fl-Awstrija, billi d-dritt fiskali Awstrijak ma jintaxxax il-manteniment.

Mitluba twieġeb għal domandi preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof dwar il-konformità tas-sistema Ġermaniża ma' l-Artikoli 12 u 18 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, qabel xejn, il-kwistjoni jekk sitwazzjoni bħal din taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju. Fil-fatt, il-Gvernijiet li ssottomettew osservazzjonijiet sostnew li s-Sur Schempp ma kienx għamel użu mid-dritt tiegħu għall-moviment liberu, billi l-uniku element barrani kien il-ħlas tal-manteniment fi Stat Membru ieħor. F'dan ir-rigward, il-Qorti fakkret li l-għan taċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni mhuwiex li testendi l-kamp ta' applikazzjoni materjali tat-Trattat għal sitwazzjonijiet interni li m'għandhom ebda rabta mad-dritt Komunitarju. Madankollu, hija enfasizzat li s-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' Stat Membru li m'għamilx użu mid-dritt tiegħu għall-moviment liberu ma tistax, minn dan il-fatt biss, tiġi assimilata ma' sitwazzjoni purament interna. F'din il-kawża, l-eżerċizzju, min-naħa ta' l-ex konjuġi tas-Sur Schempp, tad-dritt tal-moviment liberu u tar-residenza li jagħtiha l-ordni ġuridiku Komunitarju kellu effett fuq id-dritt għat-tnaqqis tas-Sur Schempp fil-Ġermanja, b'mod li s-sitwazzjoni ma tistax titqies waħda interna li m'għandha ebda rabta mad-dritt Komunitarju.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk is-sitwazzjoni tas-Sur Schempp tistax tiġi pparagunata ma' dik ta' persuna li, meta tħallas il-manteniment lill-ex konjuġi residenti fil-Ġermanja, tibbenefika mid-dritt għat-tnaqqis, u kkonstatat li dan mhuwiex il-każ. Fil-fatt, hija rrilevat li t-trattament sfavorevoli li lmenta fuqu s-Sur Schempp jirriżulta mid-differenza bejn is-sistema fiskali Ġermaniża u dik Awstrijaka f'dak li jirrigwarda t-tassazzjoni tal-manteniment. Issa skond il-ġurisprudenza tagħha, l-Artikolu 12 KE ma jirrigwardax id-differenzi fit-trattament li jistgħu jirriżultaw, għall-persuni u impriżi suġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-Komunità, minn diverġenzi li jeżistu bejn l-Istati Membri differenti, sakemm dawn jaffettwaw il-persuni kollha li jaqgħu taħt l-applikazzjoni tagħhom skond kriterji oġġettivi u mingħajr kunsiderazzjoni tan-nazzjonalità tagħhom.

Fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 18 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-leġiżlazzjoni Ġermaniża bl-ebda mod ma tfixkel id-dritt tal-moviment liberu u tar-residenza tas-Sur Schempp. Huwa minnu li t-trasferiment tar-residenza ta' l-ex konjuġi tiegħu kellu konsegwenzi fiskali għalih. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li t-Trattat ma jiggarantixxix liċ-ċittadin ta' l-Unjoni li t-trasferiment ta' l-attivitajiet tiegħu fi Stat Membru ieħor differenti minn dak li fih kien jirrisjedi sa dakinhar huwa newtrali fir-rigward ta' tassazzjoni. Meta wieħed jieħu in kunsiderazzjoni d-differenzi fil-leġiżlazzjonijiet ta' l-Istati Membri dwar dan is-suġġett, tali trasferiment jista', skond il-każijiet, ikun vantaġġuż jew żvantaġġuż għaċ-ċittadin fuq livell ta' tassazzjoni indiretta. L-istess prinċipju japplika *a fortiori* għas-sitwazzjoni li fiha l-persuna kkonċernata ma eżerċitatx hija stess id-dritt tagħha ta' moviment, iżda ssostni li kienet vittma ta' differenza fi trattament wara t-trasferiment tar-residenza ta' l-ex konjuġi tagħha fi Stat Membru ieħor.

**3.3.** Fir-rigward tal-moviment liberu tal-merkanzija, għandu jsir riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża *Il-Kummissjoni* vs *l-Awstrija* (sentenza tal-15 ta' Novembru 2005, C-320/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), dwar regolament tal-Ministru Ewlieni tat-Tirol, tas-27 ta' Mejju 2003, li jillimita t-trasport fuq l-awtostrada A 12 fil-wied ta' l-Inn (projbizzjoni settorjali tat-traffiku). Dan ir-regolament jipprojbixxi lit-trakkijiet ta' iktar minn 7.5 tunnellati li jittrasportaw ċerta merkanzija, bħall-iskart, il-ġebel, il-ħamrija, il-vetturi bil-mutur, iz-zkuk jew iċ-ċereali, milli jiċċirkulaw fuq sezzjoni ta' l-awtostrada A 12 fil-

wied ta' l-Inn. L-imsemmi regolament huwa intiż sabiex itejjeb il-kwalità ta' l-arja u jassigura l-protezzjoni sostenibbli tas-saħħa tal-bniedem kif ukoll tal-fawna u l-flora.

Wara li l-Kummissjoni ressqet rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li bl-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, ir-Repubblika ta' l-Awstrija naqset li twettaq l-obbligi tagħha skond l-Artikoli 28 KE u 29 KE.

Il-projbizzjoni settorjali tat-traffiku tostakola l-moviment liberu tal-merkanzija u, b'mod partikolari, it-tranżitu liberu tagħhom, u għaldaqstant għandha tiġi kkunsidrata li tikkostitwixxi miżura ta' effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi inkumpatibbli ma' l-obbligi tad-dritt Komunitarju li jirriżultaw mill-imsemmija Artikoli li, barra minn hekk, ma tistax tiġi ġġustifikata minn rekwiżiti obbligatorji li jirrigwardaw il-protezzjoni ta' l-ambjent, minħabba n-natura sproporzjonata tagħhom.

Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li qabel l-adozzjoni ta' miżura daqshekk radikali bħall-imsemmija projbizzjoni, l-awtoritajiet Awstrijaċi kellhom l-obbligu li jeżaminaw birreqqa l-possibbiltà li jirrikorru għal miżuri inqas restrittivi għal-libertà tal-moviment u li ma jiskartawhomx ħlief jekk tiġi stabbilita b'mod ċar, fid-dawl ta' l-għan imfittex, in-natura inadegwata tagħhom. B'mod iktar partikolari, fid-dawl ta' l-għan iddikjarat li t-trasport tal-merkanzija kkonċernata jiġi ttrasferit mit-triq għall-ferrovija, l-imsemmija awtoritajiet kellhom l-obbligu li jassiguraw li kienet teżisti kapaċità ferrovjarja suffiċjenti u xierqa li tippermetti trasferiment bħal dak qabel ma jiddeċiedu li jdaħħlu fis-seħħ miżura bħal dik adottata bir-regolament Tiroliż. Issa, kif osservat il-Qorti tal-Ġustizzja, f'dan il-każ ma ġiex stabbilit b'mod konklużiv li l-awtoritajiet Awstrijaċi, meta fasslu r-regolament ikkontestat, kienu studjaw biżżejjed il-kwistjoni jekk l-għan ta' tnaqqis ta' l-emissjonijiet tat-tniġġis setax jintlaħaq permezz ta' mezzi oħra inqas restrittivi tal-libertà tal-moviment u jekk kinitx teżisti effettivament soluzzjoni alternattiva realistika li tippermetti li jiġi assigurat it-trasport tal-merkanzija kkonċernata permezz ta' mezzi oħra ta' trasport jew itinerarji oħra bit-triq. Minbarra dan, perijodu tranżitorju limitat għal xahrejn bejn id-data ta' l-adozzjoni tar-regolament ikkontestat u dak previst mill-awtoritajiet Awstrijaċi għall-implementazzjoni tal-projbizzjoni settorjali tat-traffiku kien manifestament insuffiċjenti sabiex jippermetti, b'mod raġonevoli, lill-operaturi kkonċernati li jadattaw ruħhom għaċ-ċirkustanzi l-ġodda.

**3.4.** Fil-qasam ta' l-agrikoltura, it-tliet sentenzi li ngħataw jirrigwardaw, l-ewwel, il-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-produzzjoni organika, it-tieni, l-istess leġiżlazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' denominazzjonijiet u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, u t-tielet, it-traspożizzjoni fis-settur ta' l-inbid ta' l-obbligi li assumiet il-Komunità fil-konfront ta' l-Ungerija fi ftehim ta' l-1993.

Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ta' l-14 ta' Lulju 2005, *Il-Kummissjoni* vs *Spanja* (C-135/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), tirrigwarda l-obbligi ta' l-Istati Membri li joħorġu mir-Regolament Nru 2092/91,[7] li sussegwentement ġie emendat diversi drabi.

[7] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 ta' l-24 ta' Ġunju 1991 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti ta' l-ikel (ĠU L 198, 1991, p. 1).

Skond dan ir-Regolament, prodott għandu jiġi meqjus li jkollu indikazzjonijiet li jirreferu għal metodu ta' produzzjoni organiku meta fuq it-tikketta, materjal ta' reklamar jew dokumenti kummerċjali, huwa jkun deskritt bl-indikazzjonijiet użati f'kull Stat Membru li jissuġġerixxu lix-xerrej li huwa jkun ġie miksub skond metodu ta' produzzjoni organiku. Ir-Regolament jinkludi, fil-verżjoni tiegħu ta' l-1991, lista li telenka espressjoni waħda jew tnejn għal kull waħda mill-ħdax-il lingwa uffiċjali tal-Komunità li dak iż-żmien kienu fis-seħħ. Fir-rigward tal-lingwa Spanjola, tissemma biss l-espressjoni "ecológico", flimkien mad-derivattiv tagħha "eco".

Emenda għar-Regolament, li ddaħħlet fl-2004 permezz tar-Regolament Nru 392/2004[8] stabbiliet li t-termini inklużi fil-lista, id-derivattivi (bħal "bio", "eko") jew id-diminuttivi normali tagħhom, użati waħedhom jew flimkien ma' termini oħra, għandhom jitqiesu bħala indikazzjonijiet li jirreferu għall-metodu ta' produzzjoni organiku fil-Komunità kollha u f'kull lingwa uffiċjali tal-Komunità.

Il-leġiżlazzjoni Spanjola tirriżerva t-termini "ecológico", "eco" u d-derivattivi tagħhom għall-metodu ta' produzzjoni organiku, iżda tawtorizza l-użu tat-termini "biológico", "bio" u tad-derivattivi tagħhom għall-prodotti li ma jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti. Billi l-Kummissjoni kkunisdrat li din il-leġiżlazzjoni kienet tmur kontra r-Regolament Komunitarju, fl-2003 hija ressqet rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi rrilevat li l-lista ta' l-indikazzjonijiet li jirreferu għall-metodu ta' produzzjoni organiku li tinsab fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2092/91, kif emendat, ma hijiex ta' natura eżawrjenti, u li, għaldaqstant, l-Istati Membri, fil-każ ta' bidla fid-drawwiet fis-seħħ fit-territorju tagħhom, jistgħu jintroduċu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom espressjonijiet oħra apparti dawk li jidhru f'din il-lista sabiex jirreferu għall-metodu ta' produzzjoni organiku.

F'dak li jirrigwarda, b'mod speċjali, il-lingwa Spanjola, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Gvern Spanjol ma jistax jiġi kkritikat talli ma pprojbixxiex lill-produtturi ta' prodotti li ma jkunux joriġinaw minn metodu ta' produzzjoni organiku milli jużaw espressjonijiet oħra, bħal "biológico" jew "bio", billi fil-verżjoni ta' qabel l-2004, l-espressjoni "ecológico" biss, li tinkludi d-derivattiv "eco", hija msemmija fil-lista li tinsab fl-Artikolu 2 tar-Regolament. Fil-fatt, lanqas ma jirriżulta mill-formulazzjoni ta' l-imsemmi Artikolu 2 li d-derivattiv "bio" għandu, minħabba l-fatt li jidher fl-Artikolu 2 bħala derivattiv normali, ikun protett b'mod speċjali fl-Istati Membri kollha u fil-lingwi kollha, inkluż f'dawk li fir-rigward tagħhom jissemmew, fuq il-lista li tidher fl-istess Artikolu, termini li ma jikkorrispondux ma' l-espressjoni Franċiża "biologique". Billi l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu impost mid-dritt Komunitarju għandha tiġi kkunisdrata b'riferment għas-sitwazzjoni ta' l-Istat Membru fi tmiem it-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata, il-Qorti tal-Ġustizzja ma setgħetx ma tikkonstatax li ma jeżistix tali nuqqas, billi dan għandu jiġi kkunsidrat, f'dan il-każ, b'riferiment għall-verżjoni tar-Regolament Komunitarju in kwistjoni ta' qabel l-2004.

[8] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 392/2004 ta' l-24 ta' Frar 2004 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u indikazzjonijiet li jirreferu għaliha fi prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel (ĠU L 65, 2004, p. 1).

F'kull każ, il-Kummissjoni ma ppruvatx li t-termini "biológico" u "bio" jissuġġerixxu, lix-xerrejja Spanjoli in ġenerali, li l-prodotti in kwistjoni jkunu ġejjin minn metodu ta' produzzjoni organiku.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet ir-rikors tal-Kummissjoni.

Fil-kawżi magħquda *Il-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni* u *Id-Danimarka* vs *Il-Kummissjoni* (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2005, C-465/02 u C-466/02, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet rikors għall-annullament tar-Regolament Nru 1829/2002[9] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat").

Fit-12 ta' Ġunju 1996, il-Kummissjoni daħħlet il-ġobon Grieg "feta" bħala denominazzjoni ta' oriġini fir-Reġistru tad-denominazzjonijiet protetti u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, permezz tar-Regolament Nru 1107/96[10]. Madankollu, permezz ta' sentenza tas-16 ta' Marzu 1999, *Id-Danimarka et* vs *Il-Kummissjoni* (C-289/96, C-293/96 u C-299/96, Ġabra p. I-1541), il-Qorti tal-Ġustizzja annullat din ir-reġistrazzjoni, minħabba li l-Kummissjoni ma kinitx qieset il-fatt li dan l-isem kien ilu żmien twil jiġi użat f'ċerti Stati Membri barra mir-Repubblika Ellenika. Kien għalhekk li l-Kummissjoni eżaminat mill-ġdid id-denominazzjoni "feta" fid-dawl tal-kwestjonarji mibgħuta lill-Istati Membri dwar il-manufattura u l-konsum tal-ġbejjen imsejħa "feta" u dwar kemm dan l-isem huwa magħruf mill-konsumaturi f'kull wieħed minn dawn l-Istati. Il-Kummissjoni segwiet il-proċedura prevista fir-Regolament Nru 2081/92,[11] u adottat ir-Regolament ikkontestat, billi b'hekk reġgħet daħħlet il-"feta" bħala denominazzjoni ta' oriġini fir-Reġistru Komunitarju tad-denominazzjonijiet protetti.

Sussegwentement, il-Gvern Ġermaniż u l-Gvern Daniż ressqu rikors kontra dan ir-Regolament il-ġdid u qajmu tliet motivi. L-ewwel motiv kien ibbażat fuq il-fatt li xi dokumenti ma ġewx innotifikati lill-Gvern Ġermaniż fil-lingwa Ġermaniża. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet dan il-motiv għaliex din l-irregolarità mhijiex suffiċjenti biex twassal għall-annullament ta' regolament. It-tieni motiv serraħ fuq il-kontestazzjoni tad-definizzjoni taż-żona ġeografika bħala reġjun ta' oriġini tal-"feta". It-tielet motiv kien maqsum f'żewġ punti, l-ewwel wieħed ibbażat fuq il-fatt li l-isem "feta" kien sar isem ġeneriku u t-tieni kien jirrigwarda l-motivazzjoni insuffiċjenti mogħtija mill-Kummissjoni li, sabiex tagħti l-protezzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini lill-"feta", ibbażat ruħha fuq il-konstatazzjoni li ma ġietx stabbilita n-natura ġenerika ta' l-isem "feta".

Il-Gvern Ġermaniż u l-Gvern Daniż allegaw ksur ta' l-Artikolu 2(3) tar-Regolament ta' bażi Nru 2081/92 billi t-terminu "feta" ġej mit-Taljan u jfisser "qatgħa" u li dan l-isem sar ġeneriku. Fil-fatt, billi din il-kelma mhijex terminu ġeografiku, hija akkwistat tifsira ġeografika li ma testendix sat-territorju kollu ta' Stat Membru. La l-kwalitajiet u lanqas il-karatteristiċi tal-feta ma huma kkawżati essenzjalment jew esklużivament minn ambjent ġeografiku par-

9 Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1829/2002 ta' l-14 ta' Ottubru 2002 li jemenda l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1107/96 rigward l-isem "Feta" (ĠU L 277, 2002, p. 10).

10 Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 tat-12 ta' Ġunju 1996 dwar ir-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjonijiet ta' oriġini taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2081/92 (ĠU L 148, 1996, p. 1).

11 Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti ta' l-ikel (ĠU L 208, 1992, p. 1).

tikolari. Barra minn hekk, ebda raġuni oġġettiva ma tressqet biex tiġġustifika x'inhu li jeskludi ċerti reġjuni tal-Greċja miż-żona ġeografika indikata għall-finijiet tar-reġistrazzjoni. Fl-aħħar nett, id-Danimarka fakkret li l-"feta" joriġina mill-Balkani kollha kemm huma u mhux biss mill-Greċja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-kundizzjonijiet li taħthom prodott agrikolu jew prodott ta' l-ikel jista' jiġi protett bħala denominazzjoni ta' oriġini skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament ta' bażi. Isem tradizzjonali mhux ġeografiku għandu, b'mod partikolari, jindika prodott agrikolu jew prodott ta' l-ikel li "joriġina f'reġjun jew post speċifiku". Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni titlob, billi tagħmel riferiment għat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2(2)(a) ta' l-istess Regolament, li "l-kwalitajiet jew il-karatteristiċi tal-prodott agrikolu jew tal-prodott ta' l-ikel ikunu kkawżati essenzjalment jew esklużivament minn ambjent ġeografiku partikolari inklużi l-fatturi naturali u umani tiegħu u li l-produzzjoni, l-ipproċessar u t-tħejjija ta' dan il-prodott iseħħu fiż-żona ġeografika definita". "Għalhekk, iż-żona ta' oriġini indikata għandha tippreżenta fatturi naturali omoġenji li jiddistingwuha miż-żoni li jmissu magħha."

Fid-dawl tal-kriterji ddefiniti, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk ir-reġjun definit fir-Regolament ikkontestat huwiex konformi mar-rekwiżiti ta' l-Artikolu 2(3) tar-Regolament ta' bażi. Billi ż-żona ġeografika ta' oriġini u ta' manufattura tal-feta tkopri essenzjalment il-parti ewlenija tal-Greċja, li għandha karatteristiċi ġeomorfoloġiċi u fatturi naturali differenti miż-żoni li jmissu magħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li "ż-żona definita f'din il-kawża ma ġietx determinata b'mod artifiċjali" u, għaldaqstant, ċaħdet il-motiv imqajjem mir-rikorrenti.

Dwar il-motiv ibbażat fuq il-fatt li "feta" sar isem ġeneriku, il-Gvern Ġermaniż allega li jkun hemm riskju ta' konfużjoni għall-konsumaturi minħabba l-fatt li l-Istati Membri, apparti l-Greċja, jimmanufatturaw u jikkunsmaw il-"feta". Min-naħa tiegħu, il-Gvern Daniż enfasizza li r-Regolament jikser l-Artikoli 3(1) u 17(2) tar-Regolament ta' bażi billi, meta isem ikollu natura ġenerika jew inkella jakkwistaha sussegwentement, huwa jżomm din in-natura b'mod irreversibbli. L-imsemmi Gvern żied li l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni Daniża tal-"feta" tirrispetta l-użanzi tradizzjonali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja reġgħet irreferiet għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament ta' bażi sabiex jiġi ddeterminat jekk isem ikunx sar ġeneriku. Għaldaqstant, "il-fatt li prodott ikun ġie kkummerċjalizzat legalment taħt isem partikolari f'ċerti Stati Membri jista' jikkostitwixxi fattur li għandu jittieħed in kunsiderazzjoni meta wieħed jiġi biex jevalwa jekk dan l-isem ikunx sar ġeneriku skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)" tar-Regolament Nru 2081/92. Madankollu, filwaqt li kkunsidrat is-sitwazzjoni tal-produzzjoni fil-Greċja u tal-produzzjoni fl-Istati Membri oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-produzzjoni tal-"feta" baqgħet ikkonċentrata fil-Greċja. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat il-konsum tal-"feta" fl-Istati Membri u minn dan ikkonkludiet li "85% tal-konsum Komunitarju tal-feta, għal kull persuna kull sena, iseħħ fil-Greċja". Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-"feta" mibjugħ fl-Istati Membri l-oħra apparti l-Greċja huwa kkummerċjalizzat bħala ġobon assoċjat mar-Repubblika Ellenika, anki jekk fir-realtà jkun ġie prodott fi Stat Membru ieħor. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-argument li l-"feta" sar isem ġeneriku.

F'dak li jirrigwarda l-argument tal-Gvern Ġermaniż li kien jgħid li l-motivazzjoni tar-Regolament ikkontestat hija insuffiċjenti, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li "il-motivazzjoni li jitlob l-Artikolu 253 KE għandha tkun adattata għan-natura ta' l-att in kwistjoni u għandha turi, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament segwit mill-istituzzjoni li tkun adottat dan l-att, b'mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu l-ġustifikazzjoni tal-miżura adottata u lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ tagħha". Madankollu, l-istituzzjoni li tadotta tali att mhijiex obbligata tieħu pożizzjoni fuq elementi li jkunu evidentement sekondarji jew li jantiċipaw oġġezzjonijiet potenzjali. Għaldaqstant, tikkostitwixxi motivazzjoni suffiċjenti, għall-finijiet ta' l-Artikolu 253 KE, id-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni, fir-Regolament ikkontestat, tar-raġunijiet li wassluha għall-konklużjoni li l-isem "feta" ma kienx ġeneriku fis-sens ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' bażi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ċaħdet ir-rikorsi billi kkunsidrat li r-Regolament li permezz tiegħu l-isem "feta" ddaħħal fir-Reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti huwa leġittimu.

Fil-kawża *Regione autonoma Friuli-Venezia Giulia u ERSA* (sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, C-347/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha talba għal deċiżjoni preliminari dwar il-validità u l-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni 93/724[12] (iktar 'il quddiem il-"Ftehim KE-Ungerija dwar l-inbejjed"), u tar-Regolament (KE) Nru 753/2002.[13]

It-"Tocai friulano" jew "Tocai italico" huwa varjetà ta' għenba tradizzjonalment ikkoltivata fir-reġjun tal-Friuli-Venezia Giulia (l-Italja) u użata fil-produzzjoni ta' nbejjed bojod ikkummerċjalizzati b'mod partikolari taħt denominazzjonijiet ġeografiċi bħalma huma "Collio" jew "Collio goriziano". Fl-1993 il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Ungerija kkonkludew ftehim dwar l-imsemmija nbejjed, li jipprojbixxi l-użu tat-terminu "Tocai" għall-isem ta' l-inbejjed Taljani indikati għal perijodu tranżitorju li jiskadi fil-31 ta' Marzu 2007, u dan biex tiġi pprotetta l-indikazzjoni ġeografika Ungeriża "Tokaj". Ir-Regione Autonoma Friuli-Venezia Giulia u l-Agenzia Regionale per lo sviluppo Rurale (ERSA) (l-Aġenzija Reġjonali għall-Iżvilupp Rurali) (iktar 'il quddiem "ir-rikorrenti") ressqu rikors quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (it-Tribunal Amministrattiv ta' Lazio) bil-għan li tiġi annullata leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrifletti din il-projbizzjoni. Ir-rikorrenti sostnew essenzjalment li l-Komunità ma kellhiex kompetenza tikkonkludi dan il-Ftehim ma' l-Ungerija, li l-Ftehim kien ibbażat fuq rappreżentazzjoni żbaljata tar-realtà, b'mod li d-dispożizzjoni in kwistjoni hija nulla u bla effett skond id-dritt internazzjonali, li l-Ftehim dwar Aspetti Relatati mal-Kummerċ ta' Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali, li jinsab fl-Anness 1C tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (iktar 'il quddiem "Ftehim TRIPS"), jipprevali fuq din il-projbizzjoni, u li din il-projbizzjoni hija inkumpatibbli mad-dritt ta' proprjetà stabbilit fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem "KEDB").

12 Deċiżjoni tal-Kunsill 93/724/KE tat-23 ta' Novembru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Ungerija dwar il-protezzjoni reċiproka u l-kontroll ta' l-ismijiet ta' l-inbejjed [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 337, 1993, p. 93).

13 Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 753/2002 tad-29 ta' April 2002 li jistabbilixxi ċerti regoli sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 rigward id-deskrizzjoni, id-denominazzjoni ta' l-oriġini, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur ta' l-inbid (ĠU L 118, 2002, p. 1).

It-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio ddeċieda li jissospendi l-proċeduri u jressaq serje ta' domandi preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju staqsiet sostanzjalment jekk il-bażi legali xierqa għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni 93/724 u għall-konklużjoni tal-Ftehim KE-Ungerija dwar l-inbejjed minnaħa tal-Komunità waħedha, kinitx il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Ungerija konkluż qabel il-Ftehim dwar l-inbejjed, jew l-Artikolu 133 KE. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li att li jirrigwarda speċifikament il-kummerċ internazzjonali fis-sens li jkun intiż essenzjalment biex jinkoraġġixxi, jiffaċilita jew jirregola l-kummerċ u jkollu effetti diretti u immedjati fuq il-kummerċ fil-prodotti kkonċernati, jaqa' taħt l-Artikolu 133 KE. F'din il-kawza, il-Ftehim KE-Ungerija dwar l-inbejjed jifforma parti minn dawk il-ftehimiet previsti fl-Artikoli 63 tar-Regolament Nru 822/87[14] dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid, u għandu bħala għan prinċipali li jinkoraġġixxi l-kummerċ bejn il-partijiet kontraenti billi jiffavorixxi fuq bażi reċiproka, minn naħa, il-kummerċjalizzazzjoni ta' nbejjed li ġejjin mill-Ungerija, billi jagħti lil dawn l-inbejjed l-istess protezzjoni bħal dik prevista għall-inbejjed ta' kwalità prodotti f'reġjun speċifiku ta' oriġini Komunitarja, u, min-naħa l-oħra, il-kummerċjalizzazzjoni f'dan il-pajjiż ta' nbejjed li joriġinaw mill-Komunità. Għaldaqstant, il-Komunità waħedha kienet kompetenti biex tikkonkludi l-Ftehim in kwistjoni billi dan kien jaqa' fil-kompetenza esklużiva tagħha.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mistoqsija jekk, fil-każ li l-Ftehim KE-Ungerija dwar l-inbejjed kien legali, il-projbizzjoni li jintuża l-isem "Tocai" fl-Italja wara l-31 ta' Marzu 2007, kinitx nulla u bla effett, ghaliex tmur kontra s-sistema ta' l-ismijiet omonimi prevista fl-Artikolu 4(5) ta' l-imsemmi Ftehim, li jippermetti l-koeżistenza, taħt ċerti kundizzjonijiet, ta' żewġ ismijiet omonimi. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li s-sistema ta' l-ismijiet omonimi prevista fl-Artikolu 4(5) tal-Ftehim KE-Ungerija dwar l-inbejjed jirrigwarda l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti permezz ta' l-istess Ftehim. Issa billi l-espressjonijiet "Tocai fruilano" u "Tocai italico", b'kuntrast ma' l-ismijiet "Tokaj" u Tokaji" ta' l-inbejjed Ungeriżi, jikkostitwixxu l-isem ta' għenba jew ta' varjetà ta' għenba rrikonoxxuta fl-Italja bħala tajba għall-produzzjoni ta' ċerti nbejjed ta' kwalità prodotti f'reġjun speċifiku, ma jistgħux jiġu kkwalifikati bħala indikazzjonijiet ġeografiċi fis-sens ta' l-imsemmi Ftehim. Għaldaqstant, il-projbizzjoni li jintuża l-isem "Tocai" fl-Italja wara l-iskadenza tal-perijodu tranżitorju previst fil-Ftehim KE-Ungerija dwar l-inbejjed ma tmurx kontra s-sistema ta' l-ismijiet omonimi prevista fl-Artikolu 4(5) ta' l-istess Ftehim.

Permezz ta' domanda oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mistoqsija jekk l-Artikoli 22 sa 24 tal-Ftehim TRIPS għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, fil-każ ta' ismijiet omonimi, kull wieħed mill-ismijiet jista' jibqa' jintuża fil-futur taħt ċerti kundizzjonijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-kontenut tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim TRIPS tad-WTO u ddikjarat għal darb'oħra li, kuntrarjament għall-isem Ungeriż, l-ismijiet Taljani ma jikkostitwixxux indikazzjoni ġeografika fis-sens tal-Ftehim KE-Ungerija dwar l-inbejjed. Għaldaqstant, hija rrispondiet għad-domanda mressqa billi ddeċiediet li l-Artikoli 22 sa 24 tal-Ftehim TRIPS għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-każ bħal dak fil-kawża prinċipali, dawn id-dispożizzjonijiet ma jirrikjedux li dan l-isem ikun jista' jibqa' jintuża fil-futur minkejja d-dupliċi ċirkustanza li huwa jkun intuża fil-passat mill-produtturi kkonċernati jew *in bona fede* jew matul għall-

[14] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 822/87 tas-16 ta' Marzu 1987 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid (ĠU L 84, 1987, p. 1).

inqas għaxar snin qabel il-15 ta' April 1994 u li jkun jindika b'mod ċar il-pajjiż, ir-reġjun jew iż-żona ta' oriġini ta' l-inbid protett b'mod li ma jiżvijax lill-konsumatur.

Fuq talba tal-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat ukoll il-kwistjoni jekk id-dritt ta' proprjetà previst fil-KEDB u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jkoprix id-dritt ta' proprjetà intellettwali li b'hekk iwassal għad-dritt ta' l-operaturi kkonċernati li jużaw l-isem "Tocai" kontra l-projbizzjoni stabbilita fil-Ftehim KE-Ungerija dwar l-inbejjed wara l-perijodu tranżitorju. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li d-dritt ta' proprjetà ma jipprekludix il-projbizzjoni ta' l-operaturi kkonċernati ta' reġjun awtonomu Taljan milli jużaw it-terminu "Tocai" fl-espressjoni "Tocai friulano" jew "Tocai italico" għall-isem u l-preżentazzjoni ta' ċerti nbejjed Taljani ta' kwalità prodotti f'reġjun speċifiku fi tmiem l-imsemmi perijodu tranżitorju. Fil-fatt, ladarba din il-projbizzjoni ma teskludix kull mod raġonevoli ta' kummerċjalizzazzjoni ta' l-inbejjed Taljani kkonċernati, hija ma tikkostitwixxix privazzjoni mill-proprjetà fis-sens ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-KEDB. Barra minn hekk, anki jekk jiġi kkunsidrat li l-imsemmija restrizzjoni tikkostitwixxi restrizzjoni għad-dritt fundamentali ta' proprjetà, din tista' tiġi ġġustifikata kemm-il darba, bil-projbizzjoni ta' l-użu ta' dan l-isem li huwa l-omonimu ta' l-indikazzjoni ġeografika "Tokaj" ta' l-inbejjed Ungeriżi, hija tfittex li tilħaq għan ta' interess ġenerali li jikkonsisti fil-promozzjoni tal-kummerċ bejn il-partijiet kontraenti billi tiffavorixxi, fuq bażi reċiproka, il-kummerċ ta' nbejjed imsemmija jew ippreżentati permezz ta' indikazzjoni ġeografika.

**3.5.** Fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema, għandha tinġibed l-attenzjoni għas-sentenza tal-15 ta' Settembru 2005, *Ioannidis* (C-258/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat il-każ ta' ċittadin Grieg li wasal il-Belġju fl-1994 wara li temm l-istudji sekondarji tiegħu fil-Greċja u li kien kiseb ir-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza taċ-ċertifikat ta' l-istudji sekondarji tiegħu. Fi tmiem ċiklu ta' tliet snin ta' studji f'istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja f'Liège, huwa kiseb diploma ta' ggradwat fil-kinesiterapija, u wara rreġistra bħala applikant għal impjieg. Wara li mar isegwi taħriġ remunerat fi Franza bejn Ottubru 2000 u Ġunju 2001, huwa rritorna l-Belġju fejn issottometta applikazzjoni għal "għoti ta' benefiċċju sakemm jinstab impjieg", li huwa benefiċċju għall-qgħad previst fil-leġiżlazzjoni Belġjana favur żgħażagħ li qed ifittxu l-ewwel impjieg tagħhom. L-applikazzjoni tiegħu ġiet irrifjutata, billi ma ssodisfax il-kundizzjonijiet għall-għoti applikabbli dak iż-żmien, f'dan il-każ, li jkun temm l-istudji sekondarji tiegħu fil-Belġju jew ikun segwa studji jew taħriġ ta' l-istess livell jew ekwivalenti fi Stat Membru ieħor u jkun, bħala tifel, dipendenti minn ħaddiema migranti, skond l-Artikolu 39 KE, li huma residenti fil-Belġju.

Il-proċedura li bdiet bir-rikors imressaq mill-persuna kkonċernata kontra dan ir-rifjut wasslet lilll-Cour du travail de Liège biex tagħmel domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kumpatibbiltà tas-sistema Belġjana mad-dritt Komunitarju.

Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret, preliminarjament, li ċ-ċittadini ta' Stat Membru li jkunu qed ifittxu impjieg fi Stat Membru ieħor jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 39 KE u, għaldaqstant, jibbenefikaw mid-dritt għall-ugwaljanza fit-trattament previst fil-paragrafu 2 ta' din id-dispożizzjoni.

It-tagħlim li jirriżulta mill-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, u b'mod partikolari mis-sentenzi *D'Hoop* (sentenza tal-11 ta' Lulju 2002, C-224/98, Ġabra p. I-6191) u *Collins* (sentenza tat-23 ta' Marzu 2004, C-138/02, Ġabra p. I-2703), jifforma l-bażi tar-risposta tagħha.

Fil-fatt, hija fakkret li, fis-sentenza *Collins*, hija ddeċidiet li, fid-dawl ta' l-introduzzjoni taċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni u l-interpretazzjoni tad-dritt għall-ugwaljanza fit-trattament li minnhom jibbenefikaw iċ-ċittadini ta' l-Unjoni, mhuwiex aktar possibbli li mill-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 39(2) KE jiġi eskluż servizz ta' tip finanzjarju intiż sabiex jiffaċilita l-aċċess għall-impjieg fis-suq tax-xogħol ta' Stat Membru. Barra minn hekk, hija diġà kkonstatat fis-sentenza *D'Hoop* li l-għoti ta' benefiċċju sakemm jinstab impjieg previst mill-leġiżlazzjoni Belġjana huwa benefiċċju soċjali, li l-iskop tiegħu huwa li jiffaċilita, għaż-żagħżagħ, il-passaġġ mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol. Għaldaqstant, il-persuna kkonċernata għandha raġun tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 39 KE sabiex issostni li hija ma tistax tkun is-suġġett ta' diskriminazzjoni minħabba ċ-ċittadinanza għal dak li jirrigwarda l-għoti ta' benefiċċju sakemm jinstab impjieg. Issa l-kundizzjoni dwar it-tmiem ta' l-istudji sekondarji fil-Belġju tista' tiġi iktar faċilment sodisfatta miċ-ċittadini nazzjonali u għalhekk tisfavorixxi prinċipalment iċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra.

Fir-rigward tal-ġustifikazzjoni possibbli għal din id-differenza fit-trattament, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet mill-ġdid għas-sentenza *D'Hoop*, fejn hija kienet iddeċidiet li, għalkemm huwa leġittimu għall-leġiżlatur nazzjonali li jkun irid jassigura l-eżistenza ta' rabta vera bejn l-applikant għall-benefiċċju sakemm jinstab impjieg u s-suq ġeografiku tax-xogħol in kwistjoni, kundizzjoni unika li tirrigwarda l-post fejn tiġi miksuba d-diploma ta' tmiem l-istudji sekondarji għandha, madankollu, natura wisq ġenerali u esklużiva u tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tilħaq l-għan imfittex. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-fatt li l-leġiżlazzjoni Belġjana tagħti lill-applikant, madankollu, id-dritt għall-benefiċċju sakemm jinstab impjieg jekk ikun kiseb diploma ekwivalenti fi Stat Membru ieħor u jekk ikun dipendenti minn ħaddiema migranti residenti fil-Belġju, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, *a contrario sensu*, li persuna li ssegwi studji għolja fi Stat Membru u tikseb diploma hemmhekk wara li tkun temmet l-istudji sekondarji tagħha fi Stat Membru ieħor tista' tkun f'pożizzjoni tajba ferm biex tistabbilixxi rabta vera mas-suq tax-xogħol ta' l-ewwel Stat, anki jekk ma tkunx dipendenti minn ħaddiema migranti residenti f'dan l-Istat. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, f'kull każ, it-tfal dipendenti mill-ħaddiema migranti li huma residenti fil-Belġju jiksbu d-dritt tagħhom għall-għoti ta' benefiċċju sakemm jinstab impjieg mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68,[15] u dan kemm jekk teżisti rabta reali mas-suq tax-xogħol, kemm jekk le.

**3.6.** Ir-rekwiżiti tad-dritt Komunitarju fil-qasam tal-libertà ta' l-istabbiliment u tal-provvista libera tas-servizzi kienu fil-qalba ta' ħames kawżi li jixirqilhom li jissemmew: l-ewwel żewġ kawżi jirrigwardaw konċessjonijiet ta' servizzi pubbliċi, it-tielet tirrigwarda l-kunflitti bejn il-libertajiet u l-liġijiet fiskali nazzjonali, ir-raba' tirrigwarda r-rekwiżiti tad-Direttiva 96/71 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi, u l-ħames tirrigwarda t-telekomunikazzjonijiet.

[15] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment tal-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU L 257, p. 2).

Fil-kawża *Coname* (sentenza tal-21 ta' Lulju 2005, C-231/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha talba għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 43 KE, 49 KE, 81 KE u 86 KE, kif ukoll dwar tal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, tat-trasparenza u ta' l-ugwaljanza fit-trattament.

Fir-rigward tal-kuntest fattwali ta' din il-kawża, Coname (Consorzio Aziende Metano) kienet ikkonkludiet kuntratt mal-comune di Cingia de' Botti għall-assenjazzjoni tas-servizz ta' manutenzjoni, tmexxija u monitoraġġ tan-netwerk tal-gass tal-metanu għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 1999 u l-31 ta' Diċembru 2000. Sussegwentement, il-kunsill muniċipali fada lill-kumpannija Padania, permezz ta' assenjazzjoni diretta, bis-servizz ta' tmexxija, distribuzzjoni u manutenzjoni ta' l-impjanti ta' distribuzzjoni tal-gass tal-metanu għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2000 u l-31 ta' Diċembru 2005. Coname kkontestat din l-assenjazzjoni għar-raġuni li kellha ssir permezz ta' sejħa għal offerti. It-Tribunale amministrativo regionale per la Lombardia ddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jressaq domanda preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Id-domanda tirrigwarda l-kwistjoni jekk l-Artikoli 43 KE, 49 KE u 81 KE jipprekludux l-assenjazzjoni diretta, mingħajr sejħa għal offerti, tat-tmexxija tas-servizz pubbliku ta' distribuzzjoni tal-gass lil kumpannija li l-biċċa l-kbira tal-kapital tagħha jkun pubbliku u li fiha dan il-komun iżomm 0.97% tal-kapital.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li d-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi ma jirregolawx l-assenjazzjoni ta' konċessjoni u li, għaldaqstant, konċessjoni għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-libertajiet fundamentali previsti fit-Trattat. Il-Qorti tal-Ġustizzja teskludi wkoll l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81 KE għaliex dan l-Artikolu jirrigwarda biss ftehim bejn impriżi.

Safejn impriża stabbilita fi Stat Membru li mhuwiex dak tal-komun kontraenti tista' wkoll tinteressa ruħha fl-imsemmija konċessjoni, l-assenjazzjoni, fin-nuqqas ta' kwalunkwe trasparenza, ta' din il-konċessjoni lil impriża stabbilita fl-Istat Membru ta' l-imsemmi komun tikkostitwixxi differenza ta' trattament bi ħsara għall-impriża stabbilita fl-Istat Membru l-ieħor. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe trasparenza, impriża stabbilita fi Stat Membru ieħor m'għandha l-ebda opportunità reali biex turi l-interess tagħha biex tikseb l-imsemmija konċessjoni. Dan jikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq in-nazzjonalità, li hija pprojbita skond l-Artikoli 43 KE u 49 KE. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk l-assenjazzjoni kkontestata tissodisfax ċerti kundizzjonijiet ta' trasparenza li, mingħajr ma neċessarjament jimplikaw li jeżisti obbligu li ssir sejħa għal offerti, huma ta' natura li jippermettu li impriża li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru li mhuwiex ir-Repubblika Taljana tkun tista' taċċedi għal informazzjoni adegwata dwar il-konċessjoni qabel ma din tiġi assenjata, b'mod li, kieku din l-impriża riedet, hija setgħet turi l-interess tagħha biex tikseb din il-konċessjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk, f'din il-kawża, kienx hemm, madankollu, ċirkustanzi oġġettivi li jistgħu jiġġustifikaw id-differenza ta' trattament. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-fatt li l-Komun ta' Cingia de' Botti jżomm 0.97% tal-kapital ta' Padania ma jikkostitwixxix waħda miċ-ċirkustanzi oġġettivi. Billi s-sehem huwa żgħir ħafna, ma jippermettix kontroll fuq Padania min-naħa tal-Komun.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li jirriżulta mill-proċess li Padania hija kumpannija miftuħa parzjalment għall-kapital privat, ħaġa li tipprekludi li tiġi kkunsidrata bħala struttura ta' tmexxija "interna" ta' servizz pubbliku f'isem il-komuni li jżommu kapital fiha.

Fl-istess linja ġurisprudenzjali, għandu jsir riferiment għall-kawża *Parking Brixen* (sentenza tat-13 ta' Ottubru 2005, C-458/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), li tirrigwarda kwistjonijiet simili għal dawk tal-kawża *Coname*.

Fil-kawża *Marks & Spencer* (sentenza tat-13 ta' Diċembru 2005, C-446/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha talba għal deċiżjoni preliminari li tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 43 KE u 48 KE.

Il-kumpannija Marks & Spencer, li hija residenti fir-Renju Unit, kienet il-kumpannija prinċipali ta' grupp speċjalizzat fil-bejgħ bl-imnut fuq skala kbira ta' lbies, ikel, elettrodomestiċi u servizzi finanzjarji. Hija kellha kumpanniji sussidjarji fir-Renju Unit u f'diversi Stati Membri, b'mod partikolari fil-Ġermanja, fil-Belġju u fi Franza. Fl-2001, hija temmet l-attivitajiet tagħha fil-kontinent Ewropew minħabba t-telf li sofriet minn nofs is-snin 90. Fil-31 ta' Diċembru 2001, il-kumpannija sussidjarja Franċiża nbiegħet lil terz filwaqt li l-kumpanniji sussidjarji Ġermaniżi u Belġjani temmew kull attività kummerċjali.

Fl-2000 u fl-2001, Marks & Spencer issottomettiet lill-awtoritajiet fiskali tar-Renju Unit talbiet għal eżenzjoni ta' grupp mit-taxxa fir-rigward tat-telf li sofrew il-kumpanniji sussidjarji Ġermaniża, Belġjana u Franċiża. Il-leġiżlazzjoni fiskali Britannika (Liġi ta' l-1988 dwar it-Taxxa fuq il-Dħul u l-Kumpanniji, Income and Corporation Tax Act 1988 "ICTA") tippermetti lill-kumpanniji *parent* ta' grupp li, taħt ċerti kundizzjonijiet, jagħmlu tpaċija bejn il-profitti tagħhom u t-telf li jsofru l-kumpanniji sussidjarji tagħhom. Madankollu, dawn it-talbiet ġew miċħuda minħabba li s-sistema legali ta' eżenzjoni ta' grupp ma tapplikax għall-kumpanniji sussidjarji li la huma residenti u lanqas għandhom attività ekonomika fir-Renju Unit. Marks & Spencer ikkontestat din iċ-ċaħda quddiem l-iSpecial Commissioners of Income Tax (qorti fiskali ta' l-ewwel istanza), li ċaħdu t-talba. Ir-rikorrenti appellat quddiem il-High Court of Justice (England & Wales), Chancery Division, li ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tressaq xi domandi preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. L-Imħallfin Ingliżi staqsew dwar il-kumpatibbiltà ma' l-Artikoli 43 KE u 48 KE, dwar il-libertà ta' stabbiliment, tal-leġiżlazzjoni Britannika, li teskludi l-possibbiltà għal kumpannija *parent* residenti fir-Renju Unit li tnaqqas mill-profitti taxxabbli tagħha telf li jsofru fi Stati Membri oħra l-kumpanniji sussidjarji tagħha li huma stabbiliti f'dawn l-Istati, filwaqt li tagħti tali possibbilità għal telf li ssofri kumpannija sussidjarja residenti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, qabel xejn, li għalkemm it-tassazzjoni diretta taqa' fil-kompetenza ta' l-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jeżerċitaw din il-kompetenza b'rispett għad-dritt Komunitarju.

Fir-rigward tal-leġiżlazzjoni Britannika, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment, bi ksur ta' l-Artikoli 43 KE u 48 KE, billi tadotta trattament differenti f'dak li jikkonċerna t-taxxa bejn it-telf li ssofri kumpannija sussidjarja residenti u t-telf li ssofri kumpannija sussidjarja mhux residenti. Dan jiskoraġġixxi l-kumpanniji *parent* milli jwaqqfu kumpanniji sussidjarji fi Stati Membri oħra.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta li tali restrizzjoni tista' tiġi aċċettata jekk tipprova tilħaq għan leġittimu kumpatibbli mat-Trattat u jekk hija ġġustifikata minnħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali. F'tali ipoteżi, jeħtieġ li din tkun adatta sabiex tiggarantixxi li dan l-għan in kwistjoni jiġi milħuq u li tali restrizzjoni ma teċċedix dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan il-għan.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet il-kriterji oġġettivi rilevanti, invokati mill-Istati Membri f'din il-kawża, sabiex tanalizza jekk it-trattament differenti adottat mill-leġiżlazzjoni Britannika huwiex iġġustifikat. Dawn l-elementi ta' ġustifikazzjoni huma, minn naħa, il-ħarsien ta' qsim bilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri differenti kkonċernati, b'mod li l-profitti u t-telf jiġu ttrattati b'mod simetriku fil-kuntest ta' l-istess sistema ta' taxxa, u min-naħa l-oħra, il-fatt li l-liġi tipprovdi li jiġi evitat ir-riskju ta' tassazzjoni doppja tat-telf li jkun jeżisti kieku t-telf jiġi kkunsidrat fl-Istat Membru tal-kumpannija *parent* u fl-Istati Membri tal-kumpanniji sussidjarji. Fl-aħħar nett, l-aħħar kriterju huwa li jiġi evitat ir-riskju ta' evażjoni tat-taxxa li jkun jeżisti kieku t-telf ma jiġix ikkunsidrat fl-Istati Membri tal-kumpanniji sussidjarji. Jista' jseħħ trasferiment ta' telf fi ħdan grupp ta' kumpanniji lejn kumpanniji stabbiliti fl-Istati Membri li japplikaw l-ogħla rati ta' taxxa u li fihom il-valur ta' taxxa tat-telf huwa l-ikbar.

Fir-rigward ta' dawn il-kriterji, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-leġiżlazzjoni Britannika tipprova tilħaq għanijiet leġittimi kumpatibbli mat-Trattat KE li jikkostitwixxu raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-leġiżlazzjoni Britannika ma tirrispettax il-prinċipju tal-proporzjonalità, u tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija f'sitwazzjoni fejn, minn naħa, il-kumpannija sussidjarja mhux residenti tkun eżawriet il-possibbiltajiet ta' teħid in kunsiderazzjoni tat-telf li jeżisti fl-Istat ta' residenza tagħha għall-perijodu ta' taxxa kkonċernat mit-talba għal eżenzjoni kif ukoll għall-perijodi ta' taxxa preċedenti u, min-naħa l-oħra, mhemmx possibbiltà li t-telf tal-kumpannija sussidjarja barranija jiġi kkunsidrat fl-Istat ta' residenza tagħha għall-perijodi futuri jew mill-kumpannija sussidjarja nfisha, jew minn terz, b'mod partikolari f'każ ta' bejgħ tal-kumpannija sussidjarja lilu.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċiediet li meta, fi Stat Membru, il-kumpannija *parent* residenti turi lill-awtoritajiet tat-taxxa li dawn il-kundizzjonijiet huma sodisfatti, huwa kuntrarju għal-libertà ta' stabbiliment li tiġi eskluża l-possibbiltà għall-kumpannija *parent* li tnaqqas mill-profitti tagħha taxxabbli f'dan l-Istat Membru t-telf li ssofri l-kumpannija sussidjarja tagħha mhux residenti.

Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-14 ta' April 2005, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Ġermanja* (C-341/02, Ġabra p. I-2733), tirrigwarda r-regoli li, fid-dawl tad-Direttiva 96/71[16] dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-kuntest ta' prestazzjoni ta' servizzi, l-Istati Membri jistgħu jadottaw fil-qasam ta' l-impjieg ta' ħaddiema mibgħuta jaħdmu minn Stat Membru ieħor.

16 Direttiva 96/71/CE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas [kuntest] ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 1997, p. 1).

Fl-2002, il-Kummissjoni ressqet, kontra l-Ġermanja, rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li jqajjem kwistjoni dwar il-kumpatibbiltà, mad-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Direttiva, tal-metodu applikat minn dan l-Istat Membru sabiex jipparaguna l-paga minima stabbilita mid-dispożizzjonijiet nazzjonali mar-remunerazzjoni effettivament imħallsa minn min iħaddem li jkun stabbilit fi Stat Membru ieħor.

Fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni tallega li l-Ġermanja ma rrikonoxxietx, bħala elementi li jagħmlu parti mill-paga minima, l-ammont totali taż-żidiet u tas-supplementi mħallsa minn dawk li jħaddmu li huma stabbiliti fi Stati Membri oħra lill-impjegati tagħhom fis-settur tal-kostruzzjoni li jintbagħtu jaħdmu fil-Ġermanja, bl-eċċezzjoni tal-bonus mogħti lill-ħaddiema f'dan is-settur. Skond il-Kummissjoni, dan in-nuqqas ta' teħid in kunsiderazzjoni jwassal – minħabba l-metodu differenti ta' kalkolu tar-remunerazzjoni fi Stati Membri oħra – għal spejjeż ogħla fuq il-pagi għal dawk li jħaddmu li huma stabbiliti fi Stati Membri oħra, li jsibu ruħhom imwaqqfa milli joffru s-servizzi tagħhom fil-Ġermanja. Waqt li hu minnu li l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-ħaddiem jintbagħat jaħdem huwa awtorizzat li jiddetermina, skond id-Direttiva 96/71, ir-rata tal-paga minima, xorta waħda jibqa' l-fatt li ma jistax jimponi l-istruttura tiegħu ta' remunerazzjoni, meta jqabbel din ir-rata minima tal-paga u r-remunerazzjoni mħallsa minn min iħaddem li hu stabbilit fi Stati Membri oħra.

Il-Gvern Ġermaniż ikkontesta dan l-argument billi sostna li s-sigħat ta' xogħol imwettqa barra mis-sigħat normali ta' xogħol, li jfissru xi eżiġenzi ta' grad partikolarment għoli f'dak li jirrigwarda l-kwalità tar-riżultat jew li jfissru rabtiet u perikli partikolari, għandhom valur ekonomiku ogħla mis-sigħat normali ta' xogħol u li l-bonusijiet relatati m'għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tal-paga minima. Kieku dawn l-ammonti kellhom jitqiesu għall-imsemmi kalkolu, il-ħaddiem ikun imċaħħad mill-kumpens ekonomiku li jikkorrispondi għall-imsemmija sigħat ta' xogħol u għaldaqstant, ir-relazzjoni bejn ir-remunerazzjoni dovuta minn min iħaddem u s-servizz li għandu jagħti l-ħaddiem tiġi modifikata bi ħsara għall-ħaddiem.

Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi ħadet in kunsiderazzjoni li l-partijiet jaqblu dwar il-fatt li, skond id-Direttiva 96/71, il-paga għas-sahra, il-kontribuzzjonijiet għal skemi komplementari għall-irtirar mix-xogħol, l-ammonti mħallsa bħala rimborż ta' l-ispejjeż effettivament imġarrba minħabba li l-ħaddiem intbagħat jaħdem barra mill-pajjiż kif ukoll is-somom imħallsa f'daqqa li huma kkalkulati fuq bażi differenti minn dik ta' kull siegħa, m'għandhomx jitqiesu bħala elementi li jagħmlu parti mil-paga minima. Huwa l-ammont gross tal-paga li għandu jitqies.

Fit-tieni lok, hija kkonstatat li, matul il-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Ġermanja adottat u pproponiet diversi emendi għal-leġiżlazzjoni tagħha, li hija qieset li setgħu jeliminaw diversi inkoerenzi bejn id-dritt Ġermaniż u d-Direttiva. Dawn jirrigwardaw, b'mod partikolari, it-teħid in kunsiderazzjoni taż-żidiet u tas-supplementi mħallsa minn min iħaddem li, fil-kalkolu tal-paga minima, ma jimmodifikawx ir-relazzjoni bejn is-servizz ipprovdut mill-ħaddiem u l-korrispettiv li dan jirċievi, u t-teħid in kunsiderazzjoni, taħt ċerti kundizzjonijiet, tal-bonusijiet għat-tlettax jew l-erbatax-il xahar tal-paga. Madankollu, dawn l-emendi daħlu wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata, jiġifieri tard wisq biex jittieħdu in kunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ma setgħetx ma tikkonstatax nuqqas ta' twettiq ta' obbligu min-naħa tal-Ġermanja.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li huwa kompletament normali li, jekk min iħaddem jeżiġi li l-ħaddiem jagħmel xogħol addizzjonali jew is-sahra f'kundizzjonijiet partikolari, dan ix-xogħol supplementari jiġi kkumpensat mingħajr ma dan it-tali kumpens jitqies fil-kalkolu tal-paga minima. Fil-fatt, id-Direttiva 96/71 ma teżiġix li tali kumpens li, jekk jitqies għall-kalklolu tal-paga minima, jimmodifika r-relazzjoni bejn is-servizz ipprovdut u l-korrispettiv li l-ħaddiem jirċievi, jiġi kkunsidrat bħala element li jagħmel parti mill-paga minima. Għaldaqstant, fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet ir-rikors tal-Kummissjoni.

Fil-kawżi magħquda *Mobistar u Belgacom Mobile* (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2005, C-544/03 u C-545/03, li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġabra), tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mill-Conseil d'État tal-Belġju, fil-kuntest ta' kawżi mressqa minn operaturi tat-telefonija mobbli stabbiliti fil-Belġju, il-kumpannija Mobistar SA u l-kumpannija Belgacom Mobile SA, żewġ domandi preliminari li jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 59 tat-Trattat KE (li, wara emenda, sar l-Artikolu 49 KE) u 3c tad-Direttiva 90/388[17], kif emendata, f'dak li jikkonċerna t-twettiq tal-kompetizzjoni sħiħa fis-suq tat-telekomunikazzjonijiet, permezz tad-Direttiva 96/19.[18] Dawn iż-żewġ operaturi talbu, fil-kawża prinċipali, l-annullament ta' taxxi adottati mill-Komun ta' Fléron (il-Belġju) u minn dak ta' Schaerbeek (il-Belġju) rispettivament fuq l-antenni, l-arbli u l-piluni ta' trażmissjoni għall-GSM jew għall-antenni esterjuri. Fost il-motivi ta' annullament li ssottomettew sabiex isostnu r-rikorsi rispettivi tagħhom, l-imsemmija operaturi t-tnejn sostnew, b'mod partikolari, li r-regolamenti ta' taxxa li introduċew it-taxxi kkontestati kienu jikkostitwixxu restrizzjoni fuq l-iżvilupp tan-netwerk tagħhom ta' telefonija mobbli, restrizzjoni pprojbita mill-Artikolu 3c tad-Direttiva 90/388.

Billi l-Conseil d'État, fil-kuntest taż-żewġ kawżi prinċipali, ikkunsidra, minn naħa, li huwa ma kienx f'pożizzjoni li jiddeċiedi fuq il-fondatezza ta' tali motiv mingħajr ma japplika regola tad-dritt Komunitarju li tqajjem problema ta' interpretazzjoni u, min-naħa l-oħra, li l-kumpatibbiltà tat-taxxi kkontestati ma' l-Artikolu 49 KE kienet ukoll tqajjem problema, huwa ddeċieda li jissospendi l-proċeduri u jressaq domandi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Permezz ta' l-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju fittxet li ssir taf jekk l-Artikolu 59 tat-Trattat KE (li wara emenda sar l-Artikolu 49 KE) għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' awtorità nazzjonali jew ta' kollettività lokali li tistabbilixxi taxxa fuq l-infrastrutturi ta' komunikazzjonijiet mobbli u personali użati fil-kuntest tat-twettiq ta' l-attivitajiet koperti mil-liċenzji u l-awtorizzazzjonijiet. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju staqsiet, fis-sustanza, jekk miżuri ta' natura fiskali li japplikaw għal infrastrutturi ta' komunikazzjonijiet mobbli jaqgħux taħt l-Artikolu 3c tad-Direttiva 90/388.

L-ewwel nett, dawn il-kawżi magħquda taw lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tfakkar li l-Artikolu 59 jipprekludi l-applikazzjoni ta' kull leġiżlazzjoni nazzjonali li għandha bħala effett li tagħmel il-provvista tas-servizzi bejn l-Istati Membri iktar diffiċli mill-provvista ta' servizzi purament interna fi Stat Membru u li miżura fiskali nazzjonali li tostakola l-eżerċizzju tal-provvista libera tas-servizzi tista', f'dan ir-rigward, tikkostitwixxi miżura pprojbita, kemm

[17] Direttiva tal-Kummissjoni 90/388/KEE tat-28 ta' Ġunju 1990 dwar il-kompetizzjoni fis-swieq tas-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet (ĠU L 192, 1990, p. 10).

[18] Direttiva tal-Kummissjoni 96/19/KE tat-13 ta' Marzu 1996 li temenda d-Direttiva 90/388/KEE f'dak li jikkonċerna t-twettiq tal-kompetizzjoni sħiħa fis-suq tat-telekomunikazzjonijiet (ĠU L 74, 1996, p. 13).

jekk toħroġ mill-Istat innifsu, kemm jekk toħroġ minn kollettività lokali. Madankollu, hija speċifikat li l-Artikolu 59 tat-Trattat ma jkoprix miżuri li għandhom bħala effett waħdieni li joħolqu spejjeż addizzjonali għall-provvista in kwistjoni u li jaffettwaw bl-istess mod il-provvista ta' servizzi bejn l-Istati Membri u l-provvista interna fi Stat Membru.

Fir-rigward ta' l-ewwel domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 59 tat-Trattat KE (li wara emenda sar l-Artikolu 49 KE) għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li leġiżlazzjoni ta' awtorità nazzjonali jew ta' kollettività lokali tintroduċi taxxa fuq l-infrastrutturi ta' komunikazzjonijiet mobbli u personali użati fil-kuntest tat-twettiq ta' l-attivitajiet koperti mil-liċenzji u l-awtorizzazzjonijiet li hija indistintament applikabbli għall-fornituri nazzjonali u għal dawk ta' Stati Membri oħra u li taffettwa bl-istess mod il-provvista interna ta' servizzi fi Stat Membru u l-provvista ta' servizzi bejn Stati Membri.

Dwar it-tieni domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li miżuri ta' natura fiskali li japplikaw għal infrastrutturi ta' komunikazzjonijiet mobbli ma jaqgħux taħt l-Artikolu 3c ta' l-imsemmija Direttiva 90/388, ħlief jekk dawn il-miżuri jiffavorixxu, direttament jew indirettament, l-operaturi li jgawdu jew li gawdew minn drittijiet speċjali jew esklużivi għad-detriment ta' l-operaturi ġodda u li jaffettwaw b'mod sostanzjali s-sitwazzjoni ta' kompetizzjoni.

**3.7.** L-implikazzjonijiet tal-moviment liberu tal-kapital ġew spjegati fis-sentenza *D.* tal-5 ta' Lulju 2005, C-376/03 (li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat is-sistema Olandiża tat-taxxa fuq il-proprjetà li kienet applikabbli sas-sena 2000. L-imsemmija sistema kienet tagħti tnaqqis lill-persuni taxxabbli residenti, li minnu l-persuni mhux residenti stabbiliti fi Stati Membri oħra setgħu jibbenefikaw biss jekk mill-inqas 90% tal-proprjetà tagħhom jinsab fit-territorju Olandiż. Fuq talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gerechtshof te 's-Hertogenbosch (l-Olanda), il-Qorti tal-Ġustizzja ppronunzjat ruħha fuq il-kumpatibbiltà ta' din is-sistema mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat relattivi għall-moviment liberu tal-kapital.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li s-sitwazzjoni tal-persuna li tħallas it-taxxa fuq il-proprjetà u dik tal-persuna li tħallas it-taxxa fuq id-dħul huma, f'ħafna aspetti, simili, u toħloq parallel mal-ġurisprudenza tagħha dwar it-taxxi fuq id-dħul, b'mod partikolari s-setenza fundamentali *Schumacker* (sentenza ta' l-14 ta' Frar 1995, C-279/93, Ġabra p. I-225). Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, bħal fil-każ tat-taxxa fuq id-dħul, is-sitwazzjoni ta' persuna mhux residenti, għal dak li jikkonċerna t-taxxa fuq il-proprjetà, hija differenti minn dik ta' persuna residenti, billi mhux biss il-parti l-kbira tad-dħul, imma wkoll il-parti l-kbira tal-proprjetà ta' din il-persuna, hija normalment ikkonċentrata fl-Istat li fih hija residenti. B'konsegwenza ta' dan, dak l-Istat Membru huwa fl-aħjar pożizzjoni sabiex jikkunsidra l-kapaċità kontributtiva globali tal-persuna residenti billi japplika għaliha, jekk ikun il-każ, it-tnaqqis previst mil-leġiżlazzjoni tiegħu. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, għalhekk, li bħal fil-każ tat-taxxi fuq id-dħul, persuna li tħallas it-taxxa li ma żżomx ħlief parti żgħira tal-proprjetà tagħha fi Stat Membru li mhuwiex l-Istat li fih hija residenti mhijiex, bħala regola ġenerali, f'sitwazzjoni paragunabbli ma' dik tar-residenti ta' dan l-Istat Membru l-ieħor. Għaldaqstant, ir-rifjut ta' l-awtoritajiet ikkonċernati li jagħtuha t-tnaqqis li minnu jibbenefikaw dawn ta' l-aħħar ma jikkostitwixxix, fil-konfront tagħha, diskriminazzjoni pprojbita bl-Artikoli 56 u 58 KE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha għalfejn tippronunzja ruħha wkoll fuq domanda oħra. Fil-fatt, permezz tal-konvenzjoni preventiva ta' tassazzjoni doppja konkluża bejn l-Olanda u l-Belġju, il-benefiċċju tat-tnaqqis in kwistjoni kien ġie estiż għaċ-ċittadini Belġjani taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikabbli għall-persuni taxxabbli residenti, ikun kemm ikun il-proporzjon tal-proprjetà globali tagħhom li tirrappreżenta l-proprjetà tagħhom fl-Olanda. Id-differenza fit-trattament hekk stabbilita bejn iċ-ċittadini Belġjani u ċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra hija konformi ma' l-Artikoli 56 u 58 KE?

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Istati Membri jistgħu, fil-kuntest ta' konvenzjonijiet bilaterali, jistabbilixxu fatturi ta' rabta għall-iskop ta' qsim tal-kompetenza fiskali u rrikonoxxiet li differenza fit-trattament bejn ċittadini taż-żewġ Stati kontraenti, li hija r-riżultat ta' dan il-qsim, ma tistax tikkostitwixxi diskriminazzjoni li tmur kontra l-Artikolu 39 KE. Huwa minnu li hija ddeċidiet, fil-kawża *Saint-Gobain ZN* (sentenza tal-21 ta' Settembru 1999, C-307/97, Ġabra p. I-6161), li, fir-rigward ta' konvenzjoni preventiva ta' tassazzjoni doppja konkluża bejn Stat Membru u pajjiż terz, il-prinċipju tat-trattament nazzjonali jimponi lill-Istat membru li huwa parti fl-imsemmija konvenzjoni li jagħti lill-istabbilimenti fissi ta' kumpanniji mhux residenti l-vantaġġi previsti mill-konvenzjoni taħt l-istess kundizzjonijiet li japplikaw għall-kumpanniji residenti. Madankollu, dan huwa ġġustifikat mill-ekwivalenza tas-sitwazzjoni bejn il-persuna taxxabbli mhux residenti li għandha stabbiliment fiss u l-persuna taxxabbli residenti f'dan l-Istat. Issa l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li persuna taxxabbli residenti fil-Belġju ma tinsabx fl-istess sitwazzjoni ta' persuna taxxabbli residenti barra mill-Belġju għal dak li jikkonċerna t-taxxa fuq il-proprjetà imposta fuq proprjetà immobbli li tinsab fl-Olanda. Il-fatt li d-drittijiet u obbligi reċiproċi previsti mill-konvenzjoni bejn il-Belġju u l-Olanda japplikaw biss għal persuni residenti f'wieħed miż-żewġ Stati Membri kontraenti hija preċiżament konsegwenza inerenti għall-konvenzjonijiet bilaterali preventivi tat-tassazzjoni doppja.

**3.8.** Fil-qasam tal-kompetizzjoni, għandha tinġibed l-attenzjoni għal tliet sentenzi, waħda dwar konċentrazzjoni u t-tnejn l-oħra dwar għajnuna mill-Istat.

Fil-kawża *Il-Kummissjoni* vs *Tetra Laval BV* (sentenza tal-15 ta' Frar 2005, C-12/03 P, Ġabra 2005 p. I-987), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha appell mill-Kummissjoni li talbet l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tal-25 ta' Ottubru 2002, *Tetra Laval* vs *Il-Kummissjoni* (T-5/02, Ġabra p. II-4381), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-Deċiżjoni 2004/124.

Permezz tad-Deċiżjoni 2004/124, il-Kummissjoni kienet iddikjarat inkumpatibbli mas-suq komuni u, mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE, l-akkwist minn Tetra Laval BV tal-kumpannija Sidel SA; l-ewwel kumpannija hija kumpannija finanzjarja ta' grupp li jinkludi wkoll l-impriża ewlenija fuq livell dinji fil-qasam ta' l-imballaġġ tal-kartun u meqjusa li għandha pożizzjoni dominanti f'dan is-suq għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-imballaġġ asettiku, u t-tieni kumpannija hija impriża ewlenija fil-produzzjoni u l-provvista ta' magni magħrufa bħala SBM, jiġifieri magni li jippermettu li jiġu ffurmati fliexken vojta minn sempliċi tubu tal-plastik, li l-komponenti tiegħu huma l-polyethylene terephtalate (PET), u l-polyethylene b'densità għolja (HDPE). Skond il-Kummissjoni, il-konċentrazzjoni nnotifikata kienet tinkoraġġixxi lil Tetra Laval BV tuża l-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq tat-tagħmir u tal-prodotti konsumabbli għall-imballaġġ tal-kartun bħala lieva biex tipperswadi lill-klijenti tagħha f'dan is-suq, li qegħdin jaqilbu għall-PET għall-imballaġġ ta' ċerti prodotti sensittivi

(ħalib u prodotti likwidi tal-ħalib, meraq u nettari tal-frott, xorb mhux gassuż bit-togħma tal-frott u xorb tat-te u tal-kafè), sabiex jagħżlu l-magni SBM ta' Sidel, u b'hekk jeskludu l-kompetituri ħafna iżgħar u jittrasformaw il-pożizzjoni ewlenija ta' Sidel fis-suq tal-magni SBM għal prodotti sensittivi f'pożizzjoni dominanti. Il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll li l-konċentrazzjoni nnotifikata kienet issaħħaħ il-pożizzjoni dominanti ta' Tetra Laval BV fis-swieq ta' l-imballaġġ tal-kartun u tnaqqas l-inċentiv li għandha biex taġġusta l-prezzijiet tagħha u ġġedded biex tilqa' għat-theddida li toħloq l-PET għall-pożizzjoni tagħha. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-impenji assunti minn Tetra Laval BV ma kinux suffiċjenti biex isolvu l-problemi strutturali ta' kompetizzjoni li qajmet il-konċentrazzjoni nnotifikata u sostniet li kien kważi impossibbli li tikkontrolla l-osservanza tagħhom.

Fuq rikors għal annullament imressaq minn Tetra Laval BV kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat, madankollu, li l-Kummissjoni kienet għamlet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fil-konklużjonijiet tagħha dwar l-effett ta' lieva u t-tisħiħ tal-pożizzjoni dominanti ta' Tetra Laval BV fis-settur tal-kartun u, għaldaqstant, annullat id-Deċiżjoni tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appell, imressaq mill-Kummissjoni, kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

Fl-ewwel lok, din il-kawża tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità biex tikkonferma l-kriterji ta' l-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet, kif kienet ifformulathom fis-sentenza magħrufa bħala "*Kali & Salz*" (sentenza tal-31 ta' Marzu 1998, *Franza et* vs *Il-Kummissjoni*, C-68/94 u C-30/95, Ġabra p. I-1375). Hija fakkret li r-regoli sostantivi dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn imprizi, li dak iż-żmien kienu jinsabu fir-Regolament Nru 4064/89[19] u, b'mod partikolari, fl-Artikolu 2 tiegħu, jagħtu lill-Kummissjoni ċerta setgħa diskrezzjonali, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam ma' evalwazzjonijiet ta' natura ekonomika, u li, għaldaqstant, l-istħarriġ mill-qorti Komunitarja ta' l-eżerċizzju ta' tali setgħa, li huwa essenzjali għad-definizzjoni tar-regoli fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet, għandu jitwettaq filwaqt li jittieħed in kunsiderazzjoni l-marġini ta' diskrezzjoni li huwa impliċitu fir-regoli ta' natura ekonomika li jifformaw parti mis-sistema ta' regoli dwar il-konċentrazzjonijiet. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, għalkemm tirrikonixxi li l-Kummissjoni għandha marġini ta' diskrezzjoni fil-qasam ekonomiku, dan ma jfissirx li l-qorti Komunitarja għandha tastjeni milli twettaq stħarriġ ta' l-interpretazzjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, ta' *data* ta' natura ekonomika. Fil-fatt, il-qorti Komunitarja għandha, b'mod partikolari, tivverifika mhux biss l-eżattezza materjali ta' l-elementi ta' prova invokati, kemm wieħed huma ta' min joqgħod fuqhom u l-koerenza tagħhom, iżda wkoll tistħarreġ jekk dawn l-elementi jikkostitwixxux id-*data* kollha rilevanti li għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk jippermettux li jiġu sostnuti l-konklużjonijiet li jkunu nġibdu minnhom. Skond il-Qorti tal-Ġustizzja, tali stħarriġ kien iktar u iktar neċessarju fil-każ ta' analiżi prospettiva rikjesta mill-eżami ta' proposta ta' konċentrazzjoni li jkollha effett ta' konglomerat.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll li analiżi prospettiva, bħal dawk li huma neċessarji fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, għandha titwettaq b'attenzjoni kbira, billi dan mhuwiex il-każ ta' eżami tal-ġrajjiet tal-passat, li dwarhom wieħed sikwit

[19] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89 tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 395, 1989, p. 1).

ikollu diversi elementi ta' prova li jippermettulu jifhem il-kawżi, u lanqas tal-ġrajjiet tal-preżent, iżda ta' tbassir tal-ġrajjiet li, skond probabbiltà iktar jew inqas qawwija, ser iseħħu fil-futur jekk ma tiġi adottata ebda deċiżjoni li tipprojbixxi jew tispeċifika l-kundizzjonijiet tal-konċentrazzjoni prospettata. Tali analiżi, li tikkonsisti fl-eżami ta' kif konċentrazzjoni tista' tbiddel il-fatturi li jiddeterminaw l-istat tal-kompetizzjoni f'suq partikolari bil-għan li jiġi vverifikat jekk tagħtix lok għal tfixkil sinjifikattiv għall-kompetizzjoni effettiva, teżiġi, skond il-Qorti tal-Ġustizzja, li jiġu immaġinati d-diversi ktajjen ta' kawża u effett, bil-għan li jiġu aċċettati dawk li jkunu l-iktar probabbli. Fil-każ ta' analiżi ta' konċentrazzjoni tat-tip konglomerat, li fiha t-teħid in kunsiderazzjoni ta' perijodu twil ta' żmien fil-futur, minn naħa, u l-effett ta' lieva neċessarju sabiex jinħoloq tfixkil sinjifikattiv għall-kompetizzjoni effettiva, min-naħa l-oħra, jimplikaw li l-ktajjen ta' kawża u effett huma diffiċilment perċettibbli, inċerti u diffiċli biex jiġu stabbiliti, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, għaldaqshekk, li l-kwalità ta' l-elementi ta' prova prodotti mill-Kummissjoni sabiex tiġi ppruvata n-neċessità ta' deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni inkumpatibbli mas-suq komuni hija partikolarment importanti, billi dawn l-elementi jridu jsostnu l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni fis-sens li, fin-nuqqas ta' adozzjoni ta' tali deċiżjoni, ikun plawżibbli x-xenarju ta' żvilupp ekonomiku li fuqu din l-istituzzjoni tibbaża ruħha.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li meta l-Kummissjoni tanalizza l-effetti ta' konċentrazzjoni tat-tip konglomerat, il-probabbiltà ta' l-adozzjoni ta' komportamenti antikompetittivi li jistgħu jipproduċu effett ta' lieva għandha tiġi eżaminata b'mod komprensiv, jiġifieri billi jittieħdu in kunsiderazzjoni kemm l-inċentivi biex jiġu adottati tali komportamenti kif ukoll il-fatturi li jistgħu jnaqqsu, jew saħansitra jeliminaw, tali inċentivi, inkluża n-natura possibbilment illegali ta' dawn il-komportamenti. Madankollu, hija spjegat li jmur kontra l-għan ta' prevenzjoni tar-Regolament Nru 4064/89 li kieku l-Kummissjoni kellha tintalab li, għal kull proposta ta' konċentrazzjoni, hija teżamina safejn l-inċentivi biex jiġu adottati komportamenti antikompetittivi jkunu mnaqqsa, jew saħansitra eliminati, minħabba l-illegalità tal-komportamenti in kwistjoni, il-probabbiltà li jinkixfu, il-proċedimenti li jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti, kemm fuq livell Komunitarju kif ukoll fuq livell nazzjonali, u s-sanzjonijiet li jistgħu jirriżultaw. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li tali analiżi tirrikjedi eżami eżawrjenti u dettaljat tal-leġiżlazzjonijiet tad-diversi ordnijiet ġuridiċi li jistgħu jkunu applikabbli u tal-politika ta' infurzar ipprattikata fihom, u li, sabiex tkun utli, tippresupponi grad għoli ta' probabbiltà fir-rigward tal-fatti kkunsidrati li jagħtu lok għal oġġezzjonijiet minħabba li jagħmlu parti minn komportament antikompetittiv. Minn dan hija kkonkludiet li, fl-istadju ta' l-evalwazzjoni tal-proposta ta' konċentrazzjoni, analiżi li tfittex li tistabbilixxi l-probabbli eżistenza ta' ksur ta' l-Artikolu 82 KE u li tassigura li dan il-ksur jiġi ppenalizzat f'diversi ordnijiet ġuridiċi tkun wisq spekulattiva u ma tippermettix lill-Kummissjoni tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq l-elementi fattwali kollha rilevanti bil-għan li jiġi vverifikat jekk isostnux id-deskrizzjoni ta' xenarju ta' żvilupp ekonomiku li jinkludi żviluppi bħall-effett ta' lieva.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet il-prinċipju msemmi fis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza *Gencor vs Il-Kummissjoni* (sentenza tal-25 ta' Marzu 1999, T-102/96, Ġabra p. II-753), fir-rigward ta' l-impenji proposti mill-impriżi kkonċernati li jkunu ta' natura li jagħmlu l-konċentrazzjoni nnotifikata kumpatibbli mas-suq komuni. Hija fakkret li tali impenji għandhom jippermettu lill-Kummissjoni tikkonkludi li l-konċentrazzjoni in kwistjoni ma toħloqx jew ma ssaħħaħx pożizzjoni dominanti fis-sens ta' l-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament Nru 4064/89 u minn dan ikkonkludiet li huwa immaterjali jekk l-impenn propost

jistax jiġi kkwalifikat bħala impenn komportamentali jew bħala impenn strutturali u li, għaldaqstant, ma jistax jiġi eskluż *a priori* li impenji li jkunu *prima facie* tat-tip komportamentali, bħalma huma l-impenn li *trade mark* ma tintużax għal ċertu perijodu jew li tqiegħed parti mill-kapaċità tal-produzzjoni ta' l-impriża li tirriżulta mill-konċentrazzjoni għad-dispożizzjoni ta' terzi kompetituri, jew, b'mod iktar ġenerali, li tagħti aċċess għal infrastruttura essenzjali taħt kundizzjonijiet mhux diskriminatorji, jistgħu huma wkoll ikunu ta' natura li jimpedixxu l-ħolqien jew it-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti.

Fl-aħħar nett, wara li osservat li mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 4064/89 jirriżulta li l-Kummissjoni, meta tevalwa l-kumpatibbiltà ta' konċentrazzjoni mas-suq komuni, għandha tieħu in kunsiderazzjoni serje ta' elementi bħalma huma l-istruttura tas-swieq ikkonċernati, il-kompetizzjoni attwali jew potenzjali minn impriżi, il-pożizzjoni u l-qawwa ekonomika u finanzjarja ta' l-impriżi kkonċernati, l-alternattivi disponibbli għall-fornituri u għall-utenti tagħhom, l-eżistenza ta' ostakli għad-dħul, u l-iżvilupp tal-provvista u tad-domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet minn dan li s-sempliċi fatt li l-impriża akkwirenti diġà kienet tokkupa pożizzjoni dominanti ċara ferm fis-suq ikkonċernat, minkejja li jikkostitwixxi element importanti, mhuwiex suffiċjenti fih innifsu biex jiġġustifika l-konklużjoni li tnaqqis tal-kompetizzjoni potenzjali li din l-impriża trid tħabbat wiċċha magħha tikkostitwixxi tisħiħ tal-pożizzjoni tagħha. Fil-fatt, skond il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kompetizzjoni potenzjali li jirrappreżenta produttur ta' prodotti sostituttivi f'parti mis-suq in kwistjoni hija biss wieħed mill-elementi fost dawk kollha li għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni sabiex jiġi vverifikat jekk hemmx ir-riskju li konċentrazzjoni jkollha l-effett li ssaħħaħ pożizzjoni dominanti u ma jistax jiġi eskluż li tnaqqis ta' din il-kompetizzjoni potenzjali jiġi kkumpensat b'elementi oħra, bir-riżultat li b'tali kumpens il-pożizzjoni kompetittiva ta' l-impriża li diġà tokkupa pożizzjoni dominanti tibqa' ma tinbidilx.

Fil-kawżi magħquda *AEM* (sentenza ta' l-14 ta' April 2005, C-128/03 u C-129/03, Ġabra p. I-2861), tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mill-Consiglio di Stato, fil-kuntest ta' kawża mressqa minn żewġ ċentrali idroelettriċi u ġeotermiċi kontra l-Aġenzija Taljana għall-Enerġija Elettrika u għall-Gass, dwar żieda fit-tariffa għall-aċċess għan-netwerk nazzjonali ta' trażmissjoni tal-kurrent elettriku u għall-użu tiegħu, żewġ domandi preliminari li jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 87 KE u tad-Direttiva 96/92,[20] b'mod partikolari ta' l-Artikoli 7 u 8 tagħha. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienu ressqu rikorsi, quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per la Lombardia, kontra żewġ deċiżjonijiet ta' l-imsemmija awtorità li jissuġġettaw il-kurrent elettriku għal żieda fit-tariffa għall-użu tan-netwerk li jkopri s-servizzi ta' l-enerġija elettrika u kontra l-atti preparatorji, ta' bażi u konnessi tagħhom. Billi dawn ir-rikorsi kienu ġew miċħuda, huma ressqu appelli quddiem il-Consiglio di Stato biex jitolbu l-annullament tas-sentenzi ta' ċaħda. Huma sostnew li l-imsemmija żieda fit-tariffa kienet taqa' kompletament taħt is-sistema tas-sussidji għall-funzjonament ta' impriżi partikolari jew għall-produzzjoni ffinanzjata permezz ta' drittijiet miġbura fuq il-provvisti minn impriżi fis-settur, ħaġa li tammonta għal għajnuna mill-Istat fis-sens ta' l-Artikolu 87(1) KE, mogħtija mingħajr ma ġiet implementata l-proċedura stabbilita fit-Trattat KE. Huma sostnew ukoll li prezz iddifferenzjat għall-aċċess għan-netwerk ta' trażmissjoni, li jfisser piż ikbar għal ċerti impriżi, jikkostitwixxi ksur ta' wieħed mill-prinċipji

[20] Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern ta' l-elettriku (ĠU L 27, 1997, p. 20).

fundamentali tad-Direttiva 96/92, f'dak li jirrigwarda l-aċċess ta' kulħadd u mingħajr diskriminazzjoni għall-imsemmi netwerk.

Kien f'dan il-kuntest li l-Consiglio di Stato staqsa essenzjalment lill-Qorti tal-Ġustizzja, minnaħa, jekk miżura bbażata fuq in-neċessità li jiġu rrimedjati vantaġġi indebiti u żvantaġġi kompetittivi li nħolqu waqt l-ewwel perijodu ta' liberalizzazzjoni tas-suq ta' l-enerġija elettrika wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva 96/92 u li biha Stat Membru jimponi biss fuq ċerti impriżi li jipproduċu u jiddistribwixxu l-kurrent elettriku u li jużaw in-netwerk nazzjonali ta' trażmissjoni tal-kurrent elettriku, żieda fit-tariffa dovuta għall-aċċess għal dan in-netwerk, tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fis-sens ta' l-Artikolu 87 KE u, min-naħa l-oħra, jekk l-Artikoli 7(5) u 8(2) tad-Direttiva 96/92, safejn jipprojbixxu kull diskriminazzjoni bejn utenti tan-netwerk nazzjonali ta' trażmissjoni tal-kurrent elettriku, jipprekludux Stat Membru milli jadotta tali miżura għal perijodu tranżitorju.

Dwar l-ewwel domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li miżura li, għal perijodu tranżitorju, timponi żieda fit-tariffa għall-aċċess għan-netwerk nazzjonali ta' trażmissjoni tal-kurrent elettriku u fuq l-użu tiegħu, biss fuq impriżi li jipproduċu u jiddistribwixxu l-kurrent elettriku li ġej minn installazzjonijiet idroelettriċi u ġeotermiċi bil-għan li jiġi kkumpensat il-vantaġġ iġġenerat għalihom, matul il-perijodu ta' tranżizzjoni, bil-liberalizzazzjoni tas-suq ta' l-enerġija elettrika wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva 96/92 jikkostitwixxi trattament differenti bejn l-impriżi fir-rigward ta' tariffi li jirriżulta min-natura u mill-istruttura tas-sistema ta' tariffi in kwistjoni, li, fih innifsu, ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fis-sens ta' l-Artikolu 87 KE. Barra minn hekk, hija fakkret li l-eżami ta' għajnuna ma jistax jiġi sseparat mill-effetti tal-metodu ta' finanzjament tiegħu u li, jekk teżisti rabta ta' approprjazzjoni obbligatorja bejn iż-żieda fit-tariffa għall-aċċess għan-netwerk nazzjonali ta' trażmissjoni tal-kurrent elettriku u għall-użu tiegħu u sistema ta' għajnuna nazzjonali, fis-sens li r-rikavat miż-żieda huwa neċessarjament approprjat għall-finanzjament ta' l-imsemmija għajnuna, l-imsemmija żieda tifforma parti integrali minn din is-sistema u għaldaqstant għandha tiġi eżaminata flimkien ma' din is-sistema.

Dwar it-tieni domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-regola ta' aċċess mingħajr diskriminazzjoni għan-netwerk nazzjonali ta' trażmissjoni tal-kurrent elettriku stabbilita bid-Direttiva 96/92 ma tipprekludix Stat Membru milli jadotta miżura, għal perijodu tranżitorju, li timponi biss fuq ċerti impriżi li jipproduċu u jiddistribwixxu l-kurrent elettriku, żieda fit-tariffa dovuta għall-aċċess għall-imsemmi netwerk u għall-użu tiegħu bil-għan li jiġi kkumpensat il-vantaġġ iġġenerat għal dawn l-impriżi, matul il-perijodu ta' tranżizzjoni, bil-bidla fil-qafas ġuridiku wara l-liberalizzazzjoni tas-suq ta' l-enerġija elettrika b'riżultat tat-traspożizzjoni ta' l-imsemmija Direttiva. Madankollu, hija speċifikat li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tassigura li ż-żieda fit-tariffa ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex l-imsemmi vantaġġ jiġi kkumpensat.

Fil-kawża *Il-Kummissjoni* vs *Ir-Repubblika Ellenika* (sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, C-415/03, Ġabra p. I-3875), il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddikjara li, peress li ma ħaditx il-miżuri kollha neċessarji, fit-terminu previst, skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2003/372,[21] għar-rimbors ta' l-għajnuna ddikjarati b'din id-Deċiżjoni bħala illegali u inkum-

[21] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/372/KE tal-11 ta' Diċembru 2002 dwar l-għajnuna mogħtija mill-Ġreċja lill-Olympic Airways (ĠU L 132, 2003, p. 1).

patibbli mas-suq komuni, jew, fi kwalunkwe każ, peress li ma informathiex bil-miżuri adottati b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha.

Fl-1996, il-Kummissjoni bdiet il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 93(2) tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 88(2) KE) kontra r-Repubblika Ellenika, li wasslet għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni 1999/332.[22] L-għoti ta' dawn l-għajnuniet kien jifforma parti minn pjan ta' ristrutturazzjoni rivedut għall-perjodu bejn l-1998 u l-2002 u kien suġġett għal kundizzjonijiet partikolari.

Wara li saru lmenti ġodda fir-rigward ta' l-għoti ta' għajnuna oħra lil Olympic Airways, il-Kummissjoni, madankollu, bdiet proċedura ġdida skond l-Artikolu 88(2) KE, għaliex il-pjan ta' ristrutturazzjoni ta' din il-kumpannija ma kienx ġie applikat u ċerti kundizzjonijiet previsti fid-deċiżjoni preċedenti tagħha ta' approvazzjoni ma kinux ġew osservati, b'mod partikolari l-obbligu li tiġi pprovduta ċerta informazzjoni lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 659/1999.[23]

Wara din il-proċedura, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2003/372, li kienet ibbażata, b'mod partikolari, fuq il-kunsiderazzjonijiet li l-biċċa l-kbira ta' l-għanijiet tal-pjan ta' ristrutturazzjoni ta' Olympic Airways ma kinux intlaħqu, li l-kundizzjonijiet imposti mid-deċiżjoni ta' approvazzjoni ma kinux ġew osservati kollha u li din id-deċiżjoni ta' approvazzjoni kienet ġiet implementata b'mod abbużiv. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rreferiet għall-eżistenza ta' għajnuna ġdida għall-operat li kienet tikkonsisti, essenzjalment, fit-tolleranza, mill-Istat Elleniku, tan-nuqqas ta' ħlas, jew fil-posponiment tat-termini li fihom kellu jsir ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, tat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq il-*fuel* u *spare parts*, jew tal-kera dovuta lill-ajruporti, tat-tariffi ajruportwali u ta' taxxa imposta fuq il-passiġġieri meta jitilqu mill-ajruporti Griegi, magħrufa bħala "spatosimo".

Il-Kummissjoni kienet qed teżigi li r-Repubblika Ellenika tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tirkupra l-imsemmija għajnuna mingħand il-kumpannija benefiċjarja u li tinformaha bil-miżuri adottati sabiex tikkonforma mad-deċiżjoni tagħha, fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-deċiżjoni. Wara li l-Gvern Elleniku rrifjuta li jikkonforma ruħu u peress li l-Kummissjoni ma kinitx sodisfatta bl-ispjegazzjonijiet li ta, hija ressqet ir-rikors li ta lok għal din il-kawża. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-imsemmi rikors tal-Kummissjoni kien fondat.

Hija fakkret li l-unika eċċezzjoni li tista' tiġi invokata minn Stat Membru kontra rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mressaq mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 88(2) KE hija dik ibbażata fuq l-impossibiltà assoluta li tiġi implementata korrettament id-deċiżjoni li tordna l-irkupru ta' l-għajnuna in kwistjoni. Fir-rigward ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar għajnuna mill-Istat, il-kundizzjoni ta' impossibiltà assoluta li tiġi implementata deċiżjoni ma tiġix sodisfatta meta l-Gvern konvenut ma jagħmel xejn ħlief jinforma lill-Kummissjoni bid-diffikultajiet ġuridiċi, politiċi jew prattiċi li toħloq l-implementazzjoni tad-deċiżjoni, mingħajr ma jieħu l-passi neċessarji sabiex jirkupra l-għajnuna mingħand l-impriżi kkonċernati u mingħajr ma jipproponi lill-Kummissjoni metodi alternattivi għall-imple-

22 Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/332/KE ta' l-14 ta' Awwissu 1998 dwar l-għajnuna mogħtija mill-Greċja lill-kumpannija Olympic Airways (ĠU L 128, 1999, p. 1).

23 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat KE (ĠU L 83, 1999, p. 1).

mentazzjoni ta' din id-deċiżjoni li permezz tagħhom ikunu jistgħu jiġu megħluba dawn id-diffikultajiet. Meta l-implementazzjoni ta' tali deċiżjoni tiġi rrinfaċċata biss b'ċertu numru ta' diffikultajiet ta' natura interna, il-Kummissjoni u l-Istat Membru għandhom, skond ir-regola li timponi obbligu reċiproku ta' kooperazzjoni leali fuq l-Istati Membri u fuq l-istituzzjonijiet Komunitarji u li toħroġ, b'mod partikolari, mill-Artikolu 10 KE, jikkollaboraw in *bona fede* sabiex jegħlbu d-diffikultajiet ħalli jaġixxu kompletament in konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, u b'mod partikolari ma' dawk dwar l-għajnuna mill-Istat.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet li, fil-kuntest ta' rikors li għandu bħala suġġett in-nuqqas ta' implementazzjoni ta' deċiżjoni dwar għajnuna mogħtija mill-Istat u li ma ġiex imressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mill-Istat Membru li lilu kienet indirizzata d-deċiżjoni, dan ta' l-aħħar ma jistax jikkontesta l-legalità ta' tali deċiżjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-ebda dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju ma tirrikjedi lill-Kummissjoni, meta hija tordna r-restituzzjoni ta' għajnuna ddikjarata inkumpatibbli mas-suq komuni, tistabbilixxi l-ammont eżatt ta' l-għajnuna li għandha tiġi rrestitwita. Fil-fatt, huwa biżżejjed illi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tinkludi informazzjoni li tippermetti lid-destinatarju tagħha jiddetermina dan l-ammont huwa stess, mingħajr wisq diffikultà.

Għalhekk il-Kummissjoni tista', b'mod leġittimu, sempliċement tikkonstata l-obbligu ta' restituzzjoni ta' l-għajnuna in kwistjoni u tħalli f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali sabiex jikkalkolaw l-ammont preċiż ta' l-għajnuna li għandha tiġi rrestitwita. Barra minn hekk, billi l-parti operattiva ta' deċiżjoni dwar għajnuna mogħtija minn Stat ma tistax tiġi sseparata mill-motivi tagħha, b'mod illi meta tiġi interpretata, jekk ikun il-każ, għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni l-motivi li wasslu għall-adozzjoni tagħha, l-ammonti li għandhom jiġu rrimborsati skond id-deċiżjoni tal-Kummissjoni jistgħu jiġu stabbiliti minn qari tal-motivi tagħha meħuda flimkien.

**3.9.** Fil-qasam varjat ta' l-approssimazzjoni tal-liġijiet, żewġ sentenzi dwar kuntratti pubbliċi, sentenza dwar it-telekomunikazzjoni, sentenza dwar id-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati, u sentenza dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, huma ta' interess partikolari.

Fil-kawża *Stadt Halle u RPL Lochau* (sentenza tal-11 ta' Jannar 2005, C-26/03, Ġabra p. I-1), tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mill-Oberlandesgericht Naumburg, fil-kuntest ta' kawża mressqa mill-belt ta' Halle fil-Ġermanja u l-kumpannija RPL Lochau kontra l-kumpannija TREA Leuna, dwar il-legalità, fid-dawl tar-regoli Komunitarji, ta' l-għoti, mingħajr proċedura ta' sejħa pubblika għal offerti, ta' kuntratt ta' servizzi dwar it-trattament ta' l-iskart, mill-belt ta' Halle lil RPL Lochau, li l-maġġoranza ta' l-ishma fil-kapital tagħha hija miżmuma mill-belt ta' Halle u l-minoranza minn kumpannija privata, żewġ serje ta' domandi preliminari li jirrigwardaw, minn naħa, l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 89/665,[24] kif emendata, u, min-naħa l-oħra, l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 1(2) u 13(1) tad-Direttiva 93/38,[25] kif emendata.

[24] Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi (ĠU L 395, 1989, p. 33).

[25] Direttiva tal-Kunsill 93/38/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwist pubbliku għal entitajiet li joperaw fis-setturi ta' l-ilma, ta' l-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjonijiet (ĠU L 199, 1993, p. 84).

Permezz ta' l-ewwel serje ta' domandi, l-Oberlandesgericht Naumburg staqsa essenzjalment jekk l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 89/665 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu ta' l-Istati Membri li jipprovdu rimedji effettivi u rapidi kontra d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet aġġudikanti jestendix ukoll għad-deċiżjonijiet meħuda barra minn proċedura formali għall-għoti ta' kuntratt u qabel sejħa formali għal offerti, b'mod partikolari għad-deċiżjoni dwar jekk kuntratt partikolari jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni personali jew materjali tad-Direttiva 92/50,[26] u minn liema mument, fil-kuntest ta' proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku, l-Istati Membri huma obbligati li jagħmlu rimedju disponibbli għal offerent, għal kandidat jew għal parti interessata.

Permezz tat-tieni serje ta' domandi, il-qorti tar-rinviju staqsiet essenzjalment jekk, fl-ipoteżi fejn awtorità aġġudikanti jkollha l-intenzjoni li tikkonkludi, ma' kumpannija rregolata mid-dritt privat li tkun ġuridikament distinta minn din l-awtorità iżda li fil-kapital tagħha din l-awtorità jkollha l-maġġoranza ta' l-ishma u li fuqha din l-awtorità teżerċita ċertu kontroll, kuntratt oneruż li jirrigwarda servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni materjali tad-Direttiva 92/50, din l-awtorità hijiex dejjem obbligata tapplika l-proċeduri ta' sejħa pubblika għal offerti previsti f'din id-Direttiva minħabba s-sempliċi fatt li impriża privata żżomm sehem, imqar minoritarju, fil-kapital ta' din il-kumpannija kontraenti. Fil-każ ta' risposta negattiva għal din id-domanda, il-qorti tar-rinviju staqsiet, barra minn hekk, abbażi ta' liema kriterji għandu jiġi kkunsidrat li l-awtorità aġġudikanti mhijiex suġġetta għal tali obbbligu.

Dwar l-ewwel serje ta' domandi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 89/665, kif emendata, għandha tiġi interpretata fis-sens li l-obbligu ta' l-Istati Membri li jipprovdu rimedji effettivi u rapidi kontra d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet aġġudikanti jestendi wkoll għad-deċiżjonijiet meħuda barra minn proċedura formali għall-għoti ta' kuntratt u qabel sejħa formali għal offerti, b'mod partikolari għad-deċiżjoni dwar jekk kuntratt partikolari jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni personali jew materjali tad-Direttiva 92/50, kif emendata. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din il-possibbiltà ta' rimedju għandha tkun miftuħa għal kull persuna li jkollha jew li kellha interess li tikseb il-kuntratt in kwistjoni u li sofriet dannu jew tirriskja li ssofri dannu minħabba ksur allegat, mill-mument meta l-awtorità aġġudikanti tkun esprimiet ir-rieda tagħha b'mod li jista' jkollha effetti ġuridiċi, u li, għaldaqstant, l-Istati Membri mhumiex awtorizzati jissuġġettaw il-possibbiltà ta' rimedju għall-fatt li l-proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku tkun formalment laħqet stadju partikolari.

Dwar it-tieni serje ta' domandi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fl-ipoteżi fejn awtorità aġġudikanti jkollha l-intenzjoni li tikkonkludi kuntratt oneruż li jirrigwarda servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni materjali tad-Diretttiva 92/50, kif emendata bid-Direttiva 97/52,[27] ma' kumpannija ġuridikament distinta minnha, li fil-kapital tagħha din l-awtorità jkollha ishma flimkien ma' impriża privata waħda jew iktar, il-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi previsti f'din id-Direttiva għandhom dejjem jiġu applikati.

[26] Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 relatata mal-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tas-servizzi pubbliċi (ĠU L 209, 1992, p. 1).

[27] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 97/52/KE tat-13 ta' Ottubru 1997 li temenda d-Direttivi 92/50/KEE, 93/36/KEE u 93/37/KEE dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tas-servizzi pubbliċi, kuntratti ta' provvisti pubbliċi u kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi rispettivament (ĠU L 328 , 1997, p. 1).

Fil-kawżi magħquda *Fabricom* (sentenza tat-3 ta' Marzu 2005, C-21/03 u C-34/03, Ġabra p. I-1559), tressqu żewġ serje ta' domandi preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mill-Conseil d'État tal-Belġju. Huma kienu jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-Direttiva 92/50,[28] kif emendata bid-Direttiva 97/52[29] u, b'mod iktar partikolari, ta' l-Artikolu 3(2) tagħha, tad-Direttiva 93/36,[30] kif emendata bid-Direttiva 97/52, u, b'mod iktar partikolari, ta' l-Artikolu 5(7) tagħha, tad-Direttiva 93/37,[31] kif emendata bid-Direttiva 97/52, u, b'mod iktar partikolari, ta' l-Artikolu 6(6) tagħha, kif ukoll tad-Direttiva 93/38,[32] kif emendata bid-Direttiva 98/4,[33] u, b'mod iktar partikolari, ta' l-Artikolu 4(2) tagħha, flimkien mal-prinċipju tal-proporzjonalità, mal-libertà tal-kummerċ u ta' l-industrija u mad-dritt ta' proprjetà. Barra minn hekk, l-imsemmija domandi preliminari kienu jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-Direttiva 89/665,[34] u, b'mod iktar partikolari, ta' l-Artikoli 2(1)(a) u 5 tagħha, kif ukoll tad-Direttiva 92/13,[35] u, b'mod iktar partikolari, ta' l-Artikoli 1 u 2 tagħha.

Dawn id-domandi kienu intiżi sabiex jippermettu lill-qorti nazzjonali tiddeċiedi żewġ kawżi bejn, minn naħa, Fabricom SA, li hija kuntrattur li regolarment ikollu jitfa' offerti għal kuntratti pubbliċi, b'mod partikolari fis-setturi ta' l-ilma, ta' l-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjonijiet, u min-naħa l-oħra, l-Istat Belġjan, li kienu jirrigwardaw il-legalità ta' dispożizzjonijiet nazzjonali, speċjalment l-Artikoli 26 u 32 tad-Digriet Irjali tal-25 ta' Marzu 1999, li jemenda, rispettivament, id-Digrieti Rjali tat-8 u tal-10 ta' Jannar 1996, li, taħt ċerti kundizzjonijiet, billi t-tnejn kienu fformulati essenzjalment f'termini analogi, kienu jipprekludu persuna li tkun ġiet inkarigata twettaq xogħol preparatorju relattiv għal kuntratt pubbliku jew impriża marbuta magħha milli tipparteċipa f'dan il-kuntratt. Fiż-żewġ kawżi prinċipali, l-imsemmi kuntrattur sostna li din id-dispożizzjoni kienet, b'mod partikolari, kuntrarja għall-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-offerenti kollha, għall-prinċipju ta' l-effikaċja tar-rimedju ġudizzjarju kif iggarantit bid-Direttiva 92/13, għall-prinċipju tal-proporzjonalità, għal-libertà tal-kummerċ u ta' l-industrija u għad-dritt ta' proprjetà kif previst fl-Artikolu 1 ta'

28 Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 relatata mal-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tas-servizzi pubbliċi (ĠU L 209, 1992, p. 1).

29 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 97/52/KE tat-13 ta' Ottubru 1997 li temenda d-Direttivi 92/50/KEE, 93/36/KEE u 93/37/KEE dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tas-servizzi pubbliċi, kuntratti ta' provvisti pubbliċi u kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi rispettivament (ĠU L 328, 1997, p. 1).

30 Direttiva tal-Kunsill 93/36/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 li tikkoordina l-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi ta' provvista (ĠU L 199, 1993, p. 1).

31 Direttiva tal-Kunsill 93/37/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 li tikkonċerna l-koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi (ĠU L 199, 1993, p. 54).

32 Direttiva tal-Kunsill 93/38/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwist pubbliku għal entitajiet li joperaw fis-setturi ta' l-ilma, ta' l-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjonijiet (ĠU L 199, 1993, p. 84).

33 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 98/4/KE tas-16 ta' Frar 1998 li temenda d-Direttiva 93/38/KEE li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwist ta' l-entitajiet li joperaw fis-setturi ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni (ĠU L 101, 1998, p. 1).

34 Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi (ĠU L 395, 1989, p. 33).

35 Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE tal-25 ta' Frar 1992 li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni (ĠU L 76, 1992, p. 14).

l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

Billi kkunsidra li sabiex jaqta' l-kawżi pendenti quddiemu kien jeħtieġ l-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija direttivi dwar il kuntratti pubbliċi, il-Conseil d'État għalhekk iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u jressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja żewġ serje ta' tliet domandi kull waħda li, minħabba l-kontenut essenzjalment analogu tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tiġborhom taħt tliet domandi biex teżaminahom. Billi rrilevat li t-tieni domanda kienet ibbażata fuq ipoteżi li ma setgħetx tiġi aċċettata, il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet biss, madankollu, l-ewwel u t-tielet domandi. Permezz ta' l-ewwel domanda mressqa mill-Conseil d'État fil-kuntest taż-żewġ kawżi prinċipali, il-Conseil d'État talab essenzjalment jekk id-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju li għalihom għamel riferiment kinux jipprekludu regola, bħal dik prevista fl-imsemmija dispożizzjonijiet nazzjonali, li tgħid li kull persuna li tkun ġiet inkarigata twettaq riċerka, esperimentazzjoni, studji jew żvilupp relattivi għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi pubbliċi ma tistax tipparteċipa fi jew titfa' offerta għal kuntratt pubbliku għal dawn ix-xogħlijiet, provvisti jew servizzi, mingħajr ma din il-persuna jkollha l-possibbiltà li tipprova li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ in kwistjoni, l-esperjenza li hija tkun kisbet ma setgħetx toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. Permezz tat-tielet domanda, il-Conseil d'État talab essenzjalment jekk id-Direttiva 89/665 u, b'mod iktar partikolari, l-Artikoli 2(1)(a) u 5 tagħha, kif ukoll id-Direttiva 92/13 u, b'mod iktar partikolari, l-Artikoli 1 u 2 tagħha, kinux jipprekludu l-entità aġġudikanti milli tkun tista' tirrifjuta, sa tmiem il-proċedura għall-eżami ta' l-offerti, li l-impriża marbuta ma' xi persuna li tkun wettqet ċerti xogħlijiet preparatorji, tipparteċipa fil-proċedura jew titfa' offerta, minkejja li din l-impriża, meta mistoqsija fuq dan il-punt mill-awtorità aġġudikanti, tiddikjara li hija ma kisbitx, permezz ta' dawn ix-xogħlijiet, vantaġġ mhux iġġustifikat li jista' joħloq distorsjoni tal-kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni.

Dwar l-ewwel domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttivi 92/50, 93/36, 93/37, kif emendati bid-Direttiva 97/52, u d-Direttiva 93/38, kif emendata bid-Direttiva 98/4, u, b'mod iktar partikolari, id-dispożizzjoni ta' kull waħda minn dawn id-direttivi li tgħid li l-awtoritajiet aġġudikanti għandhom jaraw li jiġi assigurat trattament ugwali bejn l-offerenti, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha persuna li tkun ġiet inkarigata twettaq riċerka, esperimentazzjoni, studji jew żvilupp relattivi għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi pubbliċi ma titħalliex tapplika biex tipparteċipa fi jew titfa' offerta għal kuntratt pubbliku għal dawn ix-xogħlijiet, provvisti jew servizzi, mingħajr ma din il-persuna jkollha l-possibbiltà li tipprova li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, l-esperjenza li hija tkun kisbet ma setgħetx toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. Skond il-Qorti tal-Ġustizzja, minkejja li, fid-dawl tas-sitwazzjoni favorevoli li tista' ssib ruħha fiha l-persuna li tkun wettqet tali xogħlijiet preparatorji, ma jistax jiġi sostnut li l-prinċipju tat-trattament ugwali jimponi li hija tiġi ttrattata bl-istess mod bħal kull offerent ieħor, regola li ma tagħti lill-imsemmija persuna ebda possibbiltà li tipprova li, fil-każ partikolari tagħha, din is-sitwazzjoni ma tistax toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni, tmur, madankollu, lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tat-trattament ugwali bejn l-offerenti kollha.

Dwar it-tielet domanda, id-Direttiva 89/665, u, b'mod iktar partikolari, l-Artikoli 2(1)(a) u 5 tagħha, kif ukoll id-Direttiva 92/13, u, b'mod iktar partikolari, l-Artikoli 1 u 2 tagħha, jipprekludu l-entità aġġudikanti milli tkun tista' tirrifjuta, sa tmiem il-proċedura għall-eżami ta' l-offerti, li l-impriża marbuta ma' xi persuna li tkun ġiet inkarigata twettaq riċerka, espe-

rimentazzjoni, studji jew żvilupp relattivi għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi pubbliċi, tipparteċipa fil-proċedura jew titfa' offerta, minkejja li din l-impriża, meta mistoqsija fuq dan il-punt mill-awtorità aġġudikanti, tiddikjara li hija ma kisbitx, permezz ta' dawn ix-xogħlijiet, vantaġġ mhux ġustifikat li jista' joħloq distorsjoni tal-kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni. Skond il-Qorti tal-Ġustizzja, il-possibbiltà għall-awtorità aġġudikanti li ddum ma tieħu deċiżjoni dwar il-possibbiltà għal tali impriża li tipparteċipa fil-proċedura jew li titfa' offerta, sa ma l-proċedura tkun laħqet stadju avanzat ħafna, minkejja li din l-awtorità tiddisponi mill-elementi kollha sabiex tieħu din id-deċiżjoni, iċċaħħad lil dik l-impriża mill-opportunità li tinvoka r-regoli Komunitarji dwar l-għoti tal-kuntratti pubbliċi fil-konfront ta' l-awtorità aġġudikanti għal perijodu li jiddependi biss mid-diskrezzjoni ta' din l-awtorità u li jista' jestendi, jekk ikun il-każ, sa mument li fih il-ksur ma jkunx iktar jista' jiġi rrettifikat utilment. Għaldaqstant, tali sitwazzjoni mhux biss tista' tippreġudika l-effett utli tad-Direttivi 89/665 u 92/13 billi tista' twassal għal posponiment mhux iġġustifikat tal-possibbiltà għall-persuni kkonċernati li jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija lilhom mid-dritt Komunitarju, iżda tmur saħansitra kontra l-għan tad-Direttivi 89/665 u 92/13 li jikkonsisti fil-protezzjoni ta' l-offerenti fil-konfront ta' l-awtorità aġġudikanti.

Is-sentenza ta' l-20 ta' Ottubru 2005, *ISIS Multimedia Net,* C-327/03 u C-328/03 (li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), tirrigwarda s-settur tat-telekomunikazzjoni. Adottata fil-kuntest tal-liberalizzazzjoni ta' l-imsemmi settur, id-Direttiva 97/13[36] hija intiża sabiex, f'dan il-qasam, tistabbilixxi, f'dak li jirrigwarda l-ħruġ mill-Istati Membri ta' l-awtorizzazzjonijiet ġenerali u tal-liċenzji individwali, qafas waħdieni bbażat fuq il-prinċipji tal-proporzjonalità, tat-trasparenza u tan-nondiskriminazzjoni. Għal dan il-għan, hija tiddetermina, b'mod partikolari, ir-restrizzjonijiet u tariffi ta' natura fiskali li jistgħu jiġu imposti fuq l-impriżi bħala parti mill-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, kemm fir-rigward ta' l-awtorizzazzjonijiet ġenerali kif ukoll fir-rigward tal-liċenzji individwali. Fir-rigward ta' dawn ta' l-aħħar, l-Artikolu 11 tad-Direttiva jillimita t-taxxi li jistgħu jiġu imposti fuq l-impriżi għal dawk li huma intiżi biex ikopru l-ispejjeż ta' amministrazzjoni. Madankollu, fit-paragrafu 2 tagħha, l-imsemmija dispożizzjoni tawtorizza l-ġbir ta' tariffi, "fil-każ ta' riżorsi skarsi", sabiex jiġi assigurat l-aħjar użu ta' tali riżorsa. Dawn l-imposti m'għandhomx ikunu diskriminatorji u għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni partikolarment il-bżonn li jiġi promoss l-iżvilupp ta' servizzi innovattivi u tal-kompetizzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tippronunzja ruħha fuq il-portata ta' din id-dispożizzjoni wara d-domandi preliminari li tressqulha mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja) fil-kuntest tal-kawża bejn l-impriżi Isis Multimedia Net u Firma 02, minn naħa, u l-Istat Ġermaniż, min-naħa l-oħra. L-impriżi in kwistjoni, li huma operaturi ġodda ta' telekomunikazzjoni, kienu applikaw ma' l-Awtorità Regolatorja nazzjonali biex jiġu allokati numri tat-telefown sabiex dawn jingħataw lill-klijenti tagħhom. L-allokazzjoni ta' dawn in-numri kien ta lok, skond il-leġiżlazzjoni li kienet fis-seħħ, għall-impożizzjoni ta' tariffa ħmistax-il darba ogħla mill-ammont ta' l-ispejjeż amministrattivi ġġenerati. Madankollu, Deutsche Telekom, l-impriża li ħadet kontroll minn wara l-operatur storiku li qabel kellu monopolju fis-suq Ġermaniż, ibbenefikat, min-naħa tagħha, minn riżerva ta' 400 miljun numru tat-telefown li kisbet b'xejn.

36 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 97/13/KE dwar qafas komuni għall-awtorizzazzjonijiet ġenerali u l-liċenzji individwali fil-qasam tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni (ĠU L 117, 1997, p. 15).

Sabiex teżamina l-konformità tat-tariffa hekk imposta fuq l-operaturi l-ġodda ma' l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 97/13, il-Qorti tal-Ġustizzja pprospettat suċċessivament it-tliet kundizzjonijiet stabbiliti minnha. Fir-rigward ta' l-ewwel kundizzjoni, marbuta ma' l-aħjar ġestjoni ta' riżorsi skarsi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li n-numri tat-telefown jistgħu jeżistu fi kwantità limitata u għaldaqstant jikkostitwixxu tali riżors. Fir-rigward tal-kundizzjoni tan-nondiskriminazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet biss tikkonstata li Deutsche Telekom u l-kompetituri tagħha mhumiex ittrattati b'mod ugwali: filwaqt li ISIS Multimedia u Firma 02, bħal kull operatur ġdid, iridu jħallsu t-tariffa in kwistjoni sabiex jiksbu numri tat-telefown u jidħlu fis-suq, Deutsche Telekom tiddisponi, min-naħa tagħha, minn riżerva kbira ta' numri li jippermettulha topera fis-suq u biex kisbithom ma kellha tħallas ebda tariffa. Fir-rigward ta' ġustifikazzjoni eventwali ta' din id-differenza fit-trattament, il-Qorti tal-Ġustizzja, mingħajr ma teskludi din il-possibbiltà, skartat l-argumenti tal-Gvern Ġermaniż relattivi għall-obbligi ta' servizz universali mwettqa minn Deutsche Telekom u għall-obbligi lejn l-impjegati li hija assumiet, minħabba nuqqas ta' provi xierqa li jsostnuhom. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, fi kwalunkwe każ, it-tielet kundizzjoni relattiva għall-bżonn li jiġi promoss l-iżvilupp ta' servizzi innovattivi u tal-kompetizzjoni mhijiex sodisfatta. Għall-kuntrarju, bil-fatt li timponi piż fuq il-baġit ta' l-operaturi l-ġodda sa mill-fażi inizjali tat-twaqqif tagħhom, u b'hekk dawn l-operaturi mhumiex imqiegħda fuq livell ugwali ma' l-impriża f'pożizzjoni dominanti, it-tariffa imposta bil-leġiżlazzjoni Ġermaniża tikkostitwixxi ostaklu għad-dħul ta' l-operaturi l-ġodda fis-suq u konsegwentement twaqqaf l-iżvilupp tal-kompetizzjoni u tal-promozzjoni tas-servizzi innovattivi, kuntrarjament għal dak li jeżiġi l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 97/13.

Is-sentenza ta' l-14 ta' Lulju 2005 fil-kawża C-192/04, *Lagardère Active Broadcast* (li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), tirrigwarda l-kamp ta' applikazzjoni u l-portata, f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati, tad-Direttivi 92/100[37] u 93/83.[38] Il-kuntest fattwali kien is-segwenti. Lagardère Active Broadcast hija kumpannija tax-xandir stabbilita fi Franza, u suċċessur fit-titolu tal-kumpannija Europe 1. It-trażmissjonijiet tagħha huma trażmessi, minn studjows f'Pariġi fejn jiġu prodotti, lejn satellita, li tibgħat lura sinjali lejn ripetituri fid-dinja, li jxandru t-trażmissjonijiet lill-pubbliku. Għalkemm dawn ir-ripetituri jinsabu, fil-parti l-kbira tagħhom, fi Franza, wieħed minnhom, minkejja li jxandar it-trażmissjonijiet lejn Franza, huwa madankollu installat fil-Ġermanja, fis-Saarland, u huwa amministrat minn kumpannija Ġermaniża sussidjarja ta' Lagardère. Dawn it-trażmissjonijiet, bil-Franċiż, jistgħu teknikament jiġu rċevuti f'żona limitata fil-Ġermanja, iżda ma jiġux sfruttati kummerċjalment hemmhekk. Mill-aspett tal-proprjetà intellettwali, jitħallsu żewġ *royalties* għall-użu tal-fonogrammi protetti, li huma dovuti lill-artisti u lill-produtturi tagħhom: waħda titħallas fi Franza minn Lagardère, l-oħra fil-Ġermanja mill-imsemmija kumpannija sussidjarja. F'dan il-kuntest, tressqu żewġ domandi, li l-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tirrispondi wara li sar rinviju għal deċiżjoni preliminari min-naħa tal-Cour de cassation ta' Franza. Fl-ewwel lok, tista' r-*royalty* tkun irregolata mhux biss bil-liġi Franċiża, iżda wkoll bil-liġi Ġermaniża? Fit-tieni lok, tista' l-kumpannija li tittrażmetti tnaqqas mir-*royalty* dovuta fi Franza dik imħallsa jew mitluba fil-Ġermanja?

37 Direttiva tal-Kunsill 92/100/KEE tad-19 ta' Novembru 1992 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (ĠU L 346, 1992, p. 61).

38 Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE tas-27 ta' Settembru 1993 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti regoli dwar id-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati ma' drittijiet ta' l-awtur applikabbli għal xandir bis-satellita u ritrażmissjoni bil-*cable* (ĠU L 248, 1993, p. 15).

Id-Direttiva 93/83 hija importanti għar-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda. Fil-fatt, l-imsemmija Direttiva hija intiża biex, f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati applikabbli għax-xandir bis-satellita u għar-ritrażmissjoni bil-*cable*, "tiġi evitata l-applikazzjoni kumulattiva ta' diversi liġijiet nazzjonali għall-istess xandira". Skond id-Direttiva, ir-*royalty* għandha tiġi rregolata esklużivament bil-liġi ta' l-Istat li minnu huwa trażmess is-sinjal, jiġifieri bil-liġi Franċiża. Madankollu, dan jippresupponi li l-imsemmija Direttiva tkun applikabbli, u għalhekk li t-trażmissjoni in kwistjoni tikkostitwixxi "komunikazzjoni lill-pubbliku permezz tas-satellita" fis-sens ta' din id-Direttiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li dan mhuwiex il-każ, wara li eżaminat il-karatteristiċi ta' din it-trażmissjoni (sinjali kkodifikati ġejjin mis-satellita li jistgħu jiġu riċevuti unikament permezz ta' tagħmir disponibbli biss għall-professjonisti, sinjali li, bil-maqlub tal-programmi, mhumiex intiżi biex jiġu riċevuti mill-pubbliku, l-eżistenza ta' ċirkuwitu awdjodiġitali terrestri li jippermetti t-trażmissjoni tas-sinjali f'każ li s-satellita ma taħdimx tajjeb). Ġaladarba dan mhuwiex il-każ ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku permezz tas-satellita" fis-sens tad-Direttiva 93/83, din id-Direttiva mhijiex applikabbli u, għaldaqstant, ma tipprekludix li, f'dan il-każ, ir-*royalty* tiġi rregolata kemm minn Franza kif ukoll mill-Ġermanja.

Għal dak li jirrigwarda l-possibbiltà li mir-*royalty* dovuta fi Franza titnaqqas dik imħallsa jew mitluba fil-Ġermanja, huwa rilevanti l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 92/100,[39] li jistabbilixxi r-rekwiżit ta' ħlas ekwu. Il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika li d-drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur huma ta' natura territorjali. F'dan il-każ, billi x-xandiriet isiru fit-territorju ta' żewġ Stati Membri, l-imsemmija drittijiet huma dovuti abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali taż-żewġ Stati Membri. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li mhux hi għandha tistabbilixxi l-modalitajiet preċiżi għad-determinazzjoni ta' ħlas ekwu uniformi. Huma l-Istati Membri biss li jistgħu jiddeterminaw, fit-territorju tagħhom, il-kriterji l-aktar pertinenti biex jiżguraw li l-kunċett Komunitarju ta' ħlas ekwu jiġi rrispettat. Madankollu, sabiex tiġi evalwata n-natura ekwa tal-ħlas, għandu jittieħed in kunsiderazzjoni l-valur ta' l-użu ta' fonogramma fil-kummerċ, u b'mod partikolari, għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni l-aspetti kollha tat-trażmissjoni, bħal, b'mod partikolari, is-semmiegħa attwali, is-semmiegħa potenzjali u l-verżjoni lingwistika tat-trażmissjoni. F'dan il-każ, kompliet il-Qorti tal-Ġustizzja, ix-xandir fil-Ġermanja ma jnaqqasx il-valur ta' dan l-użu fi Franza. Barra minn hekk, jeżisti sfruttament kummerċjali effettiv fit-territorju Franċiż biss. Madankollu, peress li ma jistax jingħad li ma jeżistux semmiegħa attwali u potenzjali fil-Ġermanja, l-użu ta' fonogrammi protetti għandu, anki f'dan l-Istat, ċertu valur ekonomiku, imqar jekk żgħir. Konsegwentement, jista' jintalab ħlas fil-Ġermanja. Il-fatt li l-valur ekonomiku jkun żgħir għandu effett biss fuq ir-rata ta' din ir-*royalty*, mhux fuq il-prinċipju tagħha. Din ir-*royalty* hija l-ħlas għall-użu ta' fonogrammi f'dan l-Istat; il-ħlas tagħha m'għandux jitqies meta jiġi kkalkulat il-ħlas ekwu fi Franza u m'għandux jitnaqqas minnu.

Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Ottubru 2005 fil-kawżi *Schulte*, C-350/03 u *Crailsheimer Volksbank*, C-229/04 (li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġabra), ingħataw wara li tressqu domandi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja minn żewġt iqrati Ġermaniżi, il-Landgericht Bochum u l-Hanseatisches Oberlandesgericht fi Bremen, li jirrigwardaw l-interpret-

39 Direttiva tal-Kunsill 92/100/KEE tad-19 ta' Novembru 1992 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (ĠU L 346, 1992, p. 61).

azzjoni tad-Direttiva "bejgħ bieb bieb" ta' l-1985 (Direttiva 85/577).[40] Iż-żewġt iqrati tar-rinviju kellhom quddiemhom kawżi bejn investituri fl-immobbli u banek dwar investimenti finanzjarji li n-negozjati prekontrattwali tagħhom seħħew f'sitwazzjoni ta' bejgħ bieb bieb. L-investimenti jikkonsistu, b'mod partikolari, f'kuntratt ta' xiri ta' proprjetà immobbli, konkluż ma' kumpannija li tinnegozja fl-immobbli, u kuntratt ta' self, konkluż mal-bank, intiż sabiex jiffinanzja x-xiri. Dawn l-investimenti ġew proposti lill-konsumaturi waqt żjara fid-djar tagħhom magħmula minn aġent tal-kumpannija li tinnegozja fl-immobbli jew minn aġent indipendenti.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-Direttiva ma tagħtix lill-konsumatur id-dritt li jħassar kuntratt ta' xiri ta' proprjetà immobbli, anki jekk dan il-kuntratt jifforma parti minn investiment finanzjarju li l-finanzjament tiegħu jkun assigurat permezz ta' self u li n-negozjati prekontrattwali tiegħu jkunu seħħew, kemm fir-rigward tal-kuntratt ta' xiri tal-proprjetà immobbli kif ukoll fir-rigward tal-kuntratt ta' self li intiż għall-finanzjament tax-xiri, fil-kuntest ta' sitwazzjoni ta' bejgħ bieb bieb. Fil-fatt, minkejja li din id-Direttiva hija intiża sabiex tipproteġi lill-konsumatur kontra r-riskji speċifiċi għall-konklużjoni ta' kuntratt, b'mod partikolari waqt żjara tal-kummerċjant fid-dar tal-konsumatur, billi tagħtih id-dritt, taħt ċerti kundizzjonijiet, li jħassar il-kuntratt, hija teskludi espressament u b'mod inekwivoku mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetà immobbli.

Barra minn hekk, id-Direttiva ma timpedixxix regoli nazzjonali li jikkontemplaw biss bħala konsegwenza tat-tħassir ta' kuntratt ta' self l-annullament tal-kuntratt stess, anki fil-każ ta' investimenti finanzjarji li għalihom is-self ma jkunx ingħata fin-nuqqas ta' xiri tal-proprjetà immobbli.

Minbarra dan, jekk il-konsumatur ikun ġie informat mill-bank dwar id-dritt tiegħu li jħassar il-kuntratt ta' self, id-Direttiva ma timpedixxix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi l-obbligu fuq il-konsumatur, f'każ ta' tħassir ta' kuntratt ta' self għal proprjetà immobbli, mhux biss li jħallas lura l-ammonti rċevuti bis-saħħa ta' dan il-kuntratt, iżda wkoll li jħallas lill-persuna li tagħti s-self l-interessi bir-rata tas-suq.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, f'sitwazzjonijiet bħal dawk fil-kawżi in kwistjoni, fejn il-konsumatur ma ġiex informat dwar id-dritt tiegħu li jħassar il-kuntratt ta' self, huwa l-bank li għandu jbati r-riskji inerenti għall-investimenti in kwisjtoni. Fil-fatt, kieku ġie informat mill-bank fi żmien xieraq, il-konsumatur kien ikun f'pożizzjoni li jerġa' lura mid-deċiżjoni tiegħu li jikkonkludi dan il-kuntratt u, f'dan il-każ, ma kienx jikkonkludi, f'data ulterjuri, il-kuntratt ta' xiri quddiem nutar. B'hekk, kien ikun f'pożizzjoni li jevita li jesponi ruħu għar-riskji li l-valur tal-proprjetà immobbli fil-mument tax-xiri jkun stmat għoli żżejjed, li d-dħul mill-kiri previst ma jitwettaqx u li l-istennija li l-prezz tal-proprjetà jiżdied tirriżulta żbaljata. Huma l-leġiżlatur u l-qrati nazzjonali li għandhom jiggarantixxu l-protezzjoni tal-konsumatur kontra l-konsegwenzi fil-każ li jseħħu dawn ir-riskji.

[40] Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1985 biex tħares lill-konsumatur rigward kuntratti nnegozjati barra mill-lok tan-negozju (ĠU L 372, 1985, p. 31).

**3.10.** Fil-qasam tad-dritt soċjali, tliet sentenzi li jirrigwardaw, rispettivament, is-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, il-protezzjoni tal-mara tqila marbuta mal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bejn ħaddiema rġiel u ħaddiema nisa, u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni kontra ħaddiema anzjani, huma ta' interess partikolari.

Fil-kawża C-478/03, *Celtec*, li tat lok għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Mejju 2005 (Ġabra p. I-4389), il-House of Lords staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-modalitajiet ta' applikazzjoni tad-Direttiva 77/187[41] għall-privatizzazzjoni tas-servizzi ta' taħriġ vokazzjonali f'Wales.

Fil-kuntest ta' riforma amministrattiva, imwettqa fl-1989, il-Gvern tar-Renju Unit pprovda għat-twaqqif ta' "Training and Enterprise Councils" ("TEC") li ħadu l-kontroll ta' aġenziji lokali ffinanzjati mill-Gvern u amministrati minn uffiċjali tas-servizz pubbliku li kienu responsabbli mill-programmi ta' taħriġ taż-żgħażagħ u tal-persuni qiegħda. Għat-twettiq ta' din il-privatizzazzjoni gradwali, it-TEC setgħu jagħmlu użu mill-bini tad-Department of Employment (Ministeru ta' l-Impjieg) u kellhom aċċess liberu għas-sistemi ta' informazzjoni u għad-*databases*. Il-membri tal-persunal ta' l-aġenziji lokali ġew issekondati biex jaħdmu mat-TEC għal perijodu inizjali ta' tliet snin, filwaqt li żammew l-istatus ta' uffiċjali tas-servizz pubbliku. L-impjegati tad-Department of Employment komplew iwettqu l-istess xogħol fl-istess bini, taħt is-superviżjoni tat-TEC. Madankollu, kien previst, f'ittra mibgħuta mis-Secretary of State lill-Presidenti ta' l-i"Staffing Group" (grupp inkarigat mill-kwistjonijiet li jolqtu l-persunal) tat-TEC fis-16 ta' Diċembru 1991, li t-TEC eventwalment isiru dawk li jħaddmu lil dawn l-impjegati. Fi tmiem il-perijodu ta' sekondar tagħhom, l-impjegati setgħu jagħżlu jew li jirritornaw jaħdmu mad-Department of Employment billi jingħataw xogħol ieħor, jew li jkomplu x-xogħol tagħhom bħala impjegati tat-TEC. F'dan il-kuntest, fl-1992, id-Department of Employment ikkonkluda ftehim mat-TEC li jiddefinixxi l-obbligi rispettivi tagħhom fir-rigward ta' l-uffiċjali li biddlu l-istatus tagħhom biex isiru impjegati tat-TEC.

Id-domandi preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-kunċett ta' "data tat-trasferiment" fis-sens ta' l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 77/187 fil-każ ta' trasferiment fil-forma ta' operazzjoni kumplessa li sseħħ f'diversi fażijiet.

Wara li, preliminarjament, spjegat li l-privatizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ vokazzjonali jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 77/187, il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet lill-qorti tar-rinviju fis-sens li t-trasferiment tal-kuntratti u tar-relazzjonijiet ta' impjieg, skond l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 77/187, iseħħ neċessarjament fl-istess data tat-trasferiment ta' l-impriża. Id-data ta' dan it-trasferiment hija d-data li fiha r-responsabbiltà ta' min iħaddem għat-tmexxija tan-negozju ta' l-entità ttrasferita tgħaddi minn min jittrasferixxi lill-persuna li lilha tiġi trasferita l-entità. Din id-data hija mument partikolari, li ma jistax jiġi pospost skond ir-rieda ta' min jittrasferixxi jew tal-persuna li lilha tiġi trasferita l-entità.

Minn dan isegwi, żiedet tgħid il-Qorti tal-Ġustizzja, li, skond l-imsemmi Artikolu 3(1), il-kuntratti u r-relazzjonijiet ta' impjieg eżistenti, fid-data tat-trasferiment imsemmija f'din id-dispożizzjoni, bejn min jittrasferixxi u l-impjegati assenjati lill-impriża trasferita jitqiesu

[41] Direttiva tal-Kunsill 77/187/KEE ta' l-14 ta' Frar 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU L 61, 1977, p. 26).

li ġew trasferiti, fl-imsemmija data, minn min jittrasferixxi lill-persuna li lilha tiġi trasferita l-impriża, indipendentement mill-modalitajiet li jkunu ġew miftiehma minn dawn ta' l-aħħar f'dan ir-rigward.

Fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Settembru 2005, *McKenna*, C-191/03 (li għadha ma ġietx ip-pubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha, għal darb'oħra, tittratta l-kwistjoni tad-drittijiet tal-mara impjegata tqila fl-ordni ġuridiku Komunitarju u l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni bejn ħaddiema rġiel u ħaddiema nisa.

Is-Sinjura McKenna ħarġet tqila fix-xahar ta' Jannar 2000. Hija kellha tieħu *leave* għal mard fuq parir mediku, minħabba kundizzjoni patoloġika marbuta mat-tqala tagħha u li sofriet minnha matul kważi l-perijodu kollu tat-tqala. Billi l-persuna kkonċernata eżawriet id-drittijiet tagħha għal paga sħiħa matul il-perijodu tal-*leave* tagħha għal mard, il-paga tagħha ġiet imnaqqsa bin-nofs mis-6 ta' Lulju 2000. Mit-3 ta' Settembru sal-11 ta' Diċembru 2000, is-Sinjura McKenna kienet bil-*leave* għal maternità u rċeviet il-paga tagħha sħiħa. Billi meta spiċċa dan il-*leave* s-Sinjura McKenna kienet għadha mhijiex fi stat tajjeb biex taħdem minħabba raġunijiet mediċi, il-paga tagħha ġiet imnaqqsa mill-ġdid bin-nofs. Barra minn hekk, il-perijodu li fih is-Sinjura McKenna kienet assenti mix-xogħol minħabba l-istat ta' tqala tagħha ġie mnaqqas mid-drittijiet tagħha għal *leave* għal mard.

Il-kwistjoni li tinsab fil-qalba ta' din il-kawża hija jekk inkapaċità li taħdem ikkawżata minn stat patoloġiku marbut mat-tqala u li sseħħ matul il-perijodu tat-tqala tistax, skond id-dritt Komunitarju, tiġi kkunsidrata bħala inkapaċità li taħdem dovuta għal marda tkun xi tkun u tiġi mnaqqsa min-numru ta' ġranet li fihom, skond is-sistema ta' *leave* għal mard applikabbli f'dan il-każ, l-impjegati jkollhom id-dritt li jibqgħu jirċievu l-paga tagħhom sħiha, u sussegwentement paga parzjali.

Permezz tad-domandi preliminari tagħha, il-Labour Court Irlandiża saqsiet, fl-ewwel lok, jekk is-sistema nazzjonali in kwistjoni taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 141(1) u (2) KE u tad-Direttiva 75/117,[42] jew fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 76/207.[43] Il-qorti tar-rinviju tfittex li ssir taf, fit-tieni lok, jekk, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju applikabbli, tali sistema għandhiex tiġi kkunsidrata bħala diskriminatorja.

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju applikabbli f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li sistema ta' *leave* għal mard li tittratta bl-istess mod ħaddiema nisa li jsofru minn marda marbuta mat-tqala u l-ħaddiema l-oħra li jsofru minn marda li mhix marbuta mat-tqala taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 141 KE u tad-Direttiva 75/117.

Fil-fatt, tali sistema tiddefinixxi l-kundizzjonijiet fejn il-ħaddiem jibqa' jitħallas il-paga fil-każ ta' assenza minħabba mard. Din is-sistema tipprovdi għall-ħlas sħiħ tal-paga sakemm ma jinqabiżx perijodu massimu annwali u, jekk dan il-perijodu jinqabeż, il-ħlas tal-paga

[42] Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE ta' l-10 ta' Frar 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-ligijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irgiel u għan-nisa (ĠU L 45, 1975, p. 19).

[43] Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE tad-9 ta' Frar 1976 dwar l-implementazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kundizzjonijiet tax-xogħol (ĠU L 39, 1976, p. 40).

jaqa' b'50% għal perijodu massimu totali determinat għal perijodu ta' erba' snin. Sistema bħal din, li twassal għal tnaqqis tal-paga u sussegwentement għat-tmiem tad-dritt għall-paga, topera awtomatikament, fuq il-bażi ta' kalkolu aritmetiku tal-ġranet ta' assenza minħabba mard.

F'dak li jirrigwarda t-tieni aspett tad-domandi preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li s-sistema ta' *leave* għal mard in kwistjoni f'din il-kawża mhijiex diskriminatorja.

Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Artikolu 141 KE u d-Direttiva 75/117 għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn li ġejjin ma jammontawx għal diskriminazzjoni sesswali:

- regola ta' sistema ta' *leave* għal mard li tistabbilixxi, fil-każ ta' ħaddiema nisa assenti qabel il-*leave* għal maternità minħabba marda marbuta mat-tqala tagħhom, bħal fil-każ ta' ħaddiema rġiel assenti minħabba mard ieħor, li jkun hemm tnaqqis fil-paga meta l-assenza teċċedi ċertu żmien, sakemm ħaddiema mara tiġi ttrattata bl-istess mod bħal ħaddiem raġel li jkun assenti minħabba mard u sakemm l-ammont ta' ħlas magħmul ma jkunx tant baxx li jmur kontra l-għan li jiġu protetti ħaddiema li jkunu tqal;
- regola ta' sistema ta' *leave* għal mard li tistabbilixxi li assenzi minħabba mard għandhom jitnaqqsu mit-total massimu ta' numru ta' ġranet ta' *leave* għal mard bi ħlas li għalihom ħaddiem huwa intitolat matul perijodu determinat, irrispettivament jekk il-marda hijiex jew le marbuta mat-tqala, sakemm it-tnaqqis ta' l-assenzi minħabba mard marbuta mat-tqala ma jkollux l-effett li, matul l-assenza affettwata b'dan it-tnaqqis wara l-*leave* għal maternità, il-ħaddiema mara tirċievi paga li hi inferjuri għall-ammont minimu li għalih hija kienet intitolata matul il-marda li seħħet waqt li hi kienet tqila.

Is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2005, *Mangold*, C-144/04 (li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), tixħet dawl interessanti fuq il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni marbuta ma' l-età, f'dak li għandu x'jaqsam mal-politika soċjali. F'din il-kawża, l-Arbeitsgericht München (il-Ġermanja) ressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja serje ta' domandi preliminari fil-kuntest ta' kawża bejn ħaddiem u min iħaddmu dwar l-applikazzjoni tal-Liġi Ġermaniża dwar ix-xogħol *part-time* u l-kuntratti għal żmien determinat. Din il-liġi tawtorizza li, sa l-aħħar ta' Diċembru 2006, jiġu konklużi kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat mingħajr restrizzjonijiet fir-rigward tar-raġuni, tat-terminu jew tat-tiġdid, meta l-ħaddiem ikun laħaq l-età ta' 52 sena, sakemm ma tkunx teżisti rabta stretta ma' kuntratt ta' xogħol preċedenti għal żmien mhux determinat konkluż ma' l-istess persuna li tħaddem. Issa d-Direttiva 2000/78,[44] li d-domandi preliminari kienu jirrigwardaw l-interpretazzjoni tagħha, hija intiża sabiex tistabbilixxi qafas ġenerali biex tikkumbatti ċerti forom ta' diskriminazzjoni, fil-qasam ta' l-impjieg u tax-xogħol, fosthom id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età. It-trattament differenti bbażat direttament fuq l-età huwa, għalhekk, bħala regola, ipprojbit. Madankollu, l-Artikolu 6(1) ta' din id-Direttiva jawtorizza lill-Istati Membri jipprovdu li tali trattament differenti ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest tal-liġi nazzjonali, ikun oġġettivament u raġonevolment iġġustifikat b'għan leġittimu relattiv, b'mod partikolari, għall-politika ta' l-impjieg jew għas-suq tax-xogħol, u jekk il-mezzi biex jintlaħqu dawn l-għanjiet ikunu approprjati u neċessarji. F'dan ir-rigward, id-Direttiva taħseb, per eżempju, għal kundizzjonijiet speċjali ta' aċċess għall-impjieg, ta' impjieg u ta' xogħol, inklużi l-kun-

[44] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2000, p. 16).

dizzjonijiet ta' sensji, għall-ħaddiema ta' età, sabiex tkun promossa l-integrazzjoni professjonali tagħhom jew tkun żgurata l-protezzjoni tagħhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-għan tal-liġi Ġermaniża huwa ċar: li tiffavorixxi d-dħul tal-ħaddiema anzjani qiegħda fil-ħajja tax-xogħol. Skond il-Qorti tal-Ġustizzja, wieħed ma jistax raġonevolment iqiegħed fid-dubju l-legalità ta' tali għan ta' interess ġenerali, b'mod li għandu, bħala regola, jiġi kkunsidrat bħala li jiġġustifika "oġġettivament u raġonevolment", fis-sens ta' l-imsemmija dispożizzjoni, differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età. Madankollu, il-mezzi implementati sabiex jintlaħaq dan l-għan legali għandhom ikunu "approprjati u neċessarji". Skond il-Qorti tal-Ġustizzja, fuq dan il-punt, huwa inkontestabbli li l-Istati Membri jiddisponu minn marġini ta' diskrezzjoni fl-għażla tal-miżuri li jistgħu jadottaw sabiex jilħqu l-għanijiet tagħhom fil-qasam tal-politika soċjali u ta' l-impjieg. Iżda, fil-każ tal-leġiżlazzjoni Ġermaniża, wieħed jasal għal sitwazzjoni fejn il-ħaddiema kollha li jkunu laħqu l-età ta' 52 sena, mingħajr distinzjoni, jistgħu, sakemm jirtiraw, jingħataw kuntratti għal żmien determinat li jistgħu jiġu mġedda indefinittivament, kemm jekk dawn il-ħaddiema kienu bla xogħol qabel il-konklużjoni tal-kuntratt kemm jekk le, u kien x'kien it-tul tal-perijodu ta' qgħad. Ir-riskju huwa li dawn il-ħaddiema jiġu, matul parti sostanzjali tal-karriera tagħhom, esklużi mill-benefiċċju ta' l-istabbilità ta' l-impjieg, li madankollu jikkostitwixxi element importanti fil-protezzjoni tal-ħaddiema. Skond il-Qorti tal-Ġustizzja, tali leġiżlazzjoni tmur lil hinn minn dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex u, għaldaqstant, ma tistax tiġi ġġustifikata taħt l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78.

Din il-kawża qajmet ukoll kwistjoni oħra. Fil-fatt, kif awtorizzat bid-Direttiva 2000/78, it-terminu għat-traspożizzjoni tagħha, fir-rigward tal-Ġermanja, ġie mtawwal sat-2 ta' Diċembru 2006, b'mod li kien għadu ma skadiex meta ġie konkluż, f'dan il-każ, il-kuntratt ta' xogħol in kwistjoni. Dan wassal lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tikkonstata li dan il-fatt mhuwiex rilevanti. Fil-fatt, skond il-ġurisprudenza tagħha, matul it-terminu ta' traspożizzjoni ta' direttiva, l-Istati Membri m'għandhomx jadottaw miżuri li jistgħu jikkompromettu serjament ir-riżultat li jrid jintlaħaq mill-istess direttiva. Iżda jingħad iżjed minn hekk. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li mhijiex id-Direttiva 2000/78 li tistabbilixxi l-prinċipju tat-trattament ugwali fil-qasam ta' l-impjieg u tax-xogħol. Dan huwa prinċipju li għandu s-sors tiegħu f'diversi strumenti internazzjonali u fit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni ta' l-Istati Membri, b'mod li l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni bbażat fuq l-età għandu jiġi kkunsidrat bħala prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju. Il-ħarsien ta' dan il-prinċipju ġenerali ma jistax, bħala tali, jiddependi fuq l-iskadenza tat-terminu mogħti lill-Istati Membri biex tiġi trasposta direttiva intiża sabiex tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età. Għaldaqstant, il-qorti nazzjonali li jkollha quddiemha kawża li tinvolvi l-imsemmi prinċipju għandha tassigura, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħha, il-protezzjoni ġuridika tal-partijiet li tirriżulta mid-dritt Komunitarju u tiggarantixxi l-effett totali tiegħu billi ma tapplika ebda dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li tmur kontra d-dritt Komunitarju, u dan anki jekk it-terminu ta' traspożizzjoni ta' l-imsemmija direttiva jkun għadu ma skadiex.

Fir-rigward tad-dritt tal-kumpanniji, għandha tissemma s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-3 ta' Mejju 2005, fil-kawżi magħquda C-387/02, C-391/02 u C-403/02, *Berlusconi et* (Ġabra p. I-3565), li jidħlu fil-kuntest ta' proċeduri kriminali li fihom diversi persuni fiżiċi tressqu quddiem il-qrati Taljani għal falsifikazzjoni ta' kontijiet mwettqa qabel l-2002, data li fiha daħlu fis-seħħ, fl-Italja, dispożizzjonijiet kriminali ġodda għal dan it-tip ta' reat.

Skond il-qrati Taljani, l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda, li huma iktar favorevoli minn dawk ta' qabel, jimpedixxu li jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-akkużati. Dawn id-dispożizzjonijiet jipprovdu terminu ta' preskrizzjoni sostanzjalment iqsar (erba' snin u nofs minflok massimu ta' seba' snin u nofs), il-ħtieġa, sabiex jinbdew il-proċedimenti, li ssir kwerela minn soċju jew minn kreditur li jqis ruħu ppreġudikat minħabba l-falsifikazzjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' pieni għall-falsifikazzjonijiet b'effetti mhux sinjifikattiv jew ta' importanza minima li ma jeċċedux ċerti limiti.

Kien f'dan il-kuntest li t-Tribunale di Milano u l-Corte d'Appello di Lecce staqsew lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk ir-reat ta' falsifikazzjoni ta' kontijiet huwiex kopert bl-Ewwel Direttiva Kumpanniji (l-Ewwel Direttiva 68/151)[45] u jekk id-dispożizzjonijiet il-ġodda Taljani humiex kumpatibbli mar-rekwiżit tad-dritt Komunitarju li l-pieni previsti fil-liġijiet nazzjonali għal ksur ta' dispożizzjonijiet Komunitarji jkunu ta' natura xierqa, jiġifieri, effettivi, proporzjonali u dissważivi.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-pieni għall-falsifikazzjoni ta' kontijiet huma intiżi sabiex jippenalizzaw ksur serju tal-prinċipju fundamentali stabbilit fir-Raba' u s-Seba' Direttivi Kumpanniji (ir-Raba' Direttiva 78/660[46] u s-Seba' Direttiva 83/349),[47] liema prinċipju jgħid li l-kontijiet annwali tal-kumpanniji għandhom jagħtu stampa vera u ġusta ta' l-attiv, tal-passiv, tas-sitwazzjoni finanzjarja, kif ukoll tal-qligħ jew telf ta' dawn ta' l-aħħar.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li s-sistema tal-pieni fil-każ ta' nuqqas ta' pubblikazzjoni tal-kontijiet annwali, prevista fl-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Direttiva għandha tinftiehem li tkopri mhux biss il-każ ta' assenza ta' kull pubblikazzjoni tal-kontijiet annwali, iżda wkoll dak ta' pubblikazzjoni ta' kontijiet annwali li ma jkunux ġew ikkompilati skond ir-regoli preskritti fir-Raba' Direttiva, fi kliem ieħor, il-pubblikazzjoni ta' dokumenti foloz. Minnaħa l-oħra, l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Direttiva ma jistax jiġi meqjus bħala applikabbli fil-każ ta' inadempjenza ma' l-obbligi relattivi għall-kontijiet ikkonsolidati, stabbiliti fis-Seba' Direttiva, li l-Ewwel Direttiva b'ebda mod ma tirreferi għalilhom.

Stabbilita din il-konstatazzjoni, il-qorti Komunitarja kkunsidrat li l-prinċipju ta' l-applikazzjoni retroattiva tal-piena l-iktar ħafifa tifforma parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju li l-qorti nazzjonali għandha tirrispetta meta tapplika d-dritt nazzjonali adottat sabiex jimplementa d-dritt Komunitarju u, b'mod iktar partikolari, id-Direttivi dwar id-dritt tal-kumpanniji.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li r-rekwiżit li l-pieni fil-każ ta' nuqqas ta' pubblikazzjoni tal-kontijiet annwali jkunu ta' natura xierqa, impost bl-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Direttiva, ma jistax jiġi invokat bħala tali fil-konfront ta' akkużati mill-awtoritajiet ta' Stat

45 L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 68/151/KEE tad-9 ta' Marzu ta' l-1968 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni ta' l-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpanniji fissens tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 58 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti f'kull parti tal-Komunità (ĠU L 65, p. 8).

46 Ir-Raba' Direttiva tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju ta' l-1978 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji (78/660/KEE) (ĠU L 222, 1978, p. 11).

47 Is-Seba' Direttiva tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju ta' l-1983 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet konsolidati (83/349/KEE) (ĠU L 193, 1983, p. 1).

Membru fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, bil-għan li tiġi vverifikata l-kumpatibbiltà ma' dan ir-rekwiżit ta' dispożizzjonijiet kriminali iktar favorevoli għall-akkużati, li daħlu fis-seħħ wara li r-reati ġew kommessi, meta l-inkumpatibbiltà tagħhom jista' jkollha bħala effett l-esklużjoni ta' l-applikazzjoni tas-sistema ta' pieni l-iktar ħfief prevista f'dawn id-dispożizzjonijiet. Fil-fatt, direttiva, minnha nfisha u indipendentement minn liġi interna ta' Stat Membru adottata għall-implementazzjoni tagħha, ma tistax twassal sabiex tiddetermina jew taggrava r-responsabbiltà kriminali ta' l-akkużati.

**3.11.** Fil-qasam ta' l-ambjent, is-sentenza tas-7 ta' Lulju fil-kawża C-364/03, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Greċja* (li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), jistħoqqilha, b'mod partikolari, li tissemma. Din is-sentenza ngħatat fuq rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mressaq kontra r-Repubblika Ellenika, li fih il-Kummissjoni allegat li ma kinitx irrispettat l-obbligi imposti fuqha skond l-Artikolu 13 tad-Direttiva 84/360.[48]

Skond din id-Direttiva, l-Istati Membri kellhom sat-30 ta' Ġunju 1987 sabiex jittrasponu dan it-test (Artikolu 16) u jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jipprevjienu jew inaqqsu t-tniġġis ta' l-arja mill-impjanti industrijali ġewwa l-Komunità (Artikolu 1). L-impjanti kkonċernati bid-Direttiva huma elenkati fl-Anness 1 tad-Direttiva 84/360 li tkopri, b'mod partikolari, l-industriji ta' l-enerġija, li minnhom jifformaw parti ċ-ċentrali termali, ħlief għaċ-ċentrali nukleari. L-Artikolu 13 tad-Direttiva jiddisponi li l-Istati Membri għandhom jimplementaw politiki u strateġiji, kif ukoll miżuri xierqa, "sabiex jadattaw l-impjanti eżistenti għall-aħjar teknoloġija disponibbli" filwaqt li jieħdu in kunsiderazzjoni kriterji bħalma huma l-karatteristiċi tekniċi ta' l-impjant, ir-rata ta' l-użu u t-tul tal-bqija tal-ħajja ta l-impjant, in-natura u l-volum ta' l-emissjonijiet ta' tniġġis mill-impjant u l-limitazzjoni ta' l-ispejjeż.

F'dan il-każ, ċentrali termali Griega stabbilita fi Kreta kienet is-suġġett ta' lment dwar tniġġis ambjentali, li wassal lill-Kummissjoni sabiex tinteressa ruħa fil-funzjonament taċ-ċentrali u fl-osservanza tad-Direttiva 84/360 min-naħa ta' l-awtoritajiet Elleniċi. Il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm ksur ta' l-Artikolu 13 tad-Direttiva, b'mod partikolari billi l-emissjonijiet ta' dijossidu tal-kubrit u ta' ossidu tan-nitroġenu miċ-ċentrali ma naqsux bejn l-1992 u l-2002 u billi l-Greċja ma adottatx valuri limitu għall-emissjonijiet minn impjanti industrijali u għaldaqstant iddeċidiet li tressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Madankollu, il-Gvern Elleniku wieġeb li ttieħdu miżuri biex iċ-ċentrali tiġi estiża u biex tiġi implementata politika u strateġija speċifika għall-adattament taċ-ċentrali għall-aħjar teknolooġija disponibbli. Barra minn hekk, huwa sostna li l-kwalità ta' l-ambjent fir-reġjun hija eċċellenti u li l-livell baxx ta' tniġġis ma kien jippreżenta ebda periklu għas-saħħa pubblika.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret l-obbligi li joħorġu mill-Artikolu 13 tad-Direttiva u fil-ħtieġa li l-impjanti jiġu adattati għall-iżvilupp tat-teknoloġija disponibbli. Il-Qorti tal-Ġustizzja wara għaddiet biex tiddikjara li, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Elleniku, l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 84/360 jagħti definizzjoni tat-tniġġis ta' l-arja li tgħid li din tikkonsisti fit-"tidħil mill-bniedem, direttament jew indirettament, ta' sustanzi jew ta'

48 Direttiva tal-Kunsill 84/360/KEE tat-28 ta' Ġunju 1984 dwar il-ġlieda kontra t-tniġġis fl-arja mill-impjanti industrijali (ĠU L 188, 1984, p. 20).

enerġija fl-arja li jirriżultaw f'effetti ta' ħsara ta' natura li jipperikolaw saħħet il-bniedem u jagħmlu ħsara lill-organiżmi ħajjin u lill-eko-sistemi".

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li "ġaladarba huwa paċifiku li l-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem kif ukoll lill-organiżmi ħajjin u lill-ekosistemi, l-obbligu ta' l-Istati Membri li jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex inaqqsu l-emissjonijiet ta' dawn is-sustanzi ma jiddependix mis-sitwazzjoni ambjentali ġenerali tar-reġjun li fih huwa stabbilit l-impjant industrijali in kwistjoni". Stat Membru li ma jiddefinixxix politiki u strateġiji sabiex jadatta l-unitajiet ta' turbini li jaħdmu bl-istim u l-unitajiet ta' turbini li jaħdmu bil-gass ta' ċentrali elettrika għall-aħjar teknoloġija disponibbli, jonqos li jwettaq l-obbligi imposti fuqu skond l-Artikolu 13 tad-Direttiva 84/360.

Għalkemm l-Artikolu 13 tad-Direttiva 84/360 ma jobbligax espressament lill-Istati Membri li jadottaw valuri limitu għall-emissjonijiet minn impjanti industrijali, għandu jiġi rrilevat, madankollu, li l-adozzjoni ta' valuri limitu għall-emissjonijiet minn tali impjanti tikkostitwixxi miżura utli ferm fil-kuntest ta' l-implementazzjoni ta' politika jew ta' strateġija fis-sens ta' l-imsemmi Artikolu 13.

Jista' tiġi kkunsidrat, bħala miżura ta' adattament ta' impjant industrijali bħal ċentrali elettrika għall-aħjar teknoloġija disponibbli, it-tnaqqis tal-kontenut massimu ta' prodotti li jagħmlu ħsara li jinsabu fil-kombustibbli, billi tali tnaqqis jista' jbaxxi notevolment il-livell tat-tniġġis ta' l-arja li ġej minn tali impjant. Madankollu, dan jippresupponi li l-kontenut ta' prodotti li jagħmlu ħsara li jinsabu fil-kombustibbli kkonċernat jikkorrispondi ma' l-iktar kontenut baxx disponibbli fis-suq. Jistgħu wkoll jikkostitwixxu miżuri ta' adattament ta' ċentrali għall-aħjar teknoloġija disponibbli, is-sostituzzjoni progressiva tal-*burners* kif ukoll il-miżuri ta' sorveljanza u ta' monitoraġġ ta' l-emissjonijiet, bil-kundizzjoni, madankollu, li flimkien ma' dawn ta' l-aħħar jittieħdu azzjonijiet oħra li jkollhom effett dirett fuq l-emissjonijiet taċ-ċentrali kkonċernata.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li r-Repubblika Ellenika naqset li twettaq l-obbligi imposti fuqha skond l-Artikolu 13 tad-Direttiva 84/360.